Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat

# Il-Protokoll tat-23 ta’ Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta’ Manteniment

## Test adottat mill-Wieħed u Għoxrin Sessjoni

## Rapport ta’ spjegazzjoni ta’

Andrea Bonomi

Editjat mill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza
Scheveningseweg 6, L-Aja, il-Pajjiżi l-Baxxi

HCCH
HAGUE CONFERENCE ON PRIVATE INTERNATIONAL LAW
CONFÉRENCE DE LA HAYE DE DROIT INTERNATIONAL PRIVÉ

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat

# Il-Protokoll tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment

Test adottat mill-Wieħed u Għoxrin Sessjoni

## Rapport ta' spjegazzjoni ta'

Andrea Bonomi

Editjat mill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza
Scheveningseweg 6, L-Aja, il-Pajjiżi l-Baxxi

HCCH
HAGUE CONFERENCE ON PRIVATE INTERNATIONAL LAW
CONFÉRENCE DE LA HAYE DE DROIT INTERNATIONAL PRIVÉ

Il-Kummissjoni Ewropea

© Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat 2013

Id-drittijiet kollha miżmuma. L-ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta, maħżuna f'sistema minn fejn tista’ terġa’ tittella’, jew trażmessa bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, fosthom iffotokopjar jew irreġistrar, mingħajr il-permess bil-miktub tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

It-traduzzjoni tal-*Protokoll fuq il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi tal-Manteniment* u r-Rapport ta' Spjegazzjoni mis-Sur Andrea Bonomi fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea (bl-eċċezzjoni tal-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż) kienet possibbli grazzi għall-ġenerożità tal-Kummissjoni Ewropea / id-Direttorat Ġenerali tal-Ġustizzja. Il-verżjoni ta' din il-pubblikazzjoni bil-Ġermaniż hija l-frott ta' ħidma konġunta bejn il-gvernijiet tal-Awstrija, il-Ġermanja u l-Isvizzera.

Il-verżjonijiet uffiċjali ta' din il-pubblikazzjoni huma disponibbli fuq is-sit tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (<www.hcch.net>) bl-Ingliż u bil-Franċiż. It-traduzzjonijiet ta’ din il-pubblikazzjoni f'lingwi oħra ħlief l-Ingliż u l-Franċiż ma ġewx riveduti mill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

ISBN 978-92-79-39264-1

Stampat fil-Belġju

# Prefazju

1 *Din il-pubblikazzjoni fiha testi awtentiċi, bl-Ingliż u bil-Franċiż, tal-*Protokoll dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment *u r-Rapport ta' Spjegazzjoni mis-Sur Andrea Bonomi.*

2 *It-testi stipulati f'din l-edizzjoni sejrin jidhru fil-*Proċeduri tal-Wieħed u Għoxrin Sessjoni, *u l-pubblikazzjoni tkun tinkludi, minbarra l-paġni riprodotti hawnhekk, id-dokumenti preliminari, ir-rapporti u l-minuti relatati mal-ħidma tat-Tieni Kummissjoni tal-Wieħed u Għoxrin Sessjoni. Dan il-volum, li ser ikun ippubblikat aktar tard, jista' jkun ordnat mill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja (ara hawn taħt, fil-paragrafu 5).*

3 *Ir-Rapport ta' Spjegazzjoni mis-Sur Bonomi jservi ta' kummentarju dwar il-Protokoll adottat mill-Wieħed u Għoxrin Sessjoni, li huwa stipulat fl-Att Finali tat-23 ta' Novembru 2007. Dan ir-Rapport ġie tradott għall-Ingliż mis-Sur Peter Wells.*

4 *Il-Protokoll kien adottat mill-Wieħed u Għoxrin Sessjoni fit-23 ta' Novembru 2007 u jġib dik id-data. Kien approvat mill-Unjoni Ewropea fit-8 ta' April 2010 u ffirmat mis-Serbja fit-18 ta' April 2012.*

5 *L-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, 6 Scheveningseweg, 2517 KT L-Aja, il-Pajjiżi l-Baxxi, bi pjaċir jipprovdi l-informazzjoni dwar il-ħidma tal-Konferenza lil dawk interessati.*

*L-Aja, Marzu 2013.*

Il-Protokoll

## Silta mill-Att Finali
## tal-Wieħed u Għoxrin Sessjoni
## ffirmat fit-23 ta' Novembru 2007*

PROTOKOLL DWAR IL-LIĠI APPLIKABBLI GĦALL-OBBLIGI TA' MANTENIMENT

L-Istati firmatarji ta' dan il-Protokoll,

Filwaqt li jixtiequ jistabilixxu dispożizzjonijiet komuni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment,

Filwaqt li jixtiequ jimmodernizzaw *il-Konvenzjoni tal-Aja tal-24 ta' Ottubru 1956 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment lejn it-tfal u l-Konvenzjoni tal-Aja tat-2 ta' Ottubru 1973 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment,*

Filwaqt li jixtiequ jiżviluppaw regoli ġenerali dwar il-liġi applikabbli li jistgħu jissupplimentaw *il-Konvenzjoni tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' Manteniment għat-Tfal u Forom Oħra ta' Manteniment tal-Familja,*

Iddeċidew li jikkonkludu Prototkoll għal dan il-għan u ftiehmu dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin –

*Artikolu 1 Kamp ta' applikazzjoni*

1 Dan il-Protokoll jiddetermina l-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni familjali, filjazzjoni, żwieġ jew affinità, inkluż l-obbligu ta' manteniment lejn il-wild indipendentement mill-istat ċivili tal-ġenituri.

2 Deċiżjonijiet mogħtija fl-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżistenza ta' kwalunkwe relazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 2 Applikazzjoni universali*

Dan il-Protokoll japplika anki jekk il-liġi applikabbli tkun ta' Stat li mhuwiex Kontraenti.

*Artikolu 3 Regola ġenerali dwar il-liġi applikabbli*

1 L-obbligi ta' manteniment ikunu rregolati mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur, sakemm il-Protokoll ma jipprevedix mod ieħor.

2 F'każ ta' bidla fir-residenza abitwali tal-kreditur, il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida tapplika mill-mument ta' meta sseħħ il-bidla.

* Għat-test sħiħ tal-Att Finali, ara l-*Proċeduri tal-Wieħed u Għoxrin Sessjoni (2007).*

*Artikolu 4 Regoli speċjali li jiffavorixxu lil ċerti kredituri*

1 Id-dispożizzjonjiet li ġejjin japplikaw f'każ ta' obbligi ta' manteniment ta' –

*a)* ġenituri lejn uliedhom;

*b)* persuni, li mhumiex il-ġenituri, lejn persuni li jkunu għadhom ma għalqux il-21 sena, bl-eċċezzjoni ta' obbligi li jirriżultaw mir-relazzjonjiet imsemmija fl-Artikolu 5; u

*c)* ulied lejn il-ġenituri tagħhom.

2 Jekk il-kreditur ma jkunx jista', minħabba fil-liġi msemmija fl-Artikolu 3, jikseb manteniment mingħand id-debitur, tapplika l-liġi tal-forum.

3 Minkejja l-Artikolu 3, jekk il-kreditur diġà jkun irrikorra għall-awtorità kompetenti tal-Istat fejn id-debitur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, tapplika l-liġi tal-forum. Madanakollu, jekk il-kreditur ma jkunx jista', permezz ta' din il-liġi, jikseb manteniment mingħand id-debitur, tapplika l-liġi tal-Istat fejn il-kreditur ikollu r-residenza abitwali.

4 Jekk il-kreditur ma jkunx jista', permezz tal-liġijiet imsemmija fl-Artikolu 3 u fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, jikseb manteniment mid-debitur, tapplika l-liġi tal-Istat tan-nazzjonalità komuni tagħhom, jekk ikun hemm .

*Artikolu 5 Regola speċjali li tirrigwarda l-konjuġi u l-ex-konjuġi*

F'każ ta' obbligu ta' manteniment bejn il-konjuġi, l-ex-konjuġi jew persuni li ż-żwieġ tagħhom ġie annullat, l-Artikolu 3 ma japplikax jekk waħda mill-partijiet toġġezzjona u jekk il-liġi ta' xi Stat ieħor, b'mod partikolari l-Istat fejn kellhom ir-residenza abitwali komuni tagħhom l-aħħar, ikollu konnessjoni aktar mill-qrib maż-żwieġ. F'dan il-każ, tapplika l-liġi ta' dak l-Istat l-ieħor.

*Artikolu 6 Regola speċjali dwar id-difiża*

F'każ ta' obbligi ta' manteniment li ma jirriżultawx mir-relazzjoni bejn il-ġenituri u wliedhom lejn wild u dawk imsemmija fl-Artikolu 5, id-debitur jista' jikkontesta talba mill-kreditur abbażi li mhemmx tali obbligu taħt il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur u l-liġi tal-Istat tan-nazzjonalità komuni tal-partijiet, jekk hemm waħda.

*Artikolu 7 L-għażla tal-liġi applikabbli għall-fini ta' proċedura partikolari*

1 Minkejja l-Artikoli 3 sa 6, il-kreditur u d-debitur tal-manteniment għall-fini biss ta' proċedura partikolari fi Stat speċifiku jistgħu jagħżlu espressament il-liġi ta' dak l-Istat bħala l-liġi applikabbli għal obbligu ta' manteniment.

2 Għażla magħmula qabel ma jibdew dawn il-proċeduri ssir bi ftehim, iffirmat miż-żewġ partijiet, bil-miktub jew irreġistrat fi kwalunkwe forma, u l-informazzjoni li tinsab

fih għandha tkun aċċessibbli biex tkun tista' tintuża sussegwentament bħala referenza.

*Artikolu 8 L-għażla tal-liġi applikabbli*

1 Minkejja l-Artikoli 3 sa 6, il-kreditur u d-debitur tal-manteniment jistgħu fi kwalunkwe ħin jagħżlu waħda mil-liġijiet li ġejjin bħala dik applikabbli għall-obbligu ta' manteniment –

*a)* il-liġi ta' kull Stat li tiegħu ikollhom iċ-ċittadinanza xi waħda mill-partijiet fil-mument tal-għażla;

*b)* il-liġi tal-Istat li tiegħu xi waħda mill-partijiet hija residenti abitwali fil-mument tal-għażla;

*c)* il-liġi magħżula mill-partijiet bħala applikabbli, jew il-liġi applikata *de facto* għar-reġim tal-proprjetà tagħhom;

*d)* il-liġi magħżula mill-partijiet bħala applikabbli, jew il-liġi applikata *de facto* għad-divorzju jew is-separazzjoni tagħhom.

2 Tali ftehim ikun bil-kitba jew irreġistrat fi kwalunkwe forma, u l-informazzjoni li tinsab fih għandha tkun aċċessibbli biex tkun tista' tintuża sussegwentament bħala referenza, u jkun iffirmat miż-żewġ partijiet.

3 Il-paragrafu 1 ma japplikax għall-obbligi ta' manteniment fir-rigward ta' persuna taħt l-età ta' 18-il sena jew ta' adult li, minħabba raġunijiet ta' indeboliment jew insuffiċjenza tal-fakultajiet personali tiegħu, mhux f'pożizzjoni li jipproteġi l-interessi tiegħu.

4 Minkejja l-liġi magħżula mill-partijiet skont il-paragrafu 1, il-kwistjoni ta' jekk il-kreditur jistax jirrinunzja għad-dritt tiegħu ta' manteniment tiġi ddeterminata mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur fil-mument tal-għażla.

5 Sakemm fil-mument tal-għażla l-partijiet ma jkunux ġew infurmati bis-sħiħ dwar u magħmula konxji mill-konsegwenzi tal-għażla tagħhom, il-liġi magħżula mill-partijiet ma tapplikax jekk l-applikazzjoni ta' dik il-liġi twassal għal konsegwenzi manifestament inġusti u irraġonevoli għal xi waħda mill-partijiet.

*Artikolu 9 "Domiċilju" minflok "nazzjonalità"*

Stat li għandu l-kunċett ta' "domiċilju" bħala fattur ta' konnessjoni fil-materji tal-familja jista' jinforma lill-Uffiċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat li, għall-finijiet tal-każijiet li jiġu quddiem l-awtoritajiet tiegħu, il-kelma "nazzjonalità" fl-Artikoli 4 u 6 tiġi sostitwita b'"domiċilju" kif definit f'dak l-Istat.

*Artikolu 10 Korpi pubbliċi*

Id-dritt li korp pubbliku jitlob rimborż ta' benefiċċju pprovdut lill-kreditur minflok il-manteniment ikun irregolat mil-liġi li għaliha huwa soġġett dak il-korp.

*Artikolu 11 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli*

Il-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment tiddetermina fost l-oħrajn –

*a)* jekk, sa fejn u mingħand min il-kreditur jista' jitlob il-manteniment;

*b)* il-limitu sa fejn il-kreditur jista' jitlob manteniment b'mod retroattiv;

*c)* il-bażi għall-kalkolu tal-ammont ta' manteniment, u l-indiċjar;

*d)* min hu intitolat li jagħti bidu għal proċeduri ta' manteniment, minbarra materji li jikkonċernaw il-kapaċità proċedurali u r-rappreżentanza fil-proċeduri;

*e)* il-preskrizzjoni jew il-perjodi ta' skadenza;

*f)* il-limitu tal-obbligu ta' debitur tal-manteniment, meta korp pubbliku jfittex rimborż ta' benefiċċji pprovduti għal kreditur minflok manteniment.

*Artikolu 12 L-esklużjoni ta' rinviju*

Fil-Protokoll, it-terminu "liġi" jfisser il-liġi li tkun fis-seħħ fi Stat għajr ir-regoli tiegħu dwar l-għażla tal-liġijiet.

*Artikolu 13 Politika pubblika*

L-applikazzjoni tal-liġi determinata skont il-Protokoll tista' tiġi rrifjutata biss sakemm l-effetti tagħha jkunu manifestament kuntrarji għall-politika pubblika tal-forum.

*Artikolu 14 Id-determinazzjoni tal-ammont ta' manteniment*

Anki jekk il-liġi applikabbli tipprevedi mod ieħor, il-bżonnijiet tal-kreditur u r-riżorsi tad-debitur kif ukoll kull kumpens li ġie mogħti lill-kreditur minflok pagamenti perjodiċi ta' manteniment jitqiesu meta jiġi determinat l-ammont ta' manteniment.

*Artikolu 15 In-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Protokoll għall-kunflitti interni*

1 Stat Kontraenti fejn sistemi ta' liġijiet jew settijiet ta' normi ġuridiċi differenti japplikaw għall-obbligi ta' manteniment ma jkunx marbut li japplika r-regoli tal-Protokoll għall-kunflitti unikament bejn dawn is-sistemi jew settijiet ta' normi ġuridiċi differenti.

2 Dan l-Artikolu ma japplikax għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

*Artikolu 16 Sistemi ġuridiċi mhux unifikati – territorjali*

1 Fir-rigward ta' Stat fejn żewġ sistemi ġuridiċi jew settijiet ta' normi ġuiridiċi jew iktar japplikaw f'unitajiet territorjali differenti, f'dak li għandu x'jaqsam ma' materji li jaqgħu taħt dan il-Protokoll –


*Protokoll adottat*

*a)* kull referenza għal-liġi ta' Stat tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għal-liġi fis-seħħ fl-unità territorjali rilevanti;

*b)* kull referenza għall-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi pubbliċi ta' dak l-Istat tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għal dawk awtorizzati li jaġixxu fl-unità territorjali rilevanti;

*c)* kull referenza għar-residenza abitwali f'dak l-Istat tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għar-residenza abitwali fl-unità territorjali rilevanti;

*d)* referenza għall-Istat li tiegħu żewġ persuni jkollhom nazzjonalità komuni tinftiehem bħala li tirreferi għall-unità territorjali magħżula mil-liġi ta' dak l-Istat jew, fin-nuqqas ta' regoli rilevanti, għall-unità territorjali li magħha l-obbligu ta' manteniment għandu l-eqreb konnessjoni;

*e)* kull referenza għall-Istat li tiegħu persuna hija ċittadina tinftiehem bħala li tirreferi għall-unità territorjali magħżula mil-liġi ta' dak l-Istat jew, fin-nuqqas ta' regoli rilevanti, għall-unità territorjali li magħha l-persuna għandha l-eqreb konnessjoni.

2 Għall-fini li tiġi identifikata l-liġi applikabbli taħt il-Protokoll fejn l-Istat ikun magħmul minn żewġ unitajiet territorjali jew aktar li kull waħda minnhom ikollha s-sistema ġuridika jew settijiet ta' normi ġuridiċi tagħha fir-rigward ta' materji koperti minn dan il-Protokoll, ir-regoli li ġejjin japplikaw –

*a)* jekk hemm regoli fis-seħħ fi Stat bħal dan li jidentifikaw liema liġi ta' liema unità territorjali hija applikabbli, tapplika l-liġi ta' dik l-unità;

*b)* fin-nuqqas ta' tali regoli, tapplika l-liġi tal-unità territorjali rilevanti kif definita fil-paragrafu 1.

3 Dan l-Artikolu ma japplikax għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

*Artikolu 17 Sistemi ġuridiċi mhux unifikati – kunflitti interpersonali*

Għall-fini li tiġi identifikata l-liġi applikabbli taħt il-Protokoll fejn Stat għandu żewġ sistemi ġuridiċi jew settijiet ta' regoli ġuridiċi jew iktar li jkunu applikabbli għal kategoriji differenti ta' persuni fir-rigward ta' materji koperti minn dan il-Protokoll, kull referenza għal-liġi ta' dan l-Istat tinftiehem li tirreferi għas-sistema legali iddeterminata mir-regoli fis-seħħ f'dak l-Istat.

*Artikolu 18 Koordinazzjoni ma' Konvenzjonijiet preċedenti tal-Aja dwar il-Manteniment*

Fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti, dan il-Protokoll jissostitwixxi l-*Konvenzjoni tal-Aja tat-2 ta' Ottubru 1973 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment* u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-24 ta' Ottubru 1956 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment lejn it-tfal.

*Artikolu 19 Koordinazzjoni ma' strumenti oħrajn*

1 Dan il-Protokoll ma jaffetwa l-ebda strument internazzjonali ieħor li tiegħu l-Istati Kontraenti huma jew isiru Partijiet u li jkun fih dispożizzjonjiet dwar materji irregolati mill-Protokoll, sakemm ma ssirx xi dikjarazzjoni kuntrarja għal dan mill-Istati Partijiet ta' tali strument.

2 Il-paragrafu 1 japplika wkoll għal-liġijiet uniformi bbażati fuq rabtiet speċjali ta' natura reġjonali jew ta' natura oħra bejn l-Istati kkonċernati.

*Artikolu 20 Interpretazzjoni uniformi*

Fl-interpretazzjoni ta' dan il-Protokoll, għandu jitqies il-karattru internazzjonali tiegħu u l-ħtieġa li tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi tiegħu.

*Artikolu 21 Reviżjoni tat-tħaddim fil-prattika tal-Protokoll*

1 Is-Segretarju Ġenerali tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat għandu jlaqqa' kif meħtieġ Kummissjoni Speċjali bl-iskop li tirrevedi t-tħaddim fil-prattika tal-Protokoll.

2 Għall-fini ta' din ir-reviżjoni l-Istati Kontraenti jikkooperaw mal-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fil-ġbir tal-ġurisprudenza dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll.

*Artikolu 22 Dispożizzjonijiet tranżitorji*

Dan il-Protokoll ma japplikax għall-manteniment mitlub fi Stat Kontraenti relatat ma' perjodu preċedenti għad-dħul fis-seħħ tiegħu f'dak l-Istat.

*Artikolu 23 Firma, ratifika u adeżjoni*

1 Dan il-Protokoll huwa miftuħ għall-iffirmar mill-Istati kollha.

2 Dan il-Protokoll huwa soġġett għar-ratifika, għall-aċċettazzjoni jew għall-approvazzjoni tal-Istati firmatarji.

3 Dan il-Protokoll huwa miftuħ għall-adeżjoni tal-Istati kollha.

4 L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni jkunu ddepożitati mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, id-depożitarju tal-Protokoll.

*Artikolu 24 Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika*

1 Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li hija magħmula minn Stati sovrani biss u li għandha l-kompetenza fuq il-materji kollha rregolati minn dan il-Protokoll jew fuq xi wħud minnhom tista' wkoll tiffirma, taċċetta, tapprova u taderixxi għall-Protokoll. F'dak il-każ, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika jkollha d-drittijiet u l-obbligi ta'

Stat Kontraenti, sa fejn l-Organizzazzjoni għandha kompetenza fuq materji rregolati mill-Protokoll.

2 L-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika, fil-mument tal-iffirmar, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni, tavża lid-depożitarju bil-miktub dwar il-materji rregolati mill-Protokoll li fir-rigward tagħhom ġiet ittrasferita l-kompetenza għal dik l-organizzazzjoni mill-Istati Membri tagħha. L-Organizzazzjoni tinnotifika minnufih lid-depożitarju bil-miktub dwar kull bidla fil-kompetenza tagħha kif speċifikat fl-avviż l-iktar reċenti mogħti taħt dan il-paragrafu.

3 Fil-mument tal-iffirmar, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni, Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika tista' tiddikjara, skont l-Artikolu 28, li teżerċita kompetenza fuq il-materji kollha rregolati mill-Protokoll u li l-Istati Membri li ttrasferew il-kompetenza lill-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika fir-rigward tal-materja inkwistjoni jkunu marbuta bil-Protokoll permezz tal-iffirmar, l-aċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni tal-Organizzazzjoni.

4 Għall-finijiet tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, kull strument iddepożitat minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika ma jitteħidx f'kunsiderazzjoni sakemm l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika ma tagħmilx dikjarazzjoni skont il-paragrafu 3.

5 Kull referenza għal "Stat Kontraenti" jew "Stat" fil-Protokoll tapplika b'mod ugwali, fejn ikun xieraq, għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li hi Parti fih. Fil-każ li ssir dikjarazzjoni minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika skont il-paragrafu 3, kull referenza għal "Stat Kontraenti" jew "Stat" fil-Protokoll tapplika b'mod ugwali, fejn ikun xieraq, għall-Istati Membri rilevanti tal-Organizzazzjoni.

*Artikolu 25 Dħul fis-seħħ*

1 Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-depożitu tat-tieni strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni msemmi fl-Artikolu 23.

2 Minn hemm 'il quddiem dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ –

*a)* għal kull Stat jew Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika msemmija fl-Artikolu 24 li iktar tard jirratifikaw, jaċċettaw, japprovaw jew jaderixxu għalih, fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-depożitu tal-istrument tagħhom ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni;

*b)* għal unità territorjali li għaliha jkun ġie estiż dan il-Protokoll skont l-Artikolu 26, fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mill-avviż tad-dikjarazzjoni msemmi f'dak l-Artikolu.

*Artikolu 26 Dikjarazzjonijiet rigward sistemi ġuridiċi mhux unifikati*

1 Jekk Stat ikollu żewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom japplikaw sistemi differenti ta' liġijiet fil-każ ta' suġġetti ttrattati f'dan il-Protokoll, huwa jista' meta jiffirma, jirratifika, jaċċetta, japprova jew jaderixxi, jiddikjara skont l-Artikolu 28 li l-Protokoll jestendi għall-unitajiet territorjali tiegħu kollha jew biss għal waħda jew aktar minnhom u jista' jimmodifika din id-dikjarazzjoni billi jissottometti dikjarazzjoni oħra fi kwalunkwe ħin.

2 Kull dikjarazzjoni bħal din tiġi nnotifikata lid-depożitarju u tiddikjara espressament l-unitajiet territorjali li għalihom japplika dan il-Protokoll.

3 Jekk Stat ma jagħmel l-ebda dikjarazzjoni skont dan l-Artikolu, il-Protokoll jestendi għall-unitajiet territorjali kollha ta' dak l-Istat.

4 Dan l-Artikolu ma japplikax għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.

*Artikolu 27 Riżervi*

Ma jistgħux isiru riżervi għal dan il-Protokoll.

*Artikolu 28 Dikjarazzjonijiet*

1 Id-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 24(3) u 26(1) jistgħu jsiru mal-iffirmar, ir-ratifikazzjoni, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni jew fi kwalunkwe ħin wara, u jistgħu jiġu mmodifikati jew irtirati fi kwalukwe ħin.

2 Id-dikjarazzjonijiet, il-modifiki jew l-irtirar jiġu nnotifikati lid-depożitarju.

3 Dikjarazzjoni li ssir fil-mument tal-iffirmar, ir-ratifikazzjoni, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni tidħol fis-seħħ fl-istess ħin mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll għall-Istat ikkonċernat.

4 Dikjarazzjoni li ssir iktar tard, u kull modifika jew irtirar ta' dikjarazzjoni, tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-data li fiha d-depożitarju jkun irċieva n-notifika.

*Artikolu 29 Denunzja*

1 Stat Kontraenti għal dan il-Protokoll jista' jiddenunzjah permezz ta' notifika bil-miktub indirizzata lid-depożitarju. Id-denunzja tista' tkun limitata għal ċerti unitajiet territorjali ta' Stat b'sistema ġuridika mhux unifikata li għalihom japplika dan il-Protokoll.

2 Id-denunzja tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' 12-il xahar mid-data li fiha d-depożitarju jkun irċieva n-notifika. Meta fin-notifika jkun speċifikat żmien itwal biex id-denunzja tidħol fis-seħħ, id-denunzja tidħol fis-seħħ mal-iskadenza ta' dan il-perjodu itwal wara d-data li fiha d-depożitarju jkun irċieva n-notifika.

*Artikolu 30 Notifika*

Id-depożitarju jinnotifika lill-Membri tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, u Stati u Organizzazzjonijiet Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika oħrajn li jkunu ffirmaw, irratifikaw, aċċettaw, approvaw jew aderixxew skont l-Artikoli 23 u 24 dwar dan li ġej–

*a)* il-firem u r-ratifiki, l-aċċettazzjonijiet, l-approvazzjonijet u l-adeżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 23 u 24;

*b)* id-data li fiha dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ skont l-Artikolu 25;

*c)* id-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 24(3) u 26(1);

*d)* id-denunzji msemmija fl-Artikolu 29.

B'xhieda ta' dan is-sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan il-għan, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fl-Aja, fit-23 jum ta' Novembru 2007, bil-lingwa Ingliża u dik Franċiża, biż-żewġ testi jkunu ugwalment awtentiċi, f'kopja unika li tiġi ddepożitata fl-arkivji tal-Gvern tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, u li tagħha tintbagħat kopja ċċertifikata, permezz tal-mezzi diplomatiċi, lil kull Membru tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fid-data tal-Wieħed u Għoxrin Sessjoni tagħha u lil kull Stat ieħor li pparteċipa f'dik is-Sessjoni.

Rapport ta' spjegazzjoni minn
Andrea Bonomi

*(traduzzjoni)*

**Kontenut tar-rapport** paġna


PARTI I: SFOND 13

PARTI II: IT-TITOLU, IL-PREAMBOLU U L-ISTRUTTURA ĠENERALI TAL-PROTOKOLL 14

PARTI III: L-ASPETTI EWLENIN TAR-REĠIM PREVIST MILL-PROTOKOLL 15

PARTI IV: KUMMENTARJU DWAR KULL ARTIKOLU 16

***Artikolu 1*** ***Kamp ta' applikazzjoni*** 16

a *Il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment* 16

b *L-obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjonijiet ta' familja* 16

i *Kamp ta' applikazzjoni aktar wiesa' mill-Konvenzjoni f'dak li jirrigwarda s-suġġett* 16

ii *L-obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni ta' familja* 17

c *Il-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjonijiet mogħtija b'applikazzjoni tal-Protokoll* 18

***Artikolu 2*** ***Applikazzjoni universali*** 18

***Artikolu 3*** ***Ir-regola ġenerali dwar il-liġi applikabbli*** 18

a *Ir-raġuni għal din il-konnessjoni* 19

b *Il-kunċett ta' residenza abitwali* 19

c *Il-bidla tar-residenza abitwali* 19

***Artikolu 4*** ***Regoli speċjali li jiffavorixxu lil ċerti kredituri*** 20

a *Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4* 20

b *Il-konnessjoni sussidjarja mal-liġi tal-forum* 21

c *It-tibdil tal-fatturi ta' konnessjoni fil-każ ta' proċeduri miftuħa mill-kreditur fl-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur* 22

i *Il-konnessjoni prinċipali mal-liġi tal-forum* 22

ii *Il-konnessjoni sussidjarja mal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur* 23

d *Il-konnessjoni sussidjarja man-nazzjonalità komuni tal-partijiet* 23

***Artikolu 5*** ***Regola speċjali rigward il-konjuġi u l-ex-konjuġi*** 24

a *Ir-raġuni għar-regola speċjali* 24

b *It-tħaddim tal-klawsola liberatorja* 25

i *It-talba minn waħda mill-partijiet* 25

ii *Il-konnessjonijiet aktar mill-qrib* 26

c *Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5* 26

***Artikolu 6*** ***Regola speċjali dwar id-difiża*** 27

a *Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6* 27

b *Il-mekkaniżmu pprovdut mill-Artikolu 6* 28

***Artikoli 7 u 8*** ***L-għażla tal-liġi applikabbli*** 29

***Artikolu 7*** ***L-għażla tal-liġi applikabbli għall-fini ta' proċedura partikolari*** 29

a *Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7* 29

b *Għażla magħmula għall-fini ta' proċedura partikolari* 30

c *Il-mod tal-għażla* 30

***Artikolu 8*** ***L-għażla tal-liġi applikabbli*** 31

a *Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 8* 31

b *Il-firxa ta' liġijiet eliġibbli għall-għażla* 31

c *L-għażliet l-oħrajn taħt is-subparagrafi c) u d)* 32

i *Il-liġi magħżula biex tirregola r-reġim tal-proprjetà* 32

ii *Il-liġi applikata fil-fatt għar-reġim tal-proprjetà* 33

iii *Il-liġi magħżula biex tirregola s-separazzjoni ġudizzjarja jew id-divorzju* 33

iv *Il-liġi applikata fil-fatt għas-separazzjoni ġudizzjarja jew id-divorzju* 33

d *Il-mod tal-għażla* 33

e *Restrizzjonijiet fuq l-effetti tal-għażla* 33

i *L-applikazzjoni tal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur għad-dritt li jirrinunzja għall-manteniment* 33

ii *Is-setgħat ta' mitigazzjoni tal-qorti* 34

f *L-eżistenza u l-validità tal-ftehim bejn il-partijiet* 34

***Artikolu 9*** ***"Domiċilju" minflok "nazzjonalità"*** 34

***Artikolu 10*** ***Korpi pubbliċi*** 35

***Artikolu 11*** ***Il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli*** 36

***Artikolu 12*** ***L-esklużjoni ta' rinviju*** 37

***Artikolu 13*** ***Politika pubblika*** 37

***Artikolu 14*** ***Id-determinazzjoni tal-ammont ta' manteniment*** 37

***Artikoli 15 sa 17*** ***Sistemi ġuridiċi mhux unifikati*** 38

***Artikolu 15*** ***In-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Protokoll għall-kunflitti interni*** 38

***Artikolu 16*** ***Sistemi ġuridiċi mhux unifikati – territorjali*** 39

***Artikolu 17*** ***Sistemi ġuridiċi mhux unifikati – kunflitti interpersonali*** 40

***Artikolu 18*** ***Koordinazzjoni ma' Konvenzjonijiet preċedenti tal-Aja dwar il-Manteniment*** 40

***Artikolu 19*** ***Koordinazzjoni ma' strumenti oħrajn*** 40

***Artikolu 20*** ***Interpretazzjoni uniformi*** 41

| | | |
|---|---|---|
| *Artikolu 21* | ***Reviżjoni tat-tħaddim fil-prattika tal-Protokoll*** | 41 |
| *Artikolu 22* | ***Dispożizzjonijiet tranżitorji*** | 41 |
| *Artikolu 23* | ***Iffirmar, ratifika u adeżjoni*** | 41 |
| *Artikolu 24* | ***Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika*** | 42 |
| *Artikolu 25* | ***Dħul fis-seħħ*** | 42 |
| *Artikolu 26* | ***Dikjarazzjonijiet rigward sistemi ġuridiċi mhux unifikati*** | 43 |
| *Artikolu 27* | ***Riżervi*** | 43 |
| *Artikoli 28 sa 30* | ***Dikjarazzjonijiet, denunzja, notifika*** | 43 |
| *Artikolu 28* | ***Dikjarazzjonijiet*** | 43 |
| *Artikolu 29* | ***Denunzja*** | 43 |
| *Artikolu 30* | ***Notifikazzjoni*** | 43 |



*Ir-Rapport ta' Bonomi*

1 Fit-23 ta' Novembru 2007, il-Wieħed u Għoxrin Sessjoni tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, li ltaqgħet fl-Aja, adottat it-test ta' żewġ strumenti internazzjonali mfassla sabiex jiffaċilitaw l-irkupru internazzjonali tal-manteniment, il-*Konvenzjoni tal-Aja dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' Manteniment għat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja* (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni") u l-*Protokoll tal-Aja dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment* (minn hawn 'il quddiem il-"Protokoll"). Dan ir-Rapport ta' Spjegazzjoni jirrigwarda dan il-Protokoll, filwaqt li l-Konvenzjoni hija s-suġġett ta' Rapport separat, miktub mis-Sinjura Alegría Borrás (Spanja) u s-Sinjura Jennifer Degeling (l-Awstralja), bl-għajnuna tas-Sinjuri William Duncan u Philippe Lortie tal-Uffiċċju Permanenti (minn hawnhekk ir-"Rapport ta' Borrás-Degeling").

2 Il-kwistjoni tal-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment kienet inkluża mill-bidu fil-mandat uffiċjali tal-Kummissjoni Speċjali dwar l-Irkupru Internazzjonali ta' Manteniment għat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja, li fasslet l-abbozz preliminari tal-Konvenzjoni u tal-Protokoll: il-laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali ta' April 1999[1] kienet iddeċidiet li l-Aġenda għall-ħidma futura tal-Konferenza għandha tagħti prijorità lill-istabbiliment ta' Konvenzjoni aktar komprensiva fir-rigward tal-obbligi ta' manteniment, li għandha ttejjeb il-Konvenzjonijiet eżistenti tal-Aja dwar is-suġġett u tinkludi dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja u amministrattiva.[2] Mill-Konvenzjonijiet eżistenti tal-Aja dwar l-obbligi ta' manteniment, tnejn huma ddedikati għad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli; dawn huma l-Konvenzjoni tal-Aja tal-24 ta' Ottubru 1956 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment lejn it-tfal (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1956 dwar il-Manteniment") u l-Konvenzjoni tal-Aja tat-2 ta' Ottubru 1973 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (Il-Liġi Applikabbli)").

3 Skont id-deċiżjoni tad-Dsatax-il Sessjoni, is-Segretarju Ġenerali laqqa' Kummissjoni Speċjali li ltaqgħet fl-Aja mill-5 sas-16 ta' Mejju 2003, mis-7 sat-18 ta' Ġunju 2004, mill-4 sal-15 ta' April 2005, mid-19 sat-28 ta' Ġunju 2006 u mit-8 sas-16 ta' Mejju 2007. Is-Sur Fausto Pocar (l-Italja) inħatar bħala l-President tal-Kummissjoni Speċjali u s-Sinjura Mária Kurucz (l-Ungerija), is-Sinjura Mary Helen Carlson (l-Istati Uniti tal-Amerika) u s-Sur Jin Sun (iċ-Ċina) inħatru bħala Viċi Presidenti. Is-Sinjura Alegría Borrás u s-Sinjura Jennifer Degeling inħatru bħala korelaturi. Kumitat tal-Abbozzar ġie organizzat taħt il-presidenza tas-Sinjura Jan Doogue (New Zealand). Il-proċeduri tal-Kummissjoni Speċjali u tal-Kumitat ta' Abbozzar kienu mgħejuna ħafna minn dokumenti preliminari ewlenin[3] u mill-osservazzjonijiet tas-Sur William Duncan, id-Deputat Segretarju Ġenerali, li kien inkarigat mill-ħidma xjentifika tas-Segretarjat, u tas-Sur Philippe Lortie, is-Segretarju Ewlieni.

4 Fl-ewwel laqgħa tagħha f'Mejju 2003 u skont il-mandat tagħha, il-Kummissjoni Speċjali ddiskutiet il-kwistjoni ta' jekk l-istrument il-ġdid għandux jinkludi dispożizzjonijiet marbuta mal-liġi applikabbli mill-awtoritajiet li jieħdu deċiżjonijiet dwar il-manteniment u, jekk iva, liema regoli għandhom ikunu inklużi f'dawn id-dispożizzjonijiet. Id-diskussjoni uriet li kien hemm żewġ pożizzjonijiet opposti. Filwaqt li l-parti l-kbira tad-delegati minn ġuriżdizzjonijiet tal-liġi ċivili kienu favur l-inklużjoni ta' xi forma ta' sistema ta' liġi applikabbli, il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet mill-ġuriżdizzjonijiet b'liġijiet komuni kienu kontra.[4] Din l-oppożizzjoni tista' tinftiehem faċilment jekk wieħed iżomm f'moħħu li, f'ħafna mill-pajjiżi tal-common law, id-deċiżjonijiet dwar il-manteniment tradizzjonalment isiru abbażi tal-liġi tal-forum. Il-liġi tal-forum tiġi applikata spiss ukoll fi Stati li għandhom sistemi ammininistrattivi għall-irkupru tal-manteniment, li mhux kollha huma pajjiżi tal-common law.

5 Il-parti l-kbira mid-delegazzjonijiet favur l-inklużjoni ta' sistema ġenerali ta' liġijiet applikabbli kkunsidraw li dawn in-negozjati kienu opportunità unika biex jiġu riveduti l-Konvenzjonijiet dwar il-Manteniment tal-1956 u tal-1973, li ma kellhiex tintilef. Għalkemm il-Konvenzjoni tal-1973 kienet ġeneralment sodisfaċenti u kellha tintuża bħala l-punt tat-tluq għall-abbozzar ta' strument ġdid, xi wħud mis-soluzzjonijiet tagħha kellhom bżonn jiġu riveduti u mmodernizzati sabiex jissewwew in-nuqqasijiet tagħha u tiġbed numru akbar ta' ratifiki.[5] Għal dak l-għan, il-proċess ta' reviżjoni kien jeħtieġ li jinvolvi lill-Istati kollha u mhux biss dawk diġà Partijiet għall-Konvenzjonijiet tal-1956 jew tal-1973.

[1] Għall-istorja u d-deċiżjonijiet ta' dik is-sessjoni, ara r-Rapport ta' Borrás-Degeling (disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Konferenza tal-Aja fuq <www.hcch.net>), il-paragrafi 1 sa 5.

[2] Ara l-Att Finali tad-Dsatax-il Sessjoni, fil-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, *Il-Proċeduri tad-Dsatax-il Sessjoni (2001/2002),* Volum I, *Kwistjonijiet mixxellanji*, pp. 35 sa 47, fil-punt 45.

[3] Ara b'mod partikolari W. Duncan, "Towards a New Global Instrument on the International Recovery of Child Support and other Forms of Family Maintenance", (Lejn Strument Globali Ġdid dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forom Oħra ta' Manteniment tal-Familja) Dok. Prel. Nru 3 ta' April 2003 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' Mejju 2003 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment tat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja (disponibbli fuq <www.hcch.net>).

[4] Il-Kanada, li l-provinċji u t-territorji tagħha japplikaw approċċ kumulattiv, għalkemm aktar limitat minn dak ipprovdut taħt il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), kienet lesta li tinkludi fl-istrument futur xi forma ta' reġim ta' liġi applikabbli. Fil-provinċji u t-territorji tagħha ta' liġi komuni, il-liġi applikabbli hija dik tal-post tar-residenza abitwali tal-wild; jekk il-wild ma jkunx eliġibbli għall-manteniment taħt dik il-liġi, il-liġi tal-forum tapplika (ara pereżempju l-Att dwar l-Ordnijiet tal-Manteniment Interġurisdizzjonali (Manitoba), l-Art. 12(1)). Fil-Quebec, ġuriżdizzjoni tal-liġi ċivili, il-liġi applikabbli hija, min-naħa l-oħra, il-liġi tad-domiċilju tal-kreditur tal-manteniment, imbagħad dik tad-domiċilju tad-debitur (l-Art. 3094 tal-Kodiċi Ċivili).

[5] Meta nkiteb dan ir-rapport, il-Konvenzjoni tal-1973 kienet fis-seħħ f'14-il Stat (l-Estonja, Franza, il-Ġappun, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja,, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, Spanja, l-Isvizzera u t-Turkija). Il-Konvenzjoni tal-1956 kienet fis-seħħ fi 12-il Stat (l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġappun, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, Spanja, l-Isvizzera u t-Turkija).

6 Wara l-proposta tal-President, il-Kummissjoni Speċjali ddeċidiet li twaqqaf Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi Applikabbli (minn hawn 'il quddiem "GĦLA"), li kien jinkludi esperti minn Stati Partijiet għall-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1956 u tal-1973 dwar il-Manteniment kif ukoll esperti minn Stati oħrajn u li l-Presidenza tiegħu ġiet fdata f'idejja. Fuq il-bażi tal-mandat riċevut, li kien estiż u ċċarat fil-laqgħat tal-Kummissjoni Speċjali tal-2004, l-2005 u l-2006, il-GĦLA żviluppa disinn tat-test dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment (minn hawn 'il quddiem l-"Abbozz ta' Ħidma"). L-ewwel verżjoni tal-Abbozz ta' Ħidma kienet ippreżentata bħala appendiċi għar-rapport tal-GĦLA ta' Ġunju 2006[6] u diskussa fil-laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali f'Lulju 2006. Dik il-Kummissjoni ddeċidiet li tlaqqa' Kummissjoni Speċjali għal Mejju 2007 bil-kwistjoni tal-liġi applikabbli bħala s-suġġett ewlieni tagħha. It-tieni verżjoni tal-Abbozz ta' Ħidma,[7] li saru kummenti dwarha fir-rapport tal-GĦLA ta' April 2007,[8] serviet bħala l-bażi għall-proċeduri tal-Kummissjoni Speċjali ta' Mejju 2007.

7 Fil-laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali ta' Mejju 2007, il-kwistjoni tal-liġi applikabbli kienet it-tema ċentrali tal-proċeduri. Il-Kummissjoni ddeċidiet, l-ewwel nett, li r-regoli relatati mal-liġi applikabbli jkunu l-għan ta' Protokoll, separat b'mod formali mill-Konvenzjoni. It-tieni, hija qablet dwar l-iżvilupp ta' abbozz preliminari tal-Protokoll,[9] li, akkumpanjat minn Rapport ta' Spjegazzjoni,[10] serva bħala l-bażi għad-diskussjoni fil-Wieħed u Għoxrin Sessjoni tal-Konferenza, li saret fl-Aja bejn il-5 u t-23 ta' Novembru 2007. F'dik l-okkażjoni, l-awtur inħatar bħala Relatur għar-Rapport ta' Spjegazzjoni dwar il-Protokoll.

8 Is-Sessjoni Plenarja tal-Wieħed u Għoxrin Sessjoni tal-Konferenza tal-Aja kienet ippreseduta mis-Sur Teun Struycken (il-Pajjiżi l-Baxxi). Il-Viċi Presidenti kienu s-Sur Gilberto Vergne Saboia (l-Ambaxxatur tal-Brażil), is-Sinjura Xue Hanqin (l-Ambaxxatriċi taċ-Ċina), is-Sur Ioannis Voulgaris (il-Greċja), is-Sinjura Dorothée van Iterson (il-Pajjiżi l-Baxxi), is-Sinjura Jan Doogue (New Zealand), is-Sur Alexander Y. Bavykin (il-Federazzjoni Russa), is-Sinjura Hlengiwe B. Mkhize (l-Ambaxxatriċi tal-Afrika ta' Isfel) u s-Sinjura Mary Helen Carlson (l-Istati Uniti tal-Amerika).

9 Is-Sessjoni Diplomatika tal-Konferenza fdat l-abbozz tal-Konvenzjoni f'idejn il-Kummissjoni I tagħha, ippreseduta mis-Sinjura Mária Kurucz (l-Ungerija) u l-abbozzar tal-Protokoll f'idejn il-Kummissjoni II, ippreseduta mill-awtur. Il-Viċi Presidenti tal-Kummissjoni I kienu s-Sur Lixiao Tian (iċ-Ċina) u s-Sinjura Mary Helen Carlson (l-Istati Uniti tal-Amerika); dawk tal-Kummissjoni II kienu s-Sinjura Nádia de Araújo (il-Brażil) u s-Sur Shinichiro Hayakawa (il-Ġappun). Minbarra d-delegati tat-68 Membru tal-Konferenza rrappreżentati fil-Wieħed u Għoxrin Sessjoni, attendew ukoll osservaturi minn 14-il Stat li mhumiex Membri u disa' organizzazzjonijiet intergovernattivi u mhux governattivi.

10 Kumitat ta' Abbozzar ippresedut mis-Sinjura Jan Doogue (New Zealand) twaqqaf sabiex jaħdem fuq il-proċeduri tal-Kummissjonijiet I u II. Minbarra l-President tiegħu, il-Kumitat tal-Abbozzar kien jikkonsisti mir-Relaturi għaż-żewġ Kummissjonijiet, *ex officio*, il-membri tal-Uffiċċju Permanenti, u l-esperti li ġejjin: is-Sinjuri Denise Gervais (il-Kanada), Katja Lenzing (il-Komunità Ewropea), María Elena Mansilla y Mejía (il-Messiku) u Mary Helen Carlson (l-Istati Uniti tal-Amerika), flimkien mas-Sinjuri James Ding (iċ-Ċina), Lixiao Tian (iċ-Ċina), Miloš Hatapka (il-Komunità Ewropea), Edouard de Leiris (Franza), Paul Beaumont (ir-Renju Unit) u Robert Keith (l-Istati Uniti tal-Amerika).

11 It-tielet qari tal-abbozz tal-Protokoll tlesta fis-Sessjoni Plenarja tat-22 ta' Novembru 2007. L-abbozz tal-Protokoll kien adottat formalment fis-sessjoni tal-għeluq tat-23 ta' Novembru 2007, permezz tal-iffirmar tal-Att Finali tal-Wieħed u Għoxrin Sessjoni.

## PARTI II: IT-TITOLU, IL-PREAMBOLU U L-ISTRUTTURA ĠENERALI TAL-PROTOKOLL

12 It-titolu tal-Protokoll – "Protokoll dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment" – jenfasizza l-għan ewlieni tal-istrument, li huwa li jintroduċi regoli uniformi għad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment. Dan it-titolu jirriproduċi dak tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), li għandha l-istess għan.

13 Il-Protokoll ma jinkludi l-ebda regola relatata mal-ġuriżdizzjoni (ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet u rikonoxximent u infurzar tad-deċiżjonijiet), u lanqas xi regola relatata mal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati. Xi wħud minn dawn il-kwistjonijiet (kooperazzjoni amministrattiva għal u waqt l-irkupru internazzjonali tal-manteniment, u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet barranin) huma indirizzati mill-Konvenzjoni.

14 Għall-kuntrarju tal-Konvenzjoni, li t-titolu tagħha jirreferi espressament għall-manteniment tat-tfal u forom

[6] "Ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi Applikabbli", imħejji mill-President tal-Grupp ta' Ħidma, Andrea Bonomi, Dok. Prel. Nru 22 ta' Ġunju 2006 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' Ġunju 2006 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment tat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja (disponibbli fuq <www.hcch.net>).

[7] "Abbozz ta' ħidma dwar il-liġi applikabbli", imħejji mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment li ltaqa' fis-17 u t-18 ta' Novembru 2006 fl-Aja, Dok. Prel. Nru 24 ta' Jannar 2007 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' Mejju 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment tat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja (disponibbli fuq <www.hcch.net>).

[8] "Ir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi Applikabbli", imfassal mill-President tal-Grupp ta' Ħidma, Andrea Bonomi, Dok. Prel. Nru 27 ta' April 2007 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni Speċjali ta' Mejju 2007 dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment tat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja (disponibbli fuq <www.hcch.net>).

[9] "Abbozz ta' Protokoll preliminari dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment", imfassal taħt l-awtorità tal-Kummissjoni Speċjali dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment tat-Tfal u Forom Oħrajn ta' Manteniment tal-Familja u approvat mill-Kumitat tal-Abbozz, Dok. Prel. Nru 30 ta' Ġunju 2007 għall-attenzjoni tal-Wieħed u Għoxrin Sessjoni ta' Novembru 2007 (disponibbli fuq <www.hcch.net>).

[10] "Abbozz ta' Protokoll preliminari dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment – Rapport ta' Spjegazzjoni", imfassal minn Andrea Bonomi, Dok. Prel. Nru 33 ta' Awwissu 2007 għall-attenzjoni tal-Wieħed u Għoxrin Sessjoni ta' Novembru 2007 (disponibbli fuq <www.hcch.net>).

oħrajn ta' manteniment tal-familja, it-titolu tal-Protokoll ma jinkludi l-ebda indikazzjoni f'dan ir-rigward. Dan jirrifletti l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' ħafna mogħti lill-Protokoll permezz tal-Artikolu 1 tiegħu: il-Protokoll jiddetermina l-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment ibbażati fuq kull relazzjoni familjali, mingħajr ebda restrizzjoni u riżerva possibbli (ara l-Artikolu 27). Il-manteniment tat-tfal huwa inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, u anki l-manteniment dovut, skont il-liġi indikata mill-Protokoll, lill-adulti.

15 It-titolu ta' "Protokoll" kien diskuss fil-Kummissjoni II tas-Sessjoni Diplomatika sal-aħħar laqgħa tagħha fit-22 ta' Novembru 2007, iddedikata għat-tieni qari tal-abbozz tal-Protokoll. Wara li ttieħdet id-deċiżjoni li l-Protokoll ikun formalment indipendenti mill-Konvenzjoni,[11] ċerti delegazzjonijiet kienu ssuġġerew li jibdlu t-titolu tal-instrument minn "Protokoll" għal "Konvenzjoni", peress li d-dipendenza bejn it-test u l-Konvenzjoni ma kinitx evidenti biżżejjed.[12] Wara li ġew diskussi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi taż-żewġ soluzzjonijiet, eventwalment intlaħaq kunsens dwar it-terminu "Protokoll".

16 It-terminu "Protokoll", għalkemm mhux normali għal strument adottat fil-Konferenza tal-Aja, għandu l-vantaġġ li jenfasizza l-konnessjonijiet ġenetiċi u funzjonali li jeżistu bejn il-Protokoll u l-Konvenzjoni. Minbarra l-isfond tiegħu (ara hawn fuq, il-paragrafi 2 *et seq.*), ta' min jinnota li l-Protokoll, bħall-Konvenzjoni, huwa mfassal sabiex jiffaċilita l-irkupru internazzjonali tal-manteniment: id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli (u jekk tkun rilevanti, l-applikazzjoni ta' liġi barranija) hija waħda mid-diffikultajiet li jista' jiltaqa' magħhom il-kreditur tal-manteniment meta jagħmel talba kontra debitur stabbilit f'pajjiż ieħor. Ċerti soluzzjonijiet ipprovduti mill-Protokoll, inkluż b'mod partikolari, ir-rwol akbar li jagħti lil-liġi tal-forum b'rabta mal-istrumenti eżistenti (ara l-Artikoli 4 u 7), huma mfassla sabiex jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjoni ta' manteniment, u għaldaqstant huma ispirati mill-istess tħassib li fuqu hija bbażata l-Konvenzjoni. Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li wara li ġiet ikkunsidrata n-natura *erga omnes* tal-Protokoll (ara l-Artikolu 2 tiegħu), ir-ratifikazzjoni tiegħu minn għadd kbir ta' Stati tista' tkun ta' benefiċċju għall-kredituri, anki dawk li jgħixu fi Stati li ma ssieħbux fih (u li ma jikkontemplawx li jsiru Parti għalih): anki kredituri li jgħixu f'dawn l-Istati sejrin igawdu l-benefiċċju, matul il-proċeduri mibdija fi Stat Kontraenti (pereżempju fl-Istat tad-domiċilju tad-debitur), tal-applikazzjoni ta' regoli uniformi favur il-kreditur, li huma stabbiliti fil-Protokoll.

17 Din il-konnessjoni funzjonali hija enfasizzata wkoll fil-Preambolu, fejn wieħed jinnota li l-iżvilupp ta' regoli ġenerali dwar il-liġi applikabbli jikkostitwixxi suppliment utli għall-Konvenzjoni. Mill-bqija, il-Preambolu jiġbor fil-qosor il-kunsiderazzjonijiet l-oħrajn li ddeterminaw l-abbozzar tal-Protokoll, billi jsemmi b'mod partikolari t-tħassib dwar l-uniformità tar-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet u l-immodernizzar tal-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1956 u tal-1973 dwar il-Manteniment.

[11] Ara l-Art. 23, li jippermetti l-iffirmar, ir-ratifikazzjoni u l-adeżjoni mill-Istati kollha, anki jekk ma jkunux Partijiet għall-Konvenzjoni.
[12] Ara l-Minuti Nru 6, il-paragrafi 11 *et seq.*, 178 *et seq.*



18 Il-Protokoll fih 30 Artikolu. Mhuwiex maqsum f'Kapitoli iżda d-dispożizzjonijiet tiegħu jistgħu jkunu kklassifikati fi tliet gruppi. L-Artikoli 1 u 2 jiddefinixxu il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu *ratione materiae* u *ratione loci*; l-Artikoli 3 sa 14 jiddeterminaw il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment, filwaqt li jispeċifikaw ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tagħha; l-Artikoli 15 sa 30 huma dispożizzjonijiet ġenerali u finali, li issa huma konswetudni fil-parti l-kbira tal-istrumenti żviluppati mill-Konferenza tal-Aja.

## PARTI III: L-ASPETTI EWLENIN TAR-REĠIM PREVIST MILL-PROTOKOLL

19 B'konformità mal-għan tiegħu li jirrevedi l-Konvenzjonijiet preċedenti rigward il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment mingħajr ma jirrifjuta l-approċċ tagħhom għal kollox, il-Protokoll isegwi f'ħafna aspetti s-soluzzjonijiet applikati minnhom, u b'mod partikolari mill-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli). Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni, definit b'mod wiesa' ħafna fl-Artikoli 1 u 2, l-indirizzar tal-obbligi ta' manteniment li jiġġustifikaw l-għażla tagħhom stess tal-istat ta' dritt ("kategorija ta' konnessjoni") b'mod indipendenti mir-relazzjoni ta' familja sottostanti (l-Artikolu 1(2)), ir-regola ġenerali bbażata fuq il-konnessjoni tal-obbligu ta' manteniment mal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur (l-Artikolu 3), l-ammissjoni ta' ċerti konnessjonijiet "kumulattivi" sussidjarji maħsuba sabiex jiffavorixxu lill-kreditur tal-manteniment (l-Artikolu 4), u d-definizzjoni wiesgħa ħafna tal-kwistjonijiet irregolati mil-liġi indikata bħala applikabbli għall-obbligu ta' manteniment (l-Artikolu 11). Is-soluzzjonijiet tal-Protokoll jistgħu wkoll, f'bosta aspetti, jitqabblu ma' dawk tal-*Konvenzjoni Inter-Amerikana ta' Montevideo tal-15 ta' Lulju 1989 dwar l-obbligi ta' manteniment* (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Montevideo tal-1989").[13]

20 B'paragun mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), hemm tliet innovazzjonijiet ewlenin: l-ewwel, ir-rwol imsaħħaħ tal-liġi tal-forum, li hija promoss, għat-talbiet magħmula minn ċerti klassijiet ta' kredituri "privileġġjati", għall-grad ta' kriterju prinċipali, bil-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur f'dawn il-każijiet ikollha rwol sussidjarju biss (l-Artikolu 4(3)); it-tieni, l-introduzzjoni għall-obbligi bejn il-konjuġi u l-ex-konjuġi ta' klawsola liberatorja bbażata fuq l-idea ta' konnessjoni mill-qrib (l-Artikolu 5), b'differenza mill-konnessjoni immutabbli mal-liġi applikata għad-divorzju taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-1973; fl-aħħar nett, l-introduzzjoni ta' miżura dwar l-awtonomija tal-parti, f'żewġ varjazzjonijiet: ftehim proċedurali li jippermetti lill-partijiet, fir-rigward ta' kull obbligu ta' manteniment, li jagħżlu l-liġi tal-forum għall-finijiet ta' proċedura speċifika (l-Artikolu 7), u għażla rigward il-liġi applikabbli li tista' tkun eżerċitata fi kwalunkwe ħin minn adulti kapaċi li jiddefendu l-interessi

[13] Ara *infra*, il-paragrafi 33, 36, 39, 57, 66, 67 u 166.

taħhom, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet u restrizzjonijiet (l-Artikolu 8).

PARTI IV: KUMMENTARJU DWAR KULL ARTIKOLU

### *Artikolu 1 Kamp ta' applikazzjoni*

21 L-Artikolu 1 jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll f'termini ta' suġġett. Skont l-ewwel paragrafu ta' dak l-Artikolu, il-Protokoll jiddetermina l-liġi applikabbli għal kull obbligu ta' manteniment li jirriżulta minn relazzjoni familjali, filjazzjoni, żwieġ jew affinità.

**Paragrafu 1 – Dan il-Protokoll jiddetermina l-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni familjali, filjazzjoni, żwieġ jew affinità, inkluż obbligu ta' manteniment lejn il-wild indipendentement mill-istat ċivili tal-ġenituri.**

a *Il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment*

22 L-għan tal-Protokoll huwa li jiddetermina l-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment. Għalhekk, ma fih l-ebda regoli rigward il-kunflitti ta' ġuriżdizzjoni, lanqas rigward il-kooperazzjoni amministrattiva, kwistjonijiet solvuti, tal-inqas parti minnhom, mill-Konvenzjoni.

23 Barra minn hekk, huwa importanti li wieħed ifakkar li l-Protokoll jiddetermina biss il-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment, meqjus bħala klassi awtonoma ta' konnessjoni. B'hekk, ma għandux l-intenzjoni li jiddetermina l-liġi applikabbli għar-relazzjonijiet ta' familja li minnhom jirriżulta l-obbligu ta' manteniment. Dan il-prinċipju huwa importanti, u huwa espress b'mod ċar fl-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), li jipprovdi li "din il-Konvenzjoni għandha tirregola biss il-kunflitti tal-liġijiet fir-rigward tal-obbligi ta' manteniment". Din il-frażi ma kinitx ripetuta fil-Protokoll, aktarx minħabba li ġiet meqjusa superfluwa meta wieħed jikkunsidra t-titolu tal-istrument ("Protokoll dwar il-Liġi Applikabbli għall-*Obbligi ta' Manteniment*", enfażi miżjuda), u t-test tal-Artikolu 1(1) tiegħu ("Dan il-Protokoll jiddetermina l-liġi applikabbli għall-*obbligi ta' manteniment* [...]", *id.*). Minkejja dak is-skiet, l-approċċ tal-Protokoll lejn din il-kwistjoni huwa l-istess bħal dak tal-Konvenzjoni tal-1973, fis-sens li l-liġi applikabbli għar-relazzjonijiet familjali li għalihom jirreferi l-Artikolu 1(1) (pereżempju parentela jew żwieġ) mhijiex irregolata direttament mill-Protokoll. Dan huwa kkonfermat mill-Artikolu 1(2) tal-Protokoll, li jirriproduċi l-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni tal-1973, u li jispeċifika li ""[d]eċiżjonijiet mogħtija fl-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżistenza ta' kull relazzjoni msemmija fil-paragrafu 1": din ir-regola hija biss korollarju tal-konnessjoni awtonoma tal-obbligu ta' manteniment.

24 Il-konnessjoni awtonoma tal-obbligu ta' manteniment timplika li l-liġi applikabbli għar-relazzjonijiet familjali li għalihom jirreferi l-Artikolu 1(1) teħtieġ li tkun iddeterminata, f'kull Stat Kontraenti, fuq il-bażi tar-regoli dwar il-kunflitti tal-liġijiet fis-seħħ u ġeneralment applikabbli f'dak l-Istat. Dan ma joħloqx diffikultajiet meta l-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza tar-relazzjoni familjali tkun il-kwistjoni ewlenija tal-proċeduri kkonċernati (pereżempju meta t-talba tkun relatata mal-prova tal-filjazzjoni, il-validità taż-żwieġ, jew is-separazzjoni ġudizzjarja jew id-divorzju), anki jekk talba ta' manteniment issir fuq bażi aċċessorja matul l-istess proċeduri. Il-problema tkun aktar diffiċli meta l-kwistjoni tal-eżistenza tar-relazzjoni ta' familja tirriżulta fuq bażi preliminari matul il-proċeduri, li l-għan ewlieni taħhom ikun it-talba ta' manteniment (pereżempju jekk l-allegat debitur jikkontesta l-eżistenza tal-filjazzjoni jew tal-validità taż-żwieġ). Minħabba s-skiet tal-Protokoll, ma hemm xejn li jipprevjeni l-użu mill-ġdid tal-interpretazzjoni li kienet ġiet proposta għall-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1956 u tal-1973 dwar il-Manteniment, li permezz tagħha l-liġi magħżula sabiex tirregola l-obbligu ta' manteniment tista' tapplika wkoll għall-kwistjoni preliminari tal-eżistenza ta' relazzjoni familjali fit-tifsira tal-Artikolu 1(1).[14] Din is-soluzzjoni, madankollu, ma torbotx lill-Istati Kontraenti, u dawn jistgħu b'mod leġittimu jagħżlu konnessjoni separata u awtonoma għall-kwistjoni preliminari; f'dan il-każ, din tal-aħħar tkun iddeterminata skont il-liġi magħżula mir-regoli dwar il-kunflitt tal-forum. Fi kwalunkwe każ, skont l-Artikolu 1(2), id-deċiżjoni mogħtija rigward it-talba għall-manteniment skont il-liġi magħżula mill-Protokoll hija mingħajr preġudizzju għall-eżistenza tar-relazzjoni familjali rilevanti.

b *L-obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjonijiet familjali*

25 Skont l-Artikolu 1(1), il-Protokoll jiddetermina l-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni familjali, filjazzjoni, żwieġ jew affinità. Din il-frażi tikkorrispondi għal dik tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli). Għall-kuntrarju ta' din tal-aħħar,[15] madankollu, il-Protokoll ma jipprovdix għar-riżervi li jippermettu lill-Istati Kontraenti li jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għal obbligi speċifiċi ta' manteniment jew li jeskludu oħrajn.[16] Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll huwa għalhekk wiesa' ħafna.

i *Kamp ta' applikazzjoni aktar wiesa' mill-Konvenzjoni f'dak li jirrigwarda s-suġġett*

26 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll huwa usa', b'mod partikolari mill-kamp ta' applikazzjoni obbligatorju tal-Konvenzjoni, li huwa limitat, skont l-Artikolu 2(1):

[14] Rapport ta' Spjegazzjoni dwar il-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (Infurzar – Liġi Applikabbli), imfassal minn M. Verwilghen (minn hawn 'il quddiem ir-"Rapport ta' Verwilghen"), *Actes et documents de la Douzième session (Atti u Dokumenti tat-Tnax-il Sessjoni) (1972),* Volum IV, *Obligations alimentaires (Obbligi ta' Manteniment),* il-paġni 383-465, il-paragrafi 125 *et seq.* (disponibbli wkoll fuq <www.hcch.net>).

[15] Ara b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 14 tagħha.

[16] Ara l-Art. 27, li taħtu "l-ebda riżerva ma tista' ssir għal dan il-Protokoll".

"*a)* għall-obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni bejn ġenitur u wild lejn persuna taħt il-21 sena;

*b)* għar-rikonoxximent u l-infurzar jew l-infurzar ta' deċiżjoni għall-manteniment konjugali meta l-applikazzjoni ssir ma' talba fil-kamp ta' applikazzjoni tas-subparagrafu *a)*; u

*c)* bl-eċċezzjoni tal-Kapitoli II u III, għall-manteniment konjugali." Din id-differenza hija dovuta, l-ewwel nett, għax-xewqa li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll ikun jikkoinċidi ma' dak tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli) sabiex dak tal-ewwel ikun jista' jieħu post (tal-inqas bejn l-Istati Kontraenti) din tal-aħħar (ara l-Artikolu 18). Tirrifletti wkoll ix-xewqa li ma jkunx ristrett b'mod eċċessiv il-kamp ta' applikazzjoni ta' test li, minħabba li huwa s-suġġett ta' Protokoll separat mill-Konvenzjoni, huwa fakultattiv fi kwalunkwe każ għall-Istati li jirratifikaw lil din tal-aħħar u, bil-maqlub, jista' jkun ratifikat mill-Istati li mhumiex Partijiet għall-Konvenzjoni (ara l-Artikolu 23).

27 Fil-fatt, il-każijiet fejn iż-żewġ strumenti japplikaw ma jistgħux jikkoinċidu fi kwalunkwe każ, minħabba li l-kundizzjonijiet tagħhom għall-applikazzjoni *ratione loci* huma differenti: il-Konvenzjoni hija strument *inter partes*, li tapplika f'relazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti; dan huwa minnu kemm għall-kooperazzjoni amministrattiva[17] kif ukoll għar-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet.[18] Il-Protokoll, min-naħa l-oħra, huwa applikabbli *erga omnes*, anki jekk il-liġi li tindika hija dik ta' Stat *mhux Kontraenti* (ara l-Artikolu 2).

28 Ta' min jinnota wkoll li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni f'termini ta' suġġett jista' jkun estiż ukoll, fuq bażi fakultattiva (permezz ta' dikjarazzjoni skont l-Artikolu 63), "għal kwalunkwe obbligu li jirriżulta minn relazzjoni familjali, filjazzjoni, żwieġ jew affinità [...]" (l-Artikolu 2(3) tagħha). Għalhekk, permezz ta' din id-dikjarazzjoni, kull Stat Kontraenti jista', jekk ikun jixtieq, jagħmel il-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ strumenti *f'termini ta' suġġett* jikkoinċidu. Anki fil-preżenza ta' din id-dikjarazzjoni, madankollu, il-koinċidenza ma tkunx sħiħa: id-dikjarazzjoni pprovduta fl-Artikolu 2(3) tal-Konvenzjoni toħloq obbligi bejn żewġ Stati Kontraenti biss fuq il-bażi tar-reċiproċità, *jiġifieri*, "diment biss li d-dikjarazzjonijiet tagħhom ikopru l-istess obbligi ta' manteniment u partijiet mill-Konvenzjoni"; min-naħa l-oħra, il-Protokoll, kif imsemmi hawn fuq, huwa applikabbli *erga omnes*, b'mod indipendenti minn kull reċiproċità (ara l-Artikolu 2). Huwa għaldaqstant possibbli, anki fi Stat Parti għaż-żewġ strumenti li jkun għamel dik id-dikjarazzjoni, li l-Konvenzjoni, għall-kuntrarju tal-Protokoll, ma tkunx applikabbli għal każ konkret.

ii *Obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni familjali*

29 Il-Protokoll ma jiddefinixxix il-kunċett ta' relazzjoni familjali, iżda jipprovdi biss xi eżempji, li jikkorrispondu għal dawk li jinsabu fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli). B'hekk ir-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u t-tfal, il-filjazzjoni, iż-żwieġ u l-affinità huma msemmija espressament. Din il-lista turi li l-kunċett ta' relazzjoni familjali adottat mill-Protokoll huwa pjuttost wiesa': jinkludi l-affinità, anki jekk mhux l-Istati kollha jirrikonoxxu relazzjonijiet bħal dawn.

30 Il-parti finali tal-Artikolu 1(1) tispeċifika li fil-każ tal-manteniment tat-tfal, l-applikazzjoni tal-Protokoll hija indipendenti mill-istat ċivili tal-ġenituri. Din l-ispeċifikazzjoni, li tidher ukoll fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli) u l-Artikolu 2(4) tal-Konvenzjoni, tistabbilixxi l-fatt li l-Protokoll japplika mingħajr diskriminazzjoni għat-tfal imwielda fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ.

31 Il-problema li teżisti fil-preżent hija dik tad-diversi forom ta' żwieġ u unjonijiet bejn persuni tal-istess sess. Dawn ir-relazzjonijiet huma rikonoxxuti f'għadd dejjem akbar ta' sistemi ġuridiċi, li spiss jikkunsidrawhom bħala relazzjonijiet familjali li jistgħu jagħtu lok għal talbiet ta' manteniment. Stati oħrajn jirrifjutaw li jirrikonoxxuhom, madankollu, peress li f'ċerti każijiet jikkunsidrawhom li mhumiex konsistenti mal-politika pubblika tagħhom. Din is-sitwazzjoni mhijiex se tinbidel bil-Protokoll. Tabilħaqq, ir-regoli dwar il-kunflitt fil-Protokoll jiddeterminaw biss il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment; ma jiddeterminawx il-liġi applikabbli għal dak li jikkostitwixxi relazzjoni familjali u lanqas għall-istabbiliment ta' tali relazzjoni li fuqha huwa bbażat l-obbligu ta' manteniment (ara *supra*, il-paragrafu 23). L-eżistenza u l-validità taż-żwiġijiet jew l-unjonijiet bejn persuni tal-istess sess għaldaqstant jibqgħu jkunu koperti mil-liġi interna tal-Istati Kontraenti, inklużi r-regoli tagħhom dwar id-dritt internazzjonali privat. Barra minn hekk, il-Protokoll ma jispeċifikax jekk l-obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn relazzjonijiet bħal dawn humiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu; din l-ommissjoni hija intenzjonata, sabiex jiġi evitat li l-Protokoll jaffaċċja l-oppożizzjoni fundamentali li teżisti bejn l-Istati dwar dawn il-kwistjonijiet. Is-suġġett madankollu kien diskuss b'rabta ma' ċerti regoli ta' konnessjoni, u b'mod partikolari dik taħt l-Artikolu 5 relatata mal-obbligi ta' manteniment bejn il-konjuġi u l-ex-konjuġi: ċerti delegazzjonijiet kienu ssuġġerew dikjarazzjoni espressa fit-test tal-Protokoll li din id-dispożizzjoni tista', fid-diskrezzjoni tal-Istati, tapplika għal dawk l-istituzzjonijiet simili għaż-żwieġ. Għalkemm dik il-proposta ma kisbitx il-kunsens meħtieġ, il-Kummissjoni II tas-Sessjoni Diplomatika aċċettat li dawk l-Istati li jirrikonoxxu istituzzjonijiet bħal dawn fis-sistemi ġuridiċi tagħhom, jew huma lesti li jirrikonoxxuhom, jistgħu jagħmluhom soġġetti għar-regola taħt l-Artikolu 5 (ara *infra*, il-paragrafi 92 *et seq.*), li hija ekwivalenti għal ammissjoni impliċita li l-Protokoll jista' jkun applikat għalihom. Min-naħa l-oħra, xejn ma

[17] Ara l-Art. 9 tal-Konvezjoni, li jirreferi għal applikazzjonijiet magħmula lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat mitlub permezz tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat *Kontraenti* fejn jgħix l-applikant.

[18] Ara l-Art. 20(1) tal-Konvenzjoni, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom "deċiżjoni meħuda fi Stat *Kontraenti* [...]tkun rikonoxxuta u infurzata fi Stati *Kontraenti* oħrajn" (enfażi miżjuda).

kien deċiż rigward l-Istati Kontraenti li mhumiex lesti li jittrattaw tali istituzzjonijiet bħaż-żwieġ. Għal dawn tal-aħħar, soluzzjoni tista' tkun li wieħed jikkunsidra li dawn ir-relazzjonijiet jistgħu ma jkunux ittrattati bħaż-żwieġ (f'dak il-każ, il-liġi applikabbli tkun iddeterminata fuq il-bażi ta' regoli oħrajn fil-Protokoll, u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 6). Minħabba s-skiet tal-Protokoll u l-istrumenti preparatorji, wieħed irid jammetti li din is-soluzzjoni hija leġittima, anki jekk dan jimplika li l-applikazzjoni tal-Protokoll ma tkunx uniformi fost l-Istati Kontraenti. Dan in-nuqqas ta' uniformità mhuwiex daqstant serju, madankollu, jekk wieħed jikkunsidra li, fi kwalunkwe każ, il-qorti jew l-awtorità kkonċernata tista' għal raġunijiet ta' politika pubblika tirrifjuta l-applikazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ ta' liġi barranija li tirrikonoxxi obbligu ta' manteniment li jirriżulta minn dawn ir-relazzjonijiet kontroversjali (ara l-Artikolu 13; *infra*, il-paragrafu 178).

32 Il-Protokoll ma jispeċifikax jekk huwiex applikabbli għall-obbligi ta' manteniment li jirriżultaw minn ftehim relatat mal-eżistenza jew il-firxa ta' obbligu ta' manteniment. Dawn il-ftehimiet huma spiss magħmula bejn il-konjuġi meta jkunu sejrin jiżżewġu jew f'każ ta' divorzju, jew bejn imsieħba mhux miżżewġin. Ta' min ifakkar li ma kienx possibbli li din il-kwistjoni tiġi solvuta meta tfasslet il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), u din tal-aħħar għaldaqstant tat lill-qrati "diskrezzjoni", li tippermettilhom jagħmlu dawn l-obbligi soġġetti għad-dispożizzjonijiet tat-trattat jew għar-regoli dwar il-kunflitt li huma ġeneralment applikabbli.[19] Minkejja s-skiet tal-Protokoll dwar dan il-punt, huwa jinkludi elementi li jippermettu l-affermazzjoni li huwa applikabbli wkoll għal ftehimiet relatati mal-manteniment, sa fejn dawn il-ftehimiet jitfasslu sabiex jimmodifikaw jew jispeċifikaw aktar obbligu li jirriżulta minn relazzjoni familjali: għall-kuntrarju tal-Konvenzjoni tal-1973, il-Protokoll jippermetti, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, l-għażla tal-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment.[20] Madankollu waħda mir-raġunijiet – jekk mhux ir-raġuni prinċipali – li tippermetti l-għażla kienet proprju biex tipprovdi ċerta stabilità lill-ftehimiet magħmula fir-rigward ta' kwistjonijiet bejn konjuġi jew adulti oħrajn (ara *infra*, il-paragrafu 126). Jekk wieħed jaċċetta li l-liġi magħżula mill-partijiet taħt il-Protokoll tapplika għall-ftehimiet relatati mal-manteniment, l-istess konklużjoni trid tintlaħaq għal-liġi magħżula mill-Protokoll innifsu permezz ta' konnessjoni oġġettiva.

c *Il-kamp ta' applikazzjoni tad-deċiżjonijiet mogħtija b'applikazzjoni tal-Protokoll*

**Paragrafu 2 – Deċiżjonijiet mogħtija fl-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżistenza ta' kull relazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.**

33 It-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 jispeċifika li d-deċiżjonijiet mogħtija b'applikazzjoni tal-Protokoll ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżistenza ta' kull relazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Din id-dispożizzjoni tirriproduċi l-frażi wżata fl-Artikolu 2(2) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli); l-istess soluzzjoni ntużat fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta' Montevideo tal-1989. Din tiddikjara li ħadd ma jista' jistrieħ fuq deċiżjoni li tordna lid-debitur iħallas il-manteniment lill-kreditur fuq il-bażi tal-liġi magħżula mill-Protokoll sabiex jafferma l-eżistenza ta' relazzjoni familjali bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 1(1). Din ir-regola hija korollarju tal-konnessjoni awtonoma tal-obbligu ta' manteniment (ara *supra*, il-paragrafu 23). Hija l-kontroparti tal-Artikolu 19(2) tal-Konvezjoni, li tgħid li, jekk deċiżjoni barranija ma tkunx relatata biss mal-obbligu ta' manteniment, l-effett tar-regoli tal-Konvenzjoni fuq ir-rikonoxximent u l-infurzar huwa limitat għall-obbligu ta' manteniment.[21] Għal analiżi aktar profonda ta' dan l-approċċ, diġà magħrufa sew fl-Istati Kontraenti tal-Konvenzjoni tal-1973, tista' ssir referenza għar-Rapport ta' Verwilghen.[22]

### *Artikolu 2 Applikazzjoni universali*

**Dan il-Protokoll japplika anki jekk il-liġi applikabbli hija dik ta' Stat mhux Kontraenti.**

34 Din id-dispożizzjoni sempliċement tispeċifika n-natura universali tal-Protokoll. Tkun applikabbli fl-Istati Kontraenti anki jekk il-liġi magħżula mid-dispożizzjonijiet tiegħu tkun dik ta' Stat mhux Kontraenti. Dan l-approċċ huwa l-istess bħal dak adottat mill-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli) (Art. 2), u minn diversi Konvenzjonijiet oħrajn tal-Aja relatati mal-liġi applikabbli.

35 Skont din ir-regola, jekk titressaq talba quddiem awtorità fi Stat Kontraenti relatata ma' obbligu ta' manteniment inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Protokoll, l-awtorità jkollha tapplika dak it-test sabiex tiddetermina l-liġi applikabbli fuq il-merti, anki jekk il-każ ikollu konnessjonijiet stretti (minħabba r-residenza tal-partijiet jew minħabba raġunijiet oħrajn) ma' Stat mhux Kontraenti wieħed jew aktar. L-istess japplika jekk il-liġi magħżula mill-Protokoll hija dik ta' Stat mhux Kontraenti (li jista' jkun il-każ jekk, pereżempju, jekk il-kreditur jgħix fi Stat bħal dan jew jekk il-partijiet għażlu dik il-liġi bħala l-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment; ara l-Artikoli 3 u 8).

### *Artikolu 3 Ir-regola ġenerali dwar il-liġi applikabbli*

36 Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-prinċipju tal-konnessjoni tal-obbligi ta' manteniment mal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur. Din il-konnessjoni tikkorrispondi għal dik użata fuq bażi prinċipali fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli) u, fil-każ tal-manteniment tat-tfal, fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1956 dwar il-Manteniment. Hija pprovduta wkoll mill-Artikolu 6(a) tal-Konvenzjoni ta' Montevideo tal-1989 (għalkemm bħala alternattiva għar-residenza abitwali tad-debitur). Din is-soluzzjoni kienet aċċettata b'mod unanimu waqt in-negozjati.

---

[19] Ir-Rapport ta' Verwilghen (*op. cit.* nota 14), il-para. 120.

[20] Ara b'mod partikolari l-Art. 8, li jippermetti lill-partijiet jagħżlu l-liġi applikabbli "fi kwalunkwe ħin".

[21] Ara r-Rapport ta' Borrás-Degeling, il-para. 438.

[22] *Op. cit.* (nota 14), il-paragrafi 122 *et seq.*

**Paragrafu 1 – L-obbligi ta' manteniment ikunu rregolati mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur, sakemm il-Protokoll ma jipprevedix mod ieħor.**

a *Ir-raġuni għal din il-konnessjoni*

37 Din il-konnessjoni toffri bosta vantaġġi. L-akbar wieħed huwa li tippermetti d-determinazzjoni tal-eżistenza u tal-ammont tal-obbligu ta' manteniment fir-rigward tal-kundizzjonijiet ġuridiċi u fattwali tal-ambjent soċjali fil-pajjiż fejn il-kreditur jgħix u jwettaq il-parti l-kbira tal-attivitajiet tiegħu. Kif innutat tajjeb mir-Rapport ta' Verwilghen, "[il-kreditur] juża l-manteniment tiegħu biex jgħix". Għaldaqstant, "ikun għaqli li wieħed jevalwa l-problema konkreta li tirriżulta b'rabta ma' soċjetà konkreta: dik li fiha jgħix u ser jgħix il-petizzjonant".[23]

38 Il-konnessjoni mal-liġi tar-residenza abitwali tiggarantixxi wkoll trattament ugwali fost il-kredituri li jgħixu fl-istess pajjiż, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom. Wieħed ma jarax għaliex kreditur li huwa ta' nazzjonalità barranija għandu jkun ittrattat b'mod differenti, fl-istess ċirkustanzi, minn kreditur li huwa tal-istess nazzjonalità tal-Istat fejn jgħix.

39 Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li l-kriterju tar-residenza abitwali tal-kreditur huwa wżat b'mod estensiv għad-determinazzjoni tal-qorti xierqa fir-rigward tal-manteniment, kemm taħt l-istrumenti ġuridiċi uniformi[24] kif ukoll f'bosta liġijiet interni. Għaldaqstant, l-użu tal-istess kriterju biex tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli spiss iwassal għall-applikazzjoni tal-liġi tal-awtorità involuta, li huwa ta' benefiċċju evidenti f'termini ta' sempliċità u effiċjenza. Dawn il-vantaġġi huma partikolarment siewja fil-każijiet ta' manteniment fejn l-ammonti inkwistjoni, u għalhekk ir-riżorsi disponibbli għad-determinazzjoni tal-liġi barranija, normalment ikunu żgħar ħafna.

40 Kif enfasizzat mill-Artikolu 3(1), il-konnessjoni mar-residenza abitwali tal-kreditur mhijiex applikabbli jekk il-Protokoll jipprovdi mod ieħor. Din hija restrizzjoni importanti peress li din il-konnessjoni hija soġġetta, taħt is-sistema tal-Protokoll, għal bosta eċċezzjonijiet ipprovduti taħt l-Artikoli 4 sa 8. B'mod ġenerali, ta' min jinnota li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-regola huwa aktar limitat hawnhekk milli taħt il-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1956 u tal-1973 dwar il-Manteniment.

b *Il-kunċett ta' residenza abitwali*

41 Il-Protokoll ma jiddefinixxix il-kunċett ta' residenza abitwali. L-istess jista' jingħad għal bosta Konvenzjonijiet tal-Aja li jużaw dan il-kunċett bħala kriterju għad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli jew tal-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet, inkluża l-Konvenzjoni.[25] Il-kompitu li wieħed jiddetermina f'każ speċifiku jekk il-kreditur huwiex residenti fi Stat jew ieħor jaqa' f'idejn l-awtorità li quddiemha jinġieb il-każ; din tal-aħħar għandha, madankollu, tuża kunċett uniformi, ibbażat fuq l-għan tal-Protokoll, minflok tapplika kriterji tal-liġi interna.[26]

42 Ta' min jinnota li l-kriterju magħżul huwa dak ta' residenza *abitwali*, li jimplika ammont ta' stabilità. Is-sempliċi residenza ta' natura temporanja mhijiex biżżejjed sabiex tiddetermina l-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment. Jekk, pereżempju, il-kreditur tal-manteniment jgħix għal ftit xhur f'pajjiż differenti minn dak li fih huwa stabbilit, għall-finijiet ta' edukazzjoni jew biex jiżvolġi xi attività temporanja, dan fil-prinċipju m'għandux jibdel ir-residenza abitwali, lanqas il-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment skont l-Artikolu 3.

43 Il-kriterju tar-"residenza abitwali" jintuża wkoll fil-Konvenzjoni, minbarra l-kunċett ta' "residenza". Fl-Artikolu 20(1) *c)* u *d)* tal-Konvenzjoni, il-kriterju ta' "residenza abitwali" jintuża sabiex ikunu ddeterminati l-bażijiet għar-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet barranin[27] filwaqt li l-kriterju ta' "residenza" jintuża fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni sabiex tkun iddeterminata l-ġuriżdizzjoni tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti u jagħmel id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni relatati mal-kooperazzjoni amministrattiva applikabbli: taħt l-Artikolu 9, "Applikazzjoni taħt dan il-Kapitolu ssir permezz tal-Awtorità Ċentrali tal-Istat Kontraenti li fih jgħix l-applikant lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat rikjedenti." Skont dik id-dispożizzjoni, is-sempliċi residenza hija suffiċjenti anki jekk ma tkunx abitwali; min-naħa l-oħra, is-sempliċi preżenza okkażjonali mhijiex suffiċjenti. Din is-soluzzjoni ntgħażlet sabiex kemm jista' jkun tiffaċilita l-applikazzjonijiet għall-irkupru internazzjonali tal-manteniment.[28]

c *Il-bidla tar-residenza abitwali*

**Paragrafu 2 – F'każ ta' bidla fir-residenza abitwali tal-kreditur, il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida tapplika mill-mument ta' meta sseħħ il-bidla.**

44 Meta l-kreditur jibdel ir-residenza tiegħu, il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida ssir applikabbli mill-mument li fih isseħħ il-bidla. Din is-soluzzjoni, li tikkorrispondi għal dik użata fil-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1956 u tal-1973 dwar il-Manteniment (l-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 4(2), rispettivament), hija meħtieġa meta wieħed jikkunsidra r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-konnessjoni mar-residenza abitwali. Fil-każ ta' bidla fir-residenza abitwali, huwa loġiku li d-determinazzjoni tal-eżistenza u l-ammont tal-obbligu ta' manteniment isiru skont il-liġi tal-pajjiż fejn jgħix il-kreditur. L-applikazzjoni ta' dik il-liġi hija wkoll iġġustifikata fuq il-bażi ta' konsiderazzjonijiet marbuta mat-trattament ugwali tal-kredituri kollha li jgħixu fl-istess pajjiż.

45 Ta' min jinnota li s-soluzzjoni pprovduta għall-kunflitt ta' mobbiltà mhijiex neċessarjament konsistenti mat-tħassib li tkun żgurata l-koinċidenza tal-ġuriżdizzjoni

[23] *Op. cit.* (nota 14), il-para. 138.

[24] Pereżempju l-Art. 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġuriżdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ("Brussell I") u d-dispożizzjoni "parallela" fl-Art. 5(2) tal-*Konvenzjoni ta' Lugano tas-16 ta' Settembru 1988 dwar il-ġuriżdizzjoni u l-infurzar tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali* (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Lugano tal-1988"); l-Art. 8(a) tal-Konvenzjoni ta' Montevideo tal-1989.

[25] Ara r-Rapport ta' Borrás-Degeling, il-paragrafi 61 u 62.

[26] l-Art. 20, ara l-para. 202.

[27] Ara r-Rapport ta' Borrás-Degeling, il-para. 444.

[28] *Ibid.*, il-para. 228.

tal-awtoritajiet mal-liġi applikabbli: meta l-ġuriżdizzjoni tal-awtorità tiddependi fuq ir-residenza abitwali tal-kreditur, din tal-aħħar normalment tkun iddeterminata fil-ħin tal-applikazzjoni mingħajr rigward għal bidla aktar tard (il-prinċipju ta' *perpetuatio fori*). Min-naħa l-oħra, rigward il-liġi applikabbli, il-bidla tar-residenza abitwali tal-kreditur għandha tkun ikkunsidrata fid-deċiżjoni dwar il-manteniment, anki jekk tkun seħħet waqt il-proċeduri. Sa fejn id-deċiżjoni tiddetermina l-manteniment għall-futur, ma jkunx loġiku li bidla daqstant sinifikanti ma tiġix ikkunsidrata fiċ-ċirkostanzi.

46 Madankollu, l-aktar tard li dik il-bidla tista' tkun affermata jekk isseħħ waqt il-proċedura mhuwiex iddeterminat mill-Protokoll. B'hekk jiddependi fuq ir-regoli proċedurali applikabbli f'kull Stat Kontraenti.

47 Ta' min jinnota li l-bidla fir-residenza għandha tiġi kkunsidrata biss jekk, u minn meta, il-kreditur jikseb residenza abitwali ġdida, jiġifieri, meta r-residenza l-ġdida takkwista l-grad ta' stabilità implikata min-natura abitwali. Jekk il-kreditur imur jgħix f'pajjiż ieħor biex joqgħod hemm fuq bażi strettament temporanja,[29] fil-prinċipju ma hemm l-ebda bidla fir-residenza abitwali sakemm ir-residenza l-ġdida f'xi ħin ma ssirx stabbli (jekk, pereżempju, il-kreditur li jkun qed jagħmel xi taħriġ fi Stat barrani jsib xi impjieg li jippermettilu jistabbilixxi residenza hemmhekk għal żmien twil).

48 Il-bidla fil-liġi applikabbli sseħħ mill-mument meta r-residenza abitwali tinbidel, iżda għall-futur biss (*ex nunc*). It-talbiet tal-kreditur relatati mal-perjodu ta' qabel il-bidla għalhekk jibqgħu soġġetti għal-liġi tar-residenza abitwali preċedenti. Din is-soluzzjoni hija ġġustifikata jekk wieħed jikkunsidra li d-dritt li jikseb benefiċċji għall-perjodu preċedenti diġà huwa dovut lill-kreditur u għaldaqstant ma għandux ikun soġġett għal aktar diskussjoni minħabba bidla sussegwenti fil-liġi applikabbli.

### *Artikolu 4 Regoli speċjali li jiffavorixxu lil ċerti kredituri*

49 Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi eċċezzjonijiet kbar mill-konnessjoni fil-prinċipju mar-residenza abitwali tal-kreditur tal-manteniment. Ir-raġuni għall-eżistenza ta' dawn l-eċċezzjonijiet hija li jiġu pprovduti regoli xi ftit aktar favorevoli għal ċerti klassijiet ta' kredituri tal-manteniment f'każijiet meta l-applikazzjoni tal-liġi tar-residenzi abitwali tagħhom tinstab li hija kontra l-interessi tagħhom.

a *Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4*

**Paragrafu 1 – Id-dispożizzjonjiet li ġejjin japplikaw f'każ ta' obbligi ta' manteniment –**

50 Skont l-għan tagħha, ir-regola fl-Artikolu 4 tiffavorixxi biss ċerti klassijiet ta' kredituri, definiti taħt l-ewwel paragrafu tiegħu. Biex jiġi evitat kull nuqqas ta' ftehim, ta' min jinnota li dan il-paragrafu mhuwiex maħsub sabiex jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-manteniment li għandu jingħata (li hija kwistjoni tal-liġi interna magħżula), iżda biss sabiex jiddetermina l-klassijiet ta' kredituri li, għall-fini tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għat-talbiet tagħhom, jingħataw – b'eċċezzjoni mill-Artikolu 3 – il-benefiċċju tal-kriterji ta' konnessjoni definiti skont l-Artikolu 4. L-eżistenza tal-intitolament għall-manteniment tiddependi fuq il-liġi (jew il-liġijiet) indikati minn dak l-Artikolu. Għall-klassijiet ta' kredituri mhux imsemmija fl-Artikolu 4, il-liġi applikabbli għat-talbiet ta' manteniment tagħhom tkun iddeterminata mill-Artikolu 3 jew dispożizzjonijiet oħrajn tal-Protokoll.

51 Ta' min jinnota wkoll li l-Artikolu 4 ma jeskludix l-applikazzjoni, għal ċerti klassijiet ta' kredituri li jsemmi, ta' dispożizzjonijiet oħrajn fil-Protokoll: l-Artikolu 3 jibqa' applikabbli soġġett għal eċċezzjonijiet ipprovduti skont l-Artikolu 4, l-Artikolu 6 jippermetti lid-debitur jikkontesta t-talba tal-kreditur f'ċerti każijiet, u l-Artikoli 7 u 8 jirregolaw il-ftehimiet li jirrigwardaw il-liġi applikabbli.

52 Għall-kuntrarju tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), li taħtha s-sistema "kumulattiva" ibbażata fuq konnessjonijiet sussidjarji għandha kamp ta' applikazzjoni ġenerali (ara l-Artikoli 5-6), il-Protokoll jipprovdi għaliha biss favur dawk il-klassijiet ta' kredituri msemmija skont l-Artikolu 4(1) (ara *infra*, il-paragrafi 53 *et seq.*). Din id-differenza tista' titqies, fl-Istati Kontraenti għall-Konvenzjoni tal-1973, bħala pass lura b'rabta mal-livell attwali ta' protezzjoni mogħtija lill-kredituri tal-manteniment. Madankollu, din l-opinjoni mhijiex għal kollox eżatta: il-Konvenzjoni tal-1973 diġà eskludiet l-akkumulazzjoni ta' fatturi ta' konnessjoni għall-manteniment bejn konjuġi ddivorzjati, li kienu rregolati fi kwalunkwe każ mil-liġi applikata għad-divorzju (l-Artikolu 8 tagħha). L-istess jista' jingħad għas-separazzjoni ġudizzjarja, in-nullità u l-annullament taż-żwieġ. Għalhekk, jekk wieħed iqabbel iż-żewġ strumenti, wieħed josserva li ma jaqblux rigward it-trattament tal-konjuġi li jibqgħu miżżewġin,[30] u ta' ċerti kredituri adulti li t-talbiet ta' manteniment tagħhom mhumiex kwistjoni ta' opinjoni unanima fil-liġi komparattiva (pereżempju, persuni relatati b'mod kollaterali jew b'affinità), u li fir-rigward tagħhom il-Protokoll jipprovdi għall-introduzzjoni ta' ċerti difiżi speċifiċi għad-debitur (ara *infra*, l-Artikolu 6). Meta wieħed jikkunsidra l-fatt li dawn il-klassijiet ta' kredituri huma koperti minn regoli speċjali inqas favorevoli, kien jidher li huwa ftit li xejn loġiku, jew saħansitra manifestament kontradittorju, li dawn il-kredituri jingħataw il-benefiċċju ta' fatturi ta' konnessjoni kumulattivi taħt l-Artikolu 4.

53 Fl-Abbozz ta' Ħidma ta' Jannar 2007 tal-GĦLA,[31] ir-regoli speċjali f'dak li sar l-Artikolu 4 kienu pprovduti biss favur persuni taħt l-età ta' 21 sena. Fil-laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali f'Mejju 2007, din il-klassi kienet maqsuma f'żewġ klassijiet separati. B'hekk l-Artikolu 4 japplika, minn naħa, għall-obbligi ta' manteniment ta' ġenituri lejn it-tfal tagħhom (l-Artikolu 4(1) *a)*) u, min-naħa l-oħra, għall-obbligi ta' manteniment ta' persuni li mhumiex il-ġenituri lejn kull persuna li għadha ma għalqitx il-21 sena (l-Artikolu 4(1) *b)*). Fil-każ ta' qabel,

[29] Ara l-eżempji pprovduti taħt il-paragrafu 42.

[30] Li huma inklużi fl-ambitu tal-Art. 5 tal-Protokoll, filwaqt li kienu esklużi mill-Art. 8 tal-Konvenzjoni tal-1973.

[31] Dok. Prel. Nru 24 ta' Jannar 2007 (*op. cit.* in-nota 7), l-Art. D.

ir-relazzjoni bejn il-ġenitur u l-wild hija l-fattur determinanti; f'dan tal-aħħar, min-naħa l-oħra, it-trattament favorevoli jiddependi fuq l-età tal-kreditur. Barra minn hekk, għal darb'oħra fil-laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali f'Mejju 2007, l-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu kienet estiża għall-obbligi ta' manteniment ta' tfal lejn il-ġenituri tagħhom. Dawn is-soluzzjonijiet jinsabu fit-test finali tal-Protokoll.

**Subparagrafu *a)* – ġenituri lejn uliedhom;**

54 Skont l-Artikolu 4(1) *a),* l-Artikolu 4 japplika għall-obbligi ta' manteniment tal-ġenituri lejn uliedhom, irrispettivament mill-età tagħhom. L-eżistenza ta' relazzjoni bejn il-ġenituri u l-ulied kienet meqjusa li tiġġustifika biżżejjed it-trattament favorevoli fir-rigward tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli. Dan ma jfissirx li l-wild ikun intitolat jikseb il-manteniment irrispettivament mill-età tiegħu, li hija kwistjoni li tiddependi fuq ir-regoli sostantivi tal-liġi (jew tal-liġijiet) magħżula, iżda biss li jista' jibbenefika mill-konnessjonijiet sussidjarji kumulattivi, u mill-konnessjonijiet bil-maqlub, ipprovduti taħt il-paragrafi 2 sa 4 tal-Artikolu 4.

**Subparagrafu *b)* – persuni, li mhumiex il-ġenituri, lejn persuni li jkunu għadhom ma għalqux il-21 sena, bl-eċċezzjoni ta' obbligi li jirriżultaw mir-relazzjonjiet imsemmija fl-Artikolu 5; u**

55 Skont l-Artikolu 4(1) *b),* il-benefiċċju tar-regoli tal-Artikolu 4 huwa estiż għall-persuni taħt l-età ta' 21 sena. Dan jirreferi għall-obbligi ta' manteniment ibbażati fuq relazzjonijiet familjali rregolati mill-Protokoll (ara l-Artikolu 1(1)), minbarra r-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u t-tfal (diġà pprovduti mill-Artikolu 4(1) *a)*) u ż-żwieġ: l-Artikolu 4(1) *b)* jipprovdi espressament li ma għandux japplika għall-obbligi ta' manteniment li jirriżultaw mir-relazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5, jiġifieri, l-obbligi ta' manteniment bejn il-konjuġi, l-ex-konjuġi jew partijiet għal żwieġ li ġie annullat. Fin-nuqqas ta' għażla ta' liġi applikabbli, l-obbligi bejn il-konjuġi u l-ex-konjuġi huma rregolati mir-regoli tal-Artikoli 3 u 5; il-*favor creditoris* li fuqu huwa bbażat l-Artikolu 4 ma japplikax għalihom.

56 Is-sitwazzjonijiet imsemmija fis-subparagrafu *b)* għaldaqstant huma essenzjalment dawk ta' talbiet ta' manteniment ibbażati fuq relazzjoni diretta jew kollaterali (pereżempju talba magħmula minn neputijiet, aħwa, jew tfal ta' aħwa) jew affinità (pereżempju wild lejn il-konjuġi tal-ġenitur). Ta' min jinnota li dawn l-obbligi huma soġġetti wkoll għall-Artikolu 6, biex id-debitur ikun jista' juża, jekk applikabbli, il-mezz ta' difiża pprovduta taħt l-Artikolu. Is-soluzzjoni pprovduta mill-Protokoll f'dan ir-rigward mhijiex konsistenti ħafna, peress li l-istess relazzjonijiet huma privileġġjati taħt l-Artikolu 4 u żvantaġġjati taħt l-Artikolu 6 (ara *infra,* il-paragrafu 100). Dan huwa evidentement eżitu ta' kompromess.

57 Wara eżitazzjoni twila rigward l-istabbiliment tal-limitu tal-età ta' 18 jew 21 sena, is-Sessjoni Diplomatika finalment għażlet din tal-aħħar. L-argument ewlieni b'appoġġ għal din is-soluzzjoni huwa li dan huwa konsistenti mat-tendenza osservata fil-liġi komparattiva li tiffavorixxi l-għoti ta' manteniment lil persuni żgħażagħ fl-edukazzjoni ogħla, b'mod partikolari fl-università. Din it-tendenza ġiet ikkunsidrata f'ċerti strumenti bbażati b'mod internazzjonali; b'hekk il-Konvenzjoni ta' Montevideo tal-1989 tipprovdi li l-benefiċċji li jirriżultaw minn dak l-istrument japplikaw favur persuni li, wara li jilħqu l-età ta' 18-il sena, jibqgħu eliġibbli għall-manteniment taħt il-liġi applikabbli. Ta' min jenfasizza fi kwalunkwe każ li l-possibbiltà tal-ksib ta' manteniment tiddependi fuq il-liġi (jew il-liġijiet) magħżula; il-Protokoll jirregola biss il-kunflitti tal-liġi iżda ma jimponi l-ebda obbligu fuq l-Istati li jemendaw il-liġijiet interni tagħhom.

**Subparagrafu *c)* – tfal lejn il-ġenituri tagħhom.**

58 L-Artikolu 4(1) *c)* jagħmel lill-Artikolu 4 applikabbli għall-obbligi ta' manteniment ta' tfal lejn il-ġenituri tagħhom. Din l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-regola speċjali kienet proposta mill-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet fil-laqgħa ta' Mejju 2007 tal-Kummissjoni Speċjali, għar-raġuni li l-ġenituri, bħat-tfal tagħhom, ukoll jistħoqqilhom trattament favorevoli f'termini ta' kunflitti tal-liġi. Din is-soluzzjoni kienet eventwalment adottata fis-Sessjoni Diplomatika. Bħal fil-każ tas-subparagrafu *b),* ir-relazzjonijiet li għalihom jirreferi s-subparagrafu *c)* huma wkoll soġġetti għar-regola fl-Artikolu 6, li tippermetti li d-debitur isostni d-difiża pprovduta taħt dik id-dispożizzjoni (*ibid.*).

b *Il-konnessjoni sussidjarja għal-liġi tal-forum*

**Paragrafu 2 – Jekk il-kreditur ma jkunx jista', minħabba fil-liġi msemmija fl-Artikolu 3, jikseb manteniment mingħand id-debitur, tapplika l-liġi tal-forum.**

59 L-ewwel vantaġġ mogħti lill-klassijiet ta' kredituri definiti taħt l-Artikolu 4(1) jikkonsisti fid-dispożizzjoni ta' konnessjoni sussidjarja mal-liġi tal-forum f'każijiet fejn il-kreditur ma jkunx jista' jikseb manteniment permezz tal-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tiegħu. Din is-soluzzjoni hija ispirata mill-*favor creditoris* u hija mfassla sabiex tassigura li l-kreditur jkollu l-possibbiltà li jikseb il-manteniment jekk ikun ipprovdut mil-liġi tal-awtorità li quddiemha jinġieb il-każ.

60 Din hija soluzzjoni tradizzjonali. Fil-preżent hija pprovduta mill-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1956 u tal-1973 (l-Artikoli 3 u 6, rispettivament). Dan tal-aħħar, madankollu, jipprovdiha biss bħala rimedju aħħari, wara l-applikazzjoni, għal darba oħra fuq bażi sussidjarja, tal-liġi tan-nazzjonalità komuni tal-partijiet (l-Artikolu 5). Il-qlib fil-Protokoll ta' dawn iż-żewġ kriterji ta' konnessjoni (il-liġi tal-forum qabel il-liġi tan-nazzjonalità komuni, ara l-Artikolu 4(4)) huwa ġġustifikat għal diversi raġunijiet. L-ewwel nett, inaqqas l-importanza fil-prattika ta' konnessjoni mal-liġi tan-nazzjonalità komuni, li r-rilevanza tagħha fil-kwistjonijiet ta' manteniment hija kkontestata (ara *infra,* il-paragrafu 74). It-tieni nett, jiffaċilita x-xogħol tal-awtorità li quddiemha jinġieb il-każ, li tista' tapplika l-liġi tagħha stess fuq bażi sussidjarja mingħajr ma tkun meħtieġa l-ewwel li tkun informata dwar is-sustanza tal-liġi tan-nazzjonalità komuni tal-partijiet. B'riżultat ta' dan, din is-soluzzjoni hija ta' benefiċċju wkoll għall-kreditur peress li tippermetti li d-deċiżjoni tittieħed aktar malajr u b'inqas spejjeż.

61 L-istess bħal fil-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1956 u tal-1973 dwar il-Manteniment, il-konnessjoni sussidjarja hija pprovduta biss jekk il-kreditur "ma jkunx jista' jikseb manteniment" skont il-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur, applikabbli fuq bażi prinċipali. It-tifsira eżatta li għandha tingħata lil din il-frażi kienet kontroversjali waqt il-laqgħa tal-Kummissjoni Speċjali f'Mejju 2007. Il-kreditur jista' jgawdi b'mod ċar mill-benefiċċju tal-applikazzjoni sussidjarja tal-liġi tal-forum mhux biss jekk il-liġi tar-residenza abitwali tiegħu ma tipprovdi għal ebda obbligu ta' manteniment li jirriżulta mir-relazzjoni ta' familja rilevanti (pereżempju ma tipprovdi għal ebda obbligu ta' tfal lejn il-ġenituri tagħhom), iżda wkoll jekk, għalkemm tirrikonoxxi dan l-obbligu fil-prinċipju, tagħmel l-obbligu soġġett għal xi kundizzjoni li ma tkunx issodisfata fil-każ inkwistjoni (pereżempju tipprovdi li l-obbligu tal-ġenituri lejn it-tfal jispiċċa meta dawn jgħalqu t-18-il sena, filwaqt li l-kreditur ikun laħaq dik l-età fil-kawża inkwistjoni).[32] Jekk l-applikazzjoni sussidjarja tal-liġi tal-forum għandhiex tapplika wkoll meta ma jkunx dovut manteniment taħt il-liġi tar-residenza abitwali għal raġunijiet ekonomiċi, jiġifieri, fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti minn dik il-liġi għad-determinazzjoni tal-ħtiġijiet tal-kreditur u / jew tar-riżorsi tad-debitur (jiġifieri, jekk, skont il-liġi tar-residenza abitwali, il-kreditur ma jkunx jeħtieġ manteniment jew id-debitur ma jkunx jista' jmantnieh), jibqa' suġġett ta' diskussjoni. F'termini strettament teoretiċi, huwa diffiċli li wieħed jiddistingwi din is-sitwazzjoni minn dawk imsemmija hawn fuq, peress li dan huwa wkoll każ fejn l-għoti tal-manteniment huwa miċħud abbażi tan-nuqqas ta' rekwiżit stipulat mil-liġi applikabbli fuq bażi prinċipali. Skont il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet, madankollu, il-*favor creditoris* (u l-konnessjoni sussidjarja li tikkostitwixxi l-espressjoni tiegħu bħala regola) ma għandux japplika f'dan il-każ.

62 Fi kwalunkwe każ, ir-rikors għall-konnessjoni sussidjarja jkun eskluż meta l-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur tipprovdi għal obbligu ta' manteniment f'ammont inqas mil-liġi tal-forum. F'dak il-każ, tapplika l-liġi indikata mill-Artikolu 3, anki jekk tkun inqas favorevoli fil-prattika għall-kreditur mil-liġi tal-awtorità li quddiemha jinġieb il-każ.

63 F'dawk il-każijiet fejn hija applikabbli, il-konnessjoni sussidjarja għal-liġi tal-forum hija evidentement ta' użu biss jekk il-proċeduri tal-manteniment jinfetħu fi Stat li mhuwiex dak tar-residenza abitwali tal-kreditur, peress li inkella l-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur u l-liġi tal-forum ikunu l-istess. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) huwa sussegwentement imċekken mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll. Taħt dan tal-aħħar, il-liġi tal-forum hija applikabbli fuq bażi prinċipali fi kwalunkwe każ jekk il-proċeduri jinfetħu mill-kreditur fl-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur (ara *infra*, il-paragrafi 64 *et seq.*). B'hekk, l-applikazzjoni sussidjarja tal-liġi tal-forum taħt l-Artikolu 4(2) tista' tkun ikkontemplata biss jekk il-proċeduri jinfetħu mid-debitur (pereżempju f'każ fejn dan tal-aħħar iressaq proċeduri quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat tar-residenza abitwali tiegħu diment li l-qorti li quddiemha jinġieb il-każ tista' tisimgħu;[33] f'każ bħal dan, il-kreditur jista' jinvoka l-liġi tal-forum fid-difiża tiegħu) jew jekk l-awtorità li quddiemha jinġieb il-każ tkun dik ta' Stat li l-ebda waħda mill-partijiet ma hija residenti fih (jekk, pereżempju, it-talba tal-manteniment titressaq fuq bażi aċċessorja quddiem il-qorti li għandha ġuriżdizzjoni sabiex tiddetermina l-affiljazzjoni jew ix-xoljiment taż-żwieġ).

c *It-tibdil tal-fatturi ta' konnessjoni fil-każ ta' proċeduri miftuħa mill-kreditur fl-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur*

**Paragrafu 3 – Minkejja l-Artikolu 3, jekk il-kreditur diġà jkun irrikorra għall-awtorità kompetenti tal-Istat fejn id-debitur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, tapplika l-liġi tal-forum. Madanakollu, jekk il-kreditur ma jkunx jista', permezz ta' din il-liġi, jikseb manteniment mingħand id-debitur, tapplika l-liġi tal-Istat fejn il-kreditur ikollu r-residenza abitwali.**

64 L-Artikolu 4(3) jipprovdi li l-liġi tal-forum hija applikabbli fuq bażi prinċipali jekk il-kreditur ikun ressaq it-talba tiegħu quddiem l-awtorità kompetenti tal-Istat fejn id-debitur ikollu r-residenza abitwali tiegħu. F'dak il-każ, madankollu, jekk il-kreditur tal-manteniment ma jkunx jista' jikseb manteniment taħt il-liġi tal-forum, il-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur tibda tapplika mill-ġdid fuq bażi sussidjarja. Din hija bidla kbira tal-fatturi ta' konnessjoni pprovduti taħt l-Artikolu 3 u 4(2) (il-liġi tal-forum qabel il-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur). Din id-dispożizzjoni hija l-eżitu ta' kompromess bejn dawk li jappoġġjaw l-applikazzjoni mingħajr distinzjoni tal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur u dawk li jappoġġjaw il-liġi tal-forum.

i *Il-konnessjoni prinċipali mal-liġi tal-forum*

65 L-applikazzjoni tal-liġi tal-forum hija soġġetta għal żewġ kundizzjonijiet: l-ewwel, l-awtorità li quddiemha jitressaq il-każ trid tkun dik tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur u, it-tieni, il-proċeduri jridu jinfetħu mill-kreditur.

66 Din l-ewwel kundizzjoni hija dik li tiġġustifika l-applikazzjoni tal-liġi tal-forum minflok il-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur. Ta' min josserva li meta l-proċeduri ta' manteniment jinfetħu fl-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur, il-fattur ta' konnessjoni tar-residenza abitwali tal-kreditur jitlef xi wħud mill-virtujiet tiegħu. F'każ bħal dan, dak il-kriterju ma jirriżultax fl-applikazzjoni tal-liġi tal-forum u b'hekk l-awtorità li quddiemha jitressaq il-każ ikollha tiddetermina s-sustanza ta' liġi barranija, operazzjoni li tista' tinvolvi ħafna ħin u spejjeż. Barra minn hekk, dik il-liġi barranija jkollha tiġi applikata anki jekk, fil-każ inkwistjoni, tkun *inqas favorevoli* għall-kreditur mil-liġi tal-forum (l-unika eċċezzjoni pprovduta skont l-Artikolu 4(2) hija s-

[32] Ara.r-Rapport ta' Verwilghen (*op. cit.* in-nota 14), il-para. 145.

[33] Dan normlament ma jkunx il-każ fl-Istati Partijiet għall-Konvezjoni meta d-debitur jippreżenta rikors biex jiġi lliberat minn obbligu ta' manteniment wara deċiżjoni preċedenti mogħtija fl-Istat Kontraenti fejn il-kreditur huwa residenti abitwali. Skont l-Art. 18(1) tal-Konvenzjoni, u soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet, "meta deċiżjoni tittieħed fi Stat Kontraenti fejn il-kreditur huwa resident abitwali, il-proċeduri għall-emenda tad-deċiżjoni jew għat-teħid ta' deċiżjoni oħra ma jistgħux jitressqu mid-debitur fi kwalunkwe Stat Kontraenti ieħor sakemm il-kreditur jibqa' resident abitwali fl-Istat fejn ittieħdet id-deċiżjoni".

sitwazzjoni li fiha l-kreditur *ma jkun intitolat għall-ebda manteniment* skont il-liġi tar-residenza abitwali tiegħu, ara *supra*, il-paragrafu 62). F'sitwazzjoni bħal din, l-applikazzjoni tal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur twassal għal riżultat kuntrarju għat-tħassib dwar il-protezzjoni tal-kreditur li fuqu hija bbażata. Għaldaqstant deher li jkun xieraq li din il-konnessjoni tiġi sostitwita bl-applikazzjoni tal-liġi tal-forum, li f'dan il-każ hija wkoll il-liġi tar-residenza abitwali tad-debitur (ta' min jinnota li strumenti internazzjonali oħrajn jagħmlu l-liġi tar-residenza abitwali tad-debitur applikabbli f'ċerti każijiet; dan jgħodd b'mod partikolari għall-Konvenzjoni ta' Montevideo tal-1989, li l-Artikolu 6 tagħha jipprovdi għall-applikazzjoni ta' dik il-liġi bħala alternattiva għal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur, jekk tkun aktar favorevoli għall-kreditur tal-manteniment).

67 It-tieni kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-liġi tal-forum hija li l-proċeduri għandhom jinfetħu mill-kreditur; hija mfassla sabiex tnaqqas, fl-interess tal-kreditur, it-tluq mill-prinċipju ta' konnessjoni mal-liġi tar-residenza abitwali tiegħu. Deher li dan it-tluq jista' jkun iġġustifikat jekk il-kreditur innifsu jiftaħ il-proċeduri fl-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur, filwaqt li jidher eċċessiv jekk il-proċeduri jinfetħu f'dak il-pajjiż fuq inizjattiva tad-debitur (pereżempju għall-finijiet ta' applikazzjoni għal tibdil ta' deċiżjoni dwar il-manteniment). Il-kreditur spiss għandu l-għażla li jressaq il-proċeduri fil-pajjiż fejn jgħix jew fil-pajjiż fejn jgħix id-debitur (dan huwa l-każ b'mod partikolari fiż-żona ġudizzjarja Ewropea skont l-Artikoli 2 u 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 u tal-Konvenzjoni tal-1988 ta' Lugano; l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Montevideo tal-1989 jipprovdi għal għażla simili, ara *supra*, il-paragrafu 39). Jekk jagħżel it-tieni soluzzjoni, ma jistax jilmenta dwar l-applikazzjoni tal-liġi interna tal-pajjiż tad-debitur. B'kunsiderazzjoni għal dan, is-soluzzjoni magħżula tikkostitwixxi tip ta' kompromess bejn dawk li jappoġġjaw l-applikazzjoni awtomatika tal-liġi tal-forum u dawk li kienu jippreferu jagħmluha soġġetta għal għażla min-naħa tal-kreditur.[34] Barra minn hekk, ta' min jinnota li jekk il-proċeduri jinfetħu mill-kreditur, il-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur tkun ibbażata b'mod sod ħafna (peress li tkun ibbażata fuq il-prinċipju tal-*actor sequitur forum rei*), u tagħti ġustifikazzjoni aktar soda għall-applikazzjoni tal-liġi tal-forum. Jekk, min-naħa l-oħra, il-proċeduri jinfetħu mid-debitur fl-Istat ta' residenza tiegħu, il-ġuriżdizzjoni tal-awtoritajiet ta' dak l-Istat (jekk teżisti taħt il-liġi tal-forum) tista' tkun ibbażata fuq kriterju ta' ġuriżdizzjoni li huwa ferm inqas sinifikanti (bħan-nazzjonalità ta' xi waħda mill-partijiet), jew saħansitra evidentement eżorbitanti (*forum actoris*). Din hija raġuni akbar biex tiġi eskluża l-applikazzjoni tal-liġi tal-forum f'każ bħal dan.

68 L-applikazzjoni tal-liġi tal-forum fuq bażi prinċipali hija pprovduta biss għall-klassijiet ta' kredituri msemmija taħt l-Artikolu 4(1) (tfal, kredituri taħt il-21 sena u ġenituri). Din is-soluzzjoni restrittiva, li tvarja mis-soluzzjoni proposta mill-GĦLA fl-Abbozz ta' Ħidma tal-2006,[35] hija dovuta prinċipalment għar-raġuni li ġejja. Kien jidher li l-applikazzjoni tal-liġi tal-forum għall-kundizzjonijiet stipulati mid-dispożizzjoni inkwistjoni hija ta' benefiċċju sostanzjali għall-kreditur: jekk iressaq il-każ tiegħu quddiem l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza tiegħu jew dawk tal-Istat tar-residenza tad-debitur, il-kreditur jingħata d-dritt li jagħżel b'mod indirett il-liġi applikabbli għat-talba għall-manteniment tiegħu (forum shopping). Skont is-Sessjoni Diplomatika, dan il-privileġġ huwa ġustifikabbli biss għall-klassijiet li jibbenefikaw mill-Artikolu 4.

69 Rigward l-obbligi ta' manteniment lejn it-tfal, l-applikazzjoni tal-liġi tal-forum tistrieħ ukoll fuq kunsiderazzjoni oħra. F'għadd dejjem akbar ta' pajjiżi, il-kompitu tad-determinazzjoni ta' dawn l-obbligi huwa fdat f'idejn l-awtoritajiet amministrattivi. Dawn l-awtoritajiet jista' ma jkollhomx l-esperjenza u l-mezzi meħtieġa sabiex jiddeterminaw u japplikaw il-liġi barranija. Għaldaqstant, l-applikazzjoni tal-liġi tal-forum tista' tkun aktar xierqa għal ċerti sistemi bbażati fuq l-amministrazzjoni għall-irkupru tal-manteniment. Naturalment dan huwa ta' tħassib inqas kbir f'dak li jirrigwarda t-talbiet għall-manteniment ta' kredituri adulti, li normalment ikunu ddeterminati mill-awtoritajiet ġudizzjarji (tal-inqas meta ma jkunux marbuta mat-talbiet għall-manteniment ta' uliedhom).

ii *Il-konnessjoni sussidjarja mal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur*

70 Peress li l-applikazzjoni fuq bażi prinċipali tal-liġi tal-forum hija bbażata fuq il-*favor creditoris*, ma tistax tinżamm meta twassal biex il-kreditur jiġi miċħud xi manteniment. Huwa għalhekk li l-Artikolu 4(3) *in fine* jipprovdi, b'mod simili għall-Artikolu 4(2) iżda bil-kontra, konnessjoni sussidjarja għal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur meta dan tal-aħħar ma jkunx jista' jikseb manteniment permezz tal-liġi tal-awtorità li quddiemha jitressaq il-każ. L-Artikolu 4(3) b'hekk sempliċement jibdel il-konnessjonijiet ipprovduti fir-regoli ġenerali. It-tifsira tal-frażi "ma jkunx jista' jikseb manteniment" hija naturalment l-istess bħal fl-Artikolu 4(2) (ara *supra*, il-paragrafi 61 u 62).

d *Il-konnessjoni sussidjarja man-nazzjonalità komuni tal-partijiet*

**Paragrafu 4 – Jekk il-kreditur ma jkunx jista', permezz tal-liġijiet imsemmija fl-Artikolu 3 u fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, jikseb manteniment mid-debitur, tapplika l-liġi tal-Istat tan-nazzjonalità komuni tagħhom, jekk ikun hemm.**

71 Jekk il-kreditur ma jkunx jista' jikseb manteniment, kemm taħt il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tiegħu jew il-liġi tal-forum (applikabbli f'dik l-ordni jew, fil-każ tal-Artikolu 4(3), bil-maqlub), il-liġi tan-nazzjonalità komuni tal-partijiet tkun applikabbli bħala l-aħħar rimedju. Din it-tieni konnessjoni sussidjarja tikkompleta l-protezzjoni tal-kreditur tal-manteniment f'każijiet fejn il-liġijiet magħżula mill-ewwel żewġ kriterji ma jipprovdux għall-obbligu ta' manteniment. It-tifsira tal-frażi "ma jkunx jista' jikseb manteniment" hija naturalment l-istess bħal fl-Artikolu 4(2) (*ibid.*).

72 Il-konnessjoni mal-liġi tan-nazzjonalità komuni tal-partijiet hija pprovduta wkoll taħt il-Konvenzjoni tal-Aja

[34] Ara r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Liġi Applikabbli, Dok. Prel. Nru 22 ta' Ġunju 2006 (*op. cit.* in-nota 6), il-paragrafi 24 u 25.
[35] *Ibid.*, il-paragrafi 20 *et seq.*

tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli) (l-Artikolu 5), iżda f'dak l-istrument tipprevali fuq il-liġi tal-forum. Ir-raġunijiet għall-qlib ta' dawn iż-żewġ kriterji diġà ssemmew (ara *supra*, il-paragrafu 60).

73 Għall-kuntrarju tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), il-konnessjoni sussidjarja għan-nazzjonalità tal-partijiet (bħal dik għal-liġi tal-forum) hija pprovduta biss għall-klassijiet ta' krendituri msemmija fl-Artikolu 4(1). Ir-raġunijiet għal dik ir-restrizzjoni tail-kamp ta' applikazzjoni tal-konnessjonijiet kumulattivi diġà ġew spjegati (ara *supra*, il-paragrafu 52).

74 L-użu tal-konnessjoni man-nazzjonalità komuni għall-obbligi ta' manteniment kien is-suġġett ta' bosta kritika, bl-akbar waħda tkun li dan il-kriterju huwa diskriminatorju peress li l-benefiċċju tiegħu huwa pprovdut biss lill-krendituri li għandhom nazzjonalità komuni mad-debitur.[36] Kritika oħra hija marbuta man-natura ekwivoka ta' dik il-konnessjoni meta n-nazzjonalità komuni tkun dik ta' Stat b'ħafna unitajiet.[37] Minkejja din il-kritika, bosta delegazzjonijiet iġġieldu għaż-żamma ta' dik il-konnessjoni sussidjarja fil-Protokoll, li wassal għall-formazzjoni ta' kunsens b'appoġġ. Ta' min jinnota li l-limitazzjoni tagħha għall-klassijiet ta' krenditur biss imsemmija fl-Artikolu 4(1) (filwaqt li taħt il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), dik il-konnessjoni għandha kamp ta' applikazzjoni ġenerali), u d-"demozzjoni" tagħha għall-grad tat-*tieni* konnessjoni sussidjarja (filwaqt li fis-sistema tal-Konvenzjoni tal-1973, kienet l-*ewwel* konnessjoni sussidjarja, wara r-residenza abitwali u qabel il-liġi tal-forum), tnaqqas ħafna l-impatt prattiku u l-inkonvenjenzi tagħha.

75 Fil-każ ta' tfal minorenni b'mod partikolari, l-applikazzjoni ta' dan it-tielet kriterju ta' konnessjoni għandha tkun pjuttost rari, peress li l-parti l-kbira tal-liġijiet interni jirrikonoxxu d-dritt għall-manteniment f'każijiet bħal dawn. Min-naħa l-oħra, in-nazzjonalità komuni jista' jkollha parti importanti fil-każijiet l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 4(1), rigward b'mod partikolari t-talbiet għall-manteniment ta' tfal adulti lejn il-ġenituri tagħhom, ta' persuni taħt il-21 sena lejn membri oħrajn tal-familja, u ta' ġenituri lejn it-tfal tagħhom.

76 Il-Protokoll ma jipprovdix għall-każ ta' nazzjonalitajiet multipli; jista' jkun li l-kreditur jew id-debitur, jew it-tnejn, ikollhom tnejn jew aktar. Il-metodi ġeneralment użati biex jiġu solvuti dawn il-każijiet fid-dritt internazzjonali privat tal-Istati mhumiex adattati għall-użu skont il-Protokoll. Tabilħaqq, il-prijorità mogħtija minn ċerti Stati lin-nazzjonalità tal-forum twassal għal riżultati li bilkemm huma uniformi. Rigward id-determinazzjoni tal-eqreb nazzjonalità jew tan-nazzjonalità l-aktar effettiva, din fiha marġni konsiderevoli ta' inċertezza u hija, wkoll, tista' twassal għal riżultati diverġenti bejn l-Istati Kontraenti. Il-*favor creditoris*, li huwa l-bażi tal-Artikolu 4(4), pjuttost għandu jwassal għall-applikazzjoni tal-liġi tan-nazzjonalità komuni fil-każijiet kollha fejn teżisti, anki jekk dik in-nazzjonalità mhijiex, għal parti jew għal oħra, l-eqreb waħda jew l-iktar waħda effettiva. L-istess kunsiderazzjonijiet għandhom japplikaw meta l-partijiet jikkondividu diversi nazzjonalitajiet, bir-riżultat li t-talba tal-kreditur tista' tintlaqa' fuq il-bażi ta' xi waħda jew oħra minn dawk il-liġijiet ta' nazzjonalità komuni.

*Artikolu 5 Regola speċjali rigward il-konjuġi u l-ex konjuġi*

**F'każ ta' obbligu ta' manteniment bejn il-konjuġi, l-ex-konjuġi jew partijiet ta' żwieġ li ġie annullat, l-Artikolu 3 ma japplikax jekk waħda mill-partijiet toġġezzjona u jekk il-liġi ta' xi Stat ieħor, b'mod partikolari l-Istat fejn kellhom ir-residenza abitwali komuni tagħhom l-aħħar, ikollu konnessjoni aktar mill-qrib maż-żwieġ. F'dan il-każ, tapplika l-liġi ta' dak l-Istat l-ieħor.**

77 Dan l-Artikolu jinkludi regola speċjali għall-fattur ta' konnessjoni li jirrigwarda l-obbligi ta' manteniment bejn il-konjuġi u l-ex-konjuġi. Għal obbligi bħal dawn, il-konnessjoni fil-prinċipju mar-residenza abitwali tal-kreditur għandha ċċedi, jekk waħda mill-partijiet titlob dan, għall-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat ieħor, b'mod partikolari l-Istat tal-aħħar residenza abitwali komuni tal-konjuġi jekk dik il-liġi jkollha konnessjoni aktar mill-qrib maż-żwieġ.

a *Ir-raġuni għar-regola speċjali*

78 Id-dispożizzjoni ta' regola speċjali għal din il-klassi ta' obbligi ta' manteniment hija bbażata fuq l-osservazzjoni li l-applikazzjoni tal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur mhijiex dejjem adattata għall-obbligi bejn il-konjuġi u l-ex-konjuġi. Ta' min jikkunsidra li f'ċerti sistemi domestiċi, il-manteniment jingħata lil konjuġi biss b'restrizzjoni kbira u f'każijiet eċċezzjonali (fl-Ewropa, din l-attitudni restrittiva hija karatteristika tal-liġi tal-Istati Skandinavi b'mod partikolari). F'dan l-isfond, l-applikazzjoni mingħajr diskriminazzjoni tar-regoli ispirata mill-*favor creditoris* hija meqjusa f'ċerti Stati bħala eċċessiva. B'mod partikolari, il-possibbiltà għal wieħed mill-konjuġi li jinfluwenza l-eżistenza u s-sustanza tal-obbligu ta' manteniment permezz ta' bidla tar-residenza minn naħa waħda tista' twassal għal riżultat li huwa inqas ġust u kontra l-aspettattivi leġittimi tad-debitur. Nieħdu pereżempju l-każ ta' koppja ta' ċittadini tal-Istat A, li l-liġi tiegħu fil-prinċipju ma tipprovdix għall-manteniment wara d-divorzju. Wara li jkunu għexu ħajjithom kollha bħala konjuġi f'dak l-Istat, il-konjuġi jiddivorzjaw u wieħed minnhom isiefer lejn Stat B, fejn il-liġi hija aktar ġeneruża lejn il-konjuġi ddivorzjati, u mbagħad jitlob il-manteniment fuq il-bażi tal-liġi tar-residenza abitwali l-ġdida tiegħu. Skont ir-regola ġenerali ta' konnessjoni taħt l-Artikolu 3, dik it-talba għandha tintlaqa'. F'dawn iċ-ċirkostanzi, madankollu, l-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat B, Stat fejn il-konjuġi qatt ma għexu sakemm kienu miżżewġin, tidher ferm inġusta lejn il-parti miżżewġa l-oħra u kuntrarja għall-aspettattivi leġittimi li l-konjuġi seta' kellhom tul iż-żwieġ tagħhom.

79 Id-dgħufijiet tal-konnessjoni mar-residenza abitwali tal-kreditur fil-każ ta' obbligi ta' manteniment bejn

[36] B'sostenn għal dan, ara diġà r-Rapport ta' Verwilghen (*op. cit.* in-nota 14), il-para. 144.

[37] Is-soluzzjoni stabbilita għal każ bħal dan fil-Protokoll hija r-rikors għall-kunċett tal-eqreb konnessjoni, ara l-Art. 16(1) *d)* u *e)*; *infra*, il-para. 193.

konjuġi ddivorzjati kienu diġà ġew osservati waqt l-abbozzar tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli). Din tipprovdi regola speċjali għal din is-sitwazzjoni, li permezz tagħha l-obbligi ta' manteniment bejn konjuġi ddivorzjati huma rregolati mil-liġi applikata għad-divorzju (l-Artikolu 8). L-istess jgħodd *mutatis mutandis* għall-każijiet ta' separazzjoni ġudizzjarja, u għaż-żwiġijiet iddikjarati nulli jew annullati (l-Artikolu 8(2)). Din is-soluzzjoni tapplika mhux biss meta t-talba għall-manteniment tiġi solvuta matul il-proċeduri tad-divorzju (jew fid-divorzju), iżda wkoll għall-proċeduri miftuħa sussegwentement sabiex jiġi rivedut jew issupplimentat id-digriet tad-divorzju. Ir-raġuni ddikjarata għal dan il-*perpetuatio juris* hija r-rekwiżit ta' garanzija ta' kontinwità billi l-bidla tar-residenza tal-parti miżżewġa tal-kreditur ma titħallhiex twassal għal bidla fil-liġi applikabbli.

80 Madankollu, din is-soluzzjoni għandha diversi żvantaġġi, li ġibdu kritika mqanqla mill-Istati Kontraenti tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli). L-ewwel nett ta' min jinnota li, peress li r-regoli dwar il-kunflitt fir-rigward tad-divorzju ma ġewx armonizzati fil-livell internazzjonali, l-Artikolu 8 fil-fatt bl-ebda mod ma jistandardizza l-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment. Dik il-liġi tkompli tiddependi fuq id-dritt internazzjonali privat tal-Istat tal-qorti li quddiemha jitressqu l-proċeduri tad-divorzju, u din is-soluzzjoni bilfors tiffavorixxi l-forum shopping. Barra minn hekk, l-għażla ta' fattur ta' konnessjoni li ma jvarjax maż-żmien tista' tikkawża, meta l-obbligu ta' manteniment bejn il-konjuġi jkun jeħtieġ li jiġi ddeterminat wara d-divorzju, l-applikazzjoni ta' liġi li tkun saret għal kollox irrilevanti għas-sitwazzjoni tal-ex-konjuġi u għall-interessi rispettivi tagħhom; il-qorti fil-fatt ma tistax tikkunsidra l-liġi tar-residenza attwali tal-kreditur jew tad-debitur. Id-digriet tad-divorzju jista' ma jkunx jinkludi dispożizzjonijiet relatati mal-manteniment; f'każ bħal dan, it-tħassib dwar il-kontinwità li fuqha jibbaża l-Artikolu 8 huwa inqas rilevanti. Dan jgħodd b'mod speċjali meta l-konjuġi jkunu ddivorzjaw f'pajjiż li ma jipprovdix għall-manteniment lil konjuġi ddivorzjati. F'dan il-każ, l-applikazzjoni tal-liġi tad-divorzju tirriżulta fir-rifjut ta' kull manteniment, li ma jidhirx iġġustifikat f'sitwazzjonijiet fejn din il-liġi ma għandhiex xi konnessjoni partikolarment mill-qrib mal-każ inkwistjoni. Fl-aħħar nett, l-applikazzjoni tal-liġi tad-divorzju tista' toħloq diffikultajiet prattiċi peress li jista' jkun diffiċli li wieħed jagħraf fid-deċiżjoni l-liġi li fuq il-bażi tagħha ġie ddikjarat id-divorzju. Dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha huma ugwalment validi, *mutatis mutandis*, għal każijiet ta' separazzjoni ġudizzjarja jew ta' nullità jew ta' annullament ta' żwieġ.

81 Fit-tiftix tagħha għal bilanċ bejn it-tħassib dwar il-protezzjoni tal-kreditur u t-tħassib dwar l-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat li miegħu ż-żwieġ għandu konnessjoni sinifikanti, għall-ewwel il-Kummissjoni Speċjali rrikorriet għall-użu tal-konnessjoni mal-aħħar residenza abitwali komuni tal-konjuġi jew tal-ex-konjuġi. F'ċerti ċirkostanzi, dak il-kriterju aktarx li jirrappreżenta rabta aktar sinifikanti mir-residenza abitwali tal-kreditur tal-manteniment biss, u għalhekk huwa aktar leġittimu.[38] Madankollu, dan mhux dejjem ikun il-każ. Jekk l-aħħar residenza abitwali komuni tkun tinsab fi Stat A fejn il-konjuġi marru jgħixu reċentement wara li kienu għexu għal diversi snin fi Stat B, u l-kreditur imur lura fi Stat B wara s-separazzjoni, il-konnessjoni mar-residenza abitwali tal-kreditur (li f'dan il-każ huwa wkoll l-Istat ta' residenza abitwali komuni preċedenti) hija aktar adattata għall-aspettattivi tal-partijiet. F'ċirkostanzi oħrajn konnessjoni differenti tista' tkun saħansitra aktar sinifikanti, bħal pereżempju residenza abitwali komuni preċedenti jew in-nazzjonalità komuni tal-partijiet.

82 Wara li kkunsidrat il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull każ partikolari u d-diffikultà li tinstab regola ta' konnessjoni riġida u komprensiva, is-Sessjoni Diplomatika waslet għal soluzzjoni flessibbli. Il-konnessjoni mar-residenza abitwali tal-kreditur ipprovduta skont l-Artikolu 3 tibqa' applikabbli fil-prinċipju għall-obbligi ta' manteniment bejn il-konjuġi u l-ex-konjuġi. Tista' tkun eskluża, madankollu, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, jekk iż-żwieġ ikollu konnessjoni aktar mill-qrib ma' Stat ieħor, b'mod partikolari dak tal-aħħar residenza abitwali komuni. Din is-soluzzjoni hija bbażata fuq proposta mid-delegazzjoni tal-Komunità Ewropea.[39]

b *It-tħaddim tal-klawsola liberatorja*

i *It-talba minn waħda mill-partijiet*

83 Ir-regola l-ġdida hija fil-forma ta' klawsola liberatorja bbażata fuq l-idea ta' prossimità (l-eqreb konnessjonijiet), li l-applikazzjoni tagħha hija, madankollu, kontinġenti, fuq talba minn waħda mill-partijiet. Din hija soluzzjoni oriġinali li ma tikkorrispondix għall-istruttura tal-klawsoli liberatorji "tradizzjonali" li jinsabu f'bosta testi tad-dritt internazzjonali privat fil-livell domestiku[40] u fil-livell internazzjonali jew reġjonali,[41] inkluż f'ċerti Konvenzjonijiet tal-Aja.[42] Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu lill-qorti tiddevja minn konnessjonijiet mhux flessibbli meta dan ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' prossimità, iżda normalment ma jkunux kontinġenti fuq talba minn waħda mill-partijiet. Il-vantaġġ tas-soluzzjoni li tinsab fil-Protokoll hija li tnaqqas l-inċertezza inerenti f'kull klawsola liberatorja billi tillimita t-tfittxija għall-eqreb konnessjonijiet għal dawk il-każijiet biss fejn parti tressaq talba għaliha. Ta' min jinnota li meta ssir talba bħal din, il-kompitu tal-awtorità normalment ikun iffaċilitat permezz tal-informazzjoni pprovduta mill-parti rikjedenti.

[38] Ara s-sitwazzjoni kkontemplata *supra*, il-para. 78.

[39] Dokument ta' Ħidma Nru 4.

[40] Ara l-Art. 15 tal-Att Federali Svizzeru tat-18 ta' Diċembru 1987 dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

[41] Ara l-Art. 4(5) tal-*Konvenzjoni ta' Ruma tad-19 ta' Ġunju 1980 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi Kuntrattwali* u l-Art. 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).

[42] Ara l-Art. 15(2) tal-*Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tar-Respo nsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal.*

84 Il-Protokoll ma jiddikjarax meta għandha ssir it-talba, iżda jidher mid-diskussjonijiet li għandha ssir waqt proċeduri speċifiċi, inklużi proċeduri alternattivi ta' soluzzjoni ta' tilwim, bħall-medjazzjoni.[43] L-iskadenza finali biex issir din it-talba tiddependi fuq ir-regoli proċedurali applikabbli f'kull Stat Kontraenti, peress li proposta mid-delegazzjoni tal-Isvizzera li kellha l-għan li tistabbilixxi regoli uniformi f'dan ir-rigward[44] ma kisbitx il-kunsens meħtieġ.[45] Biex jiġi evitat li tintuża din it-talba, b'mod partikolari mid-debitur, għal skopijiet dilatorji, ikun xieraq li ma jkunx possibbli li wieħed jissottomettiha meta l-proċeduri jkunu avvanzaw sew. B'hekk l-ewwel sottomissjoni tagħha mal-mandat finali fuq il-merti jew fil-proċeduri tal-appell għandha tkun eskluża. Approċċ wieħed jista' jkun li s-sottomissjoni tagħha tintalab sa mhux aktar tard mill-ewwel difiża fuq il-merti, iżda jistgħu jkunu kkontemplati wkoll soluzzjonijiet oħrajn.

ii *Il-konnessjonijiet aktar mill-qrib*

85 L-oġġezzjoni minn waħda mill-partijiet ma tirriżultax awtomatikament fl-annullament tal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur magħżula skont l-Artikolu 3. Jeħtieġ ukoll, skont il-valutazzjoni tal-awtorità li quddiemha jitressaq il-każ, li l-liġi li l-applikazzjoni tagħha hija mitluba jkollha konnessjonijiet aktar mill-qrib maż-żwieġ. Il-prinċipju tal-prossimità għaldaqstant huwa tabilħaqq il-bażi ta' dik ir-regola. Dan jimplika li l-qorti, wara talba bħal din, tivverifika jekk iż-żwieġ għandux konnessjonijiet aktar mill-qrib ma' liġi li ma hijiex dik tar-residenza abitwali tal-kreditur. Meta tagħmel dan, hija tikkunsidra l-konnessjonijiet kollha taż-żwieġ mad-diversi pajjiżi kkonċernati, bħar-residenza abitwali tal-konjuġi u / jew id-domiċilju waqt iż-żwieġ, in-nazzjonalitajiet tagħhom, il-post fejn sar iż-żwieġ tagħhom u l-post tas-separazzjoni ġudizzjarja jew id-divorzju tagħhom. Barra minn hekk, hija jkollha tivvalutahom ukoll sabiex tiddetermina jekk humiex aktar jew inqas sinifikanti mir-residenza abitwali attwali tal-kreditur tal-manteniment.

86 Fost dawn il-kriterji, l-Artikolu 5 jikkonferixxi rwol ewlieni fuq l-aħħar residenza abitwali tal-konjuġi. Din mhijiex preżunzjoni reali, kif użata fi strumenti oħrajn,[46] iżda sempliċi indikazzjoni[47] li tirrifletti l-fehma tas-Sessjoni Diplomatika li, f'bosta każijiet, il-liġi tal-aħħar residenza abitwali komuni għandha konnessjonijiet ferm sinifikanti maż-żwieġ. Ta' min jinnota li l-frażi "residenza abitwali komuni" ma timplikax li l-konjuġi kienu bilfors jgħixu flimkien, iżda li kienu jgħixu fl-istess żmien fl-istess Stat waqt iż-żwieġ. Min-naħa l-oħra, ir-residenza abitwali komuni qabel iż-żwieġ ma taqbilx fil-każ previst fl-Artikolu 5, anki jekk ma hemm xejn li jżommha milli tiġi kkunsidrata, bħal kull konnessjoni oħra, biex tiġi vvalutata l-eżistenza tal-konnessjonijiet aktar mill-qrib.

87 Ir-residenza abitwali komuni attwali tal-konjuġi mhijiex imsemmija fl-Artikolu 5, għas-sempliċi raġuni li tikkoinċidi mar-residenza abitwali tal-kreditur u għaldaqstant tista' ma tirriżultax f'eċċezzjoni mill-konnessjoni taħt l-Artikolu 3. Dan ma jfissirx li r-residenza abitwali attwali tal-konjuġi fl-istess Stat ma għandha l-ebda rwol fl-applikazzjoni tal-Artikolu 5. Għall-kuntrarju, il-fatt li l-konjuġi jgħixu fl-istess Stat fiż-żmien tat-talba jagħmilha aktar diffiċli (għalkemm jibqa' teoretikament possibbli) li wieħed iwarrab l-Artikolu 3, għar-raġuni li l-liġi ta' Stat ieħor (pereżempju dik tal-Istat ta' residenza abitwali komuni preċedenti) għandha konnessjoni aktar mill-qrib maż-żwieġ.

88 Għalkemm il-kriterju tal-aħħar residenza abitwali komuni huwa ntiż li jkollu rwol ewlieni skont l-Artikolu 5, kriterji oħrajn jistgħu wkoll ikunu sinifikanti għall-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu. Dan huwa l-każ ta' residenza komuni preċedenti tal-konjuġi, li tista', f'ċerti ċirkostanzi, tikkostitwixxi konnessjoni stretta ħafna. Jekk il-konjuġi għexu għal ħafna snin fi Stat A, imbagħad għal żmien qasir ħafna fi Stat B, qabel il-kreditur mar fi Stat C, ma hemm l-ebda konnessjoni stretta ma' Stat B tal-aħħar residenza abitwali komuni tal-konjuġi, iżda hemm konnessjoni bħal din ma' Stat A tar-residenza abitwali komuni preċedenti.

89 Kriterji oħrajn, bħan-nazzjonalità komuni tal-konjuġi jew il-post fejn ġie ċċelebrat iż-żwieġ, jistgħu jiġu kkunsidrati b'mod teoretiku, iżda jidhru li huma ta' importanza sekondarja biss. Jistgħu ċertament ikollhom rwol biex iżidu s-sinifikat attribwit lir-residenza abitwali (attwali jew preċedenti) tal-konjuġi (tkun tgħodd aktar pereżempju jekk tikkoinċidi man-nazzjonalità komuni tal-konjuġi). Ikkunsidrati waħedhom, ikunu sinifikanti biss f'każijiet eċċezzjonali (pereżempju, meta l-konjuġi qatt ma kellhom residenza abitwali fl-istess Stat, jew kienu jemigraw spiss tul iż-żwieġ tagħhom).

c *Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5*

90 Ta' mi jinnota li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5 huwa wiesa', peress li jkopri kemm lill-konjuġi kif ukoll lill-ex-konjuġi. Għall-kuntrarju tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), din id-dispożizzjoni tal-Protokoll hija maħsuba li tapplika mhux biss għall-obbligi bejn konjuġi ddivorzjati jew separati, jew konjuġi li ż-żwieġ tagħhom ġie annullat jew iddikjarat null, iżda wkoll għall-obbligi ta' manteniment bejn konjuġi waqt iż-żwieġ tagħhom. Il-Kummissjoni Speċjali kkunsidrat li kien ikun aħjar kieku jkun hemm regola ta' konnessjoni waħda għall-obbligi waqt iż-żwieġ u wara d-divorzju (jew is-separazzjoni), biex jiġi evitat li tinbidel il-liġi applikabbli minħabba d-divorzju (jew *a fortiori* minħabba sempliċi separazzjoni ġudizzjarja). Barra minn hekk, din l-għażla hija ġġustifikata peress li l-kriterju ta' konnessjoni miftiehem bħala eżempju f'dik id-dispożizzjoni, dak tal-aħħar residenza abitwali komuni, huwa saħansitra aktar b'saħħtu fir-rigward ta' obbligi bejn il-konjuġi waqt iż-żwieġ.

91 Bħall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), ir-regola speċjali fl-Artikolu 5 tapplika wkoll għall-partijiet għal żwieġ li ġie annullat. Dawn huma l-każijiet ta' żwiġijiet putattivi li għalihom il-liġi xi drabi tirrikonoxxi d-drittijiet ta' manteniment favur wieħed mill-konjuġi. Għalkemm l-Artikolu 5 – għall-kuntrarju tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni tal-1973 – ma jsemmix is-sitwazzjoni ta' żwieġ li ġie ddikjarat null, dan is-skiet mhuwiex

[43] Minuti Nru 1, il-paragrafi 25-29, Minuti Nru 3, il-para. 21.
[44] Dokument ta' Ħidma Nru 9.
[45] Minuti Nru 4, il-paragrafi 74 *et seq.*
[46] Ara l-Art. 4(2) tal-Konvenzjoni ta' Ruma tad-19 ta' Ġunju 1980.
[47] Ara d-Dok. ta' Ħidma Nru 2.

intenzjonat u għandu jkun għalhekk ammess li każ bħal dan huwa wkoll soġġett għal din id-dispożizzjoni.

92 Minkejja l-proposti li għamlu ċerti delegazzjonijiet rigward dan,[48] l-Artikolu 5 ma jsemmix l-istituzzjonijiet simili għaż-żwieġ, bħal ċerti forom ta' unjoni rreġistrata li jkollhom, fir-rigward ta' obbligi ta' manteniment, effetti simili għal dawk taż-żwieġ. Minkejja s-skiet tal-istrument, is-Sessjoni Diplomatika ammettiet li l-Istati li jirrikonoxxu istituzzjonijiet bħal dawn fis-sistemi ġuridiċi tagħhom, jew li lesti jirrikonoxxuhom, jistgħu jissoġġettawhom għar-regola tal-Artikolu 5.[49] Din is-soluzzjoni tippermetti lill-awtoritajiet ta' dawk l-Istati jevitaw li jittrattaw b'mod differenti istituzzjonijiet li, taħt il-liġi interna tagħhom, huma ekwivalenti għaż-żwieġ. Dan jgħodd aktar u aktar għaż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess, li huwa rikonoxxut f'ċerti Stati.

93 Din is-soluzzjoni hija fakultattiva peress li ma torbotx lill-Istati li jirrifjutaw relazzjonijiet bħal dawn. Diġà semmejna s-soluzzjonijiet li jistgħu jkunu kkontemplati għal Stati bħal dawn (ara *supra*, il-paragrafu 31). Ta' min jinnota wkoll li jekk il-liġi magħżula mill-Protokoll tipprovdi għall-obbligi ta' manteniment favur sieħeb irreġistrat jew sieħeb tal-istess sess, qorti jew awtorità fi Stat li ma jirrikonoxxi l-ebda effett ta' relazzjoni bħal din (inkluż fi kwistjonijiet ta' manteniment) tista' tirrifjuta l-applikazzjoni tal-liġi barranija diment li l-effetti tagħha jkunu manifestament kuntrarji għall-politika pubblika tal-forum (ara l-Artikolu 13).

94 Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li l-obbligi ta' manteniment li jirriżultaw mir-relazzjonijiet imsemmija taħt l-Artikolu 5 huma espressament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4 (ara l-paragrafu 1 *b)*). Jirriżulta li l-obbligi bejn il-konjuġi jew l-ex-konjuġi ma jgawdux mill-benefiċċju tal-fatturi ta' konnessjoni kumulattivi, jew mill-bidla bejn il-kriterji ta' konnessjoni bbażati fuq dik id-dispożizzjoni. Fin-nuqqas ta' għażla ta' liġi applikabbli (ara l-Artikoli 7 u 8), dawn huma rregolati kemm mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur skont l-Artikolu 3, kif ukoll mil-liġi magħżula mill-Artikolu 5. Il-liġi tal-forum u dik tan-nazzjonalità komuni jistgħu jiġu kkunsidrati f'każ bħal dan biss jekk ikunu konnessi aktar maż-żwieġ fit-tifsira tal-Artikolu 5.

***Artikolu 6 Regola speċjali dwar id-difiża***

**F'każ ta' obbligi ta' manteniment li ma jirriżultawx mir-relazzjoni ta' bejn ġenitur u wild lejn il-wild u dawk imsemmija fl-Artikolu 5, id-debitur jista' jikkontesta talba mill-kreditur abbażi li mhemmx tali obbligu taħt il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur u l-liġi tal-Istat tan-nazzjonalità komuni tal-partijiet, jekk hemm waħda.**

95 Rigward l-obbligi ta' manteniment minbarra dawk lejn l-ulied li jirriżultaw minn relazzjoni bejn ġenitur u l-ulied u dawk bejn il-konjuġi jew l-ex-konjuġi (l-Artikolu 5), l-Artikolu 6 jipprovdi li d-debitur jista' jikkontesta t-talba tal-kreditur għar-raġuni li mhemmx tali obbligu kemm taħt il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur kif ukoll il-liġi tal-Istat tan-nazzjonalità komuni tal-partijiet, jekk hemm waħda.

96 Din id-difiża kienet ispirata mis-soluzzjoni pprovduta mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), li, bejn partijiet relatati b'mod kollaterali jew b'affinità, id-debitur jista' jikkontesta talba għall-manteniment għar-raġuni li mhemmx obbligu ta' manteniment taħt il-liġi nazzjonali komuni tad-debitur jew tal-kreditur jew, fin-nuqqas ta' nazzjonalità komuni, taħt il-liġi interna tar-residenza abitwali tad-debitur.

a *Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6*

97 Għall-kuntrarju tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), ir-regola fil-Protokoll mhijiex biss applikabbli għal relazzjonijiet bejn partijiet relatati b'mod kollaterali jew b'affinità, iżda wkoll għal kwalunkwe obbligu ta' manteniment minbarra dawk lejn tfal li jirriżultaw minn relazzjoni bejn ġenitur u wild jew dawk bejn konjuġi jew ex-konjuġi.

98 Din l-estensjoni ġiet deċiża għal bosta raġunijiet. Ta' min josserva l-ewwel li x-xewqa li jingħata manteniment fuq il-bażi ta' relazzjoni familjali li għaliha tirreferi din ir-regola ma kinitx kwistjoni ta' kunsens internazzjonali, u għalhekk il-ħsieb ta' ċerti Stati li jkunu jistgħu jillimitaw l-impatt tagħha. Taħt il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), dik ix-xewqa kienet ikkunsidrata mid-dispożizzjoni ta' bosta riżervi li jippermettu restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-Konvenzjoni (ara l-Artikoli 13 u 14 tagħha). Biex jiġi evitat il-ħolqien ta' riżervi taħt il-Protokoll (ara l-Artikolu 27), kien maħsub li jkun aħjar jekk tiġi kkunsidrata r-riluttanza ta' ċerti Stati rigward l-obbligi ta' manteniment ibbażati fuq ir-relazzjonijiet familjali msemmija qabel fi stadju bikri, billi jiġu pprovduti aktar regoli ta' konnessjoni restrittivi f'dawn il-każijiet.

99 F'ċerti każijiet, jista' jiġi affermat li l-Artikolu 6 jirrifjuta l-manteniment ibbażat fuq il-liġi magħżula mill-Artikolu 3 (il-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur). Dan huwa l-każ ta' obbligu ta' manteniment lejn adult ibbażat fuq:

– nisel fil-linja diretta minbarra r-relazzjoni bejn il-ġenitur u l-wild (pereżempju l-obbligu ta' neputi lejn in-nanniet jew viċi versa);

– relazzjoni kollaterali (pereżempju l-obbligu lejn l-aħwa);

– relazzjoni b'affinità (pereżempju l-obbligu lejn it-tfal ta' wieħed mill-konjuġi).

F'każijiet bħal dawn, il-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment hija dik tar-residenza abitwali tal-kreditur taħt l-Artikolu 3. Jekk dik il-liġi tipprovdi għal obbligu ta' manteniment, id-debitur jista' jikkontestaha billi juża d-difiża fl-Artikolu 6.

100 F'każijiet oħrajn, id-difiża fl-Artikolu 6 tista' titqajjem kontra talba għall-manteniment ibbażata fuq waħda mil-liġijiet imsemmija mill-Artikolu 3 jew mill-Artikolu 4. Dan huwa l-każ ta' obbligu ta' manteniment:

– ta' wild lejn il-ġenitur tiegħu;

[48] Ara d-Dokumenti ta' Ħidma Nri 8 u 15; il-Minuti Nru 5, il-paragrafi 84 *et seq.*; il-Minuti Nru 6, il-paragrafi 56 *et seq.*
[49] Il-Minuti Nru 6, il-paragrafi 59 *et seq.*


*Ir-Rapport ta' Bonomi*

– ta’ kull persuna minbarra ġenituri u l-konjuġi lejn persuna taħt l-età ta’ 21 sena (pereżempju l-obbligu ta’ parti relatata b’mod kollaterali jew b’affinità).

F’dawn iż-żewġ każijiet, ir-regoli speċjali tal-Artikoli 4 u 6 ikunu għalhekk applikabbli fl-istess waqt, bil-konsegwenza li talba għall-manteniment dovuta taħt waħda mil-liġijiet magħżula mill-konnessjonijiet kumulattivi tal-Artikolu 4 tista’ tkun miċħuda jekk ma teżistix taħt il-liġi speċifikati mill-Artikolu 6. Din l-applikazzjoni simultanja tas-sistema kumulattiva u d-difiżi mhux biss hija ferm kumplessa, iżda wkoll ftit li xejn sodisfaċenti f’termini strettament loġiċi: tidher li nieqsa mill-konsistenza għax-xewqa kemm biex ikun iffavorit il-kreditur permezz ta’ konnessjonijiet sussidjarji kif ukoll li jiġi protett id-debitur permezz ta’ konnessjonijiet kumulattivi. Naturalment din hija soluzzjoni ta’ kompromess. Ta' min jenfasizza, madankollu, li din is-sistema mhijiex għal kollox ġdida, peress li tikkorrispondi għal dik applikabbli attwalment skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), għalkemm għal persuni relatati b’mod kollaterali jew b’affinità biss.[50]

101 Id-difiża taħt l-Artikolu 6 tista’ ma titqajjimx biex jiġi kkontestat obbligu ta’ manteniment bejn il-konjuġi jew l-ex-konjuġi, peress li l-kliem tad-dispożizzjoni espressament jeskludi dak il-każ. Anki jekk l-obbligi ta’ manteniment li jirriżultaw miż-żwieġ mhumiex kwistjoni ta’ ftehim unanimu fil-liġi komparattiva, madankollu huma aċċettati b’mod ferm aktar wiesa’ minn dawk li jirriżultaw minn relazzjonijiet ta’ familja oħrajn imsemmija mill-Artikolu 6. Is-soluzzjoni tal-Artikolu 5, li diġà hija inqas favorevoli għall-kreditur minn dawk tal-Artikoli 3 u 4, mgħandhiex sussegwentement tiħrax permezz tal-ammissjoni ta’ difiża.

102 L-obbligi ta’ manteniment li jirriżultaw minn relazzjoni familjali simili għaż-żwieġ, bħal ċerti forom ta’ unjonijiet, huma f’pożizzjoni speċjali. Fl-Istati li jirrikonoxxu istituzzjonijiet bħal dawn fil-liġi interna tagħhom, jew li huma lesti fi kwalunkwe każ li jaċċettawhom, dawn ir-relazzjonijiet jistgħu jkunu ttattati bl-istess mod bħaż-żwieġ b’mod li l-obbligi ta’ manteniment li jirriżultaw ikunu rregolati mill-Artikolu 5 u għaldaqstant jaħarbu l-Artikolu 6. Ikun mod ieħor fi Stati li jirrifjutaw assimilazzjoni bħal din; f’dawn l-Istati, id-debitur ikun jista’ jwarrab dawn l-obbligi permezz tad-difiża fl-Artikolu 6. Għalkemm ma tissemmiex b’mod ċar fit-test tal-Protokoll, din is-soluzzjoni ta’ “standard doppju” kienet aċċettata fis-Sessjoni Diplomatika (ara *supra*, il-paragrafi 92 *et seq.*).

b *Il-mekkaniżmu pprovdut mill-Artikolu 6*

103 Ir-regola fl-Artikolu 6 ma fihiex regola ta’ konnessjoni, iżda sempliċi mezz ta’ difiża li jista’ jitqajjem biex wieħed jiċħad il-manteniment, anki jekk dan tal-aħħar ikun ipprovdut mil-liġi applikabbli magħżula mill-Artikolu 3 jew 4.

104 Il-mekkaniżmu pprovdut mill-Artikolu 6 għaldaqstant huwa dan li ġej. L-awtorità l-ewwel tiddetermina l-liġi applikabbli għall-obbligu ta’ manteniment fuq il-bażi tal-Artikolu 3 jew tal-Artikolu 4. Jekk il-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur jew il-liġi tal-forum, magħżula minn waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, tipprovdi għall-obbligu ta’ manteniment, id-debitur jista’ jikkontesta t-talba tal-kreditur għar-raġuni li dan l-obbligu ma jeżistix taħt il-liġi tar-residenza abitwali tiegħu. Dan ikun biżżejjed biex tiġi miċħuda t-talba jekk il-partijiet ma jkollhomx nazzjonalità komuni. Jekk pereżempju n-neputi tad-debitur, residenti u ċittadin ta’ Stat A, jagħmel talba, abbażi tal-liġi ta’ dak l-Istat, għall-manteniment kontra zijuh li huwa residenti fi Stat B u ċittadin ta’ Stat C, dan tal-aħħar ikun jista’ jiċħad il-manteniment għar-raġuni li l-liġi ta’ Stat B ma tirrikonoxxix l-obbligi ta’ manteniment bejn persuni relatati b’mod kollaterali. In-nazzjonalitajiet tal-partijiet ma għandhom ebda rwol f’dan il-każ.

105 Min-naħa l-oħra, jekk il-partijiet ikollhom nazzjonalità komuni, id-difiża tista’ titqajjem b’mod effettiv biss jekk l-obbligu ta’ manteniment inkwistjoni la jkun ipprovdut mil-liġi tar-residenza abitwali tad-debitur u lanqas mil-liġi tan-nazzjonalità komuni. F’dan il-każ, biex tkun effettiva, id-difiża trid tkun ibbażata, b’mod kumulattiv, fuq iż-żewġ liġijiet imsemmija. Bl-istess eżempju, jekk in-neputi tad-debitur ikun ukoll ċittadin ta’ Stat C, zijuh jista’ jikkontesta t-talba biss jekk l-obbligu pprovdut bil-liġi ta’ Stat A ma jkunx magħruf mal-liġijiet kemm ta’ Stat B kif ukoll ta’ Stat C. Huwa ġġustifikat li wieħed jikkunsidra l-liġi tan-nazzjonalità komuni peress li, jekk il-partijiet ikollhom nazzjonalità komuni u l-liġi tan-nazzjonalità komuni tagħhom tipprovdi għall-obbligu kkonċernat, jidher inġust li d-debitur jitħalla jaħrab minnu għas-sempliċi raġuni li dan l-obbligu mhux magħruf fl-Istat tar-residenza abitwali tiegħu. Din is-soluzzjoni tippermetti b’mod partikolari li tiġi evitata l-possibbiltà tal-abbuż. Bħala eżempju, jekk missier jitlob manteniment mingħand ibnu fuq il-bażi tal-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tiegħu, li hija wkoll il-liġi tan-nazzjonalità komuni tagħhom, ikun inġust li d-debitur ikun jista’ jaħrab mill-obbligu billi jittrasferixxi r-residenza abitwali tiegħu fi Stat fejn il-liġi ma tirrikonoxxix tali obbligu.

106 L-Artikolu 6 (bħall-Artikolu 4(4)) ma jispeċifikax jekk in-nazzjonalità komuni għandhiex tiġi kkunsidrata, jew taħt liema kundizzjonijiet, meta waħda mill-partijiet ikollha wkoll nazzjonalitajiet oħrajn. F’dan il-każ, it-tħassib għal interpretazzjoni uniformi tal-Protokoll jirriżulta fiċ-ċaħda ta’ approċċ ibbażat fuq il-preċedenza tan-nazzjonalità tal-Istat tal-forum, kif ipprattikata fil-liġi ġeneralment applikabbli ta’ bosta Stati. Barra minn hekk, mhux dejjem ikun faċli li wieħed jiddetermina l-eqreb nazzjonalità u dik l-aktar effettiva, soluzzjoni oħra ferm komuni fil-liġi komparattiva, u din ukoll, tista’ twassal għal interpretazzjonijiet tal-Protokoll inqas uniformi. Għal dawn ir-raġunijiet, u fid-dawl ta’ dak li ssuġġerejna għall-Artikolu 4(4) (ara *supra*, il-paragrafu 76), jidher li jkun aħjar jekk in-nazzjonalità komuni tiġi kkunsidrata fi kwalunkwe każ, anki jekk ma tkunx l-aktar waħda

[50] Ir-Rapport ta’ Verwilghen (*op. cit.* in-nota 14), il-para. 149.

effettiva għal waħda mill-partijiet. Din is-soluzzjoni hija aktar favur il-kreditur tal-manteniment, peress li tagħmel l-użu tad-difiża taħt l-Artikolu 6 aktar diffiċli. Għaldaqstant din hija soluzzjoni konsistenti mal-ispirtu ġenerali tal-Protokoll (*favor creditoris*), u bil-karatteristiċi tar-regola eċċezzjonali attribwiti lill-Artikolu 6.

107 L-Artikolu 6 lanqas ma jispeċifika liema soluzzjoni għandha tiġi applikata meta l-partijiet ikollhom diversi nazzjonalitajiet komuni bejniethom. Wara li wieħed jikkunsidra l-argumenti teleoloġiċi u sistematiċi li għadna kemm semmejna, l-aktar soluzzjoni xierqa hija li wieħed jikkunsidra l-liġijiet nazzjonali kollha komuni, u li d-difiża tad-debitur tiġi aċċettata biss jekk l-ebda waħda minnhom ma tipprovdi għall-obbligu ta' manteniment (*ibid.*).

108 Ta' min jinnota li d-difiża hija ammissibbli biss jekk "ma jkun jeżisti" l-ebda obbligu bħal dan taħt il-liġijiet li għalihom jirreferi l-Artikolu 6. Din il-frażi għandha tinftiehem bl-istess mod bħall-frażi "il-kreditur ma jkunx jista' jikseb il-manteniment" kif użata fil-paragrafi 2 sa 4 tal-Artikolu 4 (ara *supra,* il-paragrafi 61 u 62); għaldaqstant, jeħtieġ li ma jkun hemm l-ebda obbligu pprovdut jew li l-kundizzjonijiet statutorji li għalihom huwa soġġett ma jkunux issodisfati. Min-naħa l-oħra, jekk il-liġi tar-residenza abitwali tad-debitur u, jekk applikabbli, il-liġi tan-nazzjonalità komuni jipprovdu għal obbligu f'ammont iżgħar minn kemm ipprovdut mil-liġi applikabbli, dak il-fatt ma jkunx suffiċjenti sabiex wieħed jikkontesta t-talba, lanqas biex japplika għal tnaqqis tal-manteniment dovut lill-kreditur.

### *Artikoli 7 u 8 L-għażla tal-liġi applikabbli*

109 Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7 u 8 jippermettu lill-partijiet, soġġett għal kundizzjonijiet differenti u b'effetti differenti, li jagħżlu l-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment. L-ammissjoni tal-awtonomija ta' parti hija waħda min-novitajiet ewlenin introdotti mill-Protokoll b'konnessjoni mal-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1956 u tal-1973 dwar il-Manteniment. Din is-soluzzjoni tikkorrispondi għal tendenza internazzjonali qawwija lejn ir-rikonoxximent tal-libertà tal-għażla tal-liġi applikabbli, anki f'oqsma fejn tradizzjonalment kienet eskluża.

110 Filwaqt li l-ammissjoni tal-awtonomija ta' parti fir-rigward tal-obbligi ta' manteniment hija novità għal bosta Stati f'dak li jirrigwarda l-kunflitti tal-liġijiet, l-istess ma jistax jingħad dwar il-kunflitti tal-ġuriżdizzjonijiet: il-possibbiltà ta' dħul fi ftehimiet relatati mal-ġuriżdizzjoni hija diġà rikonoxxuta f'bosta strumenti internazzjonali. Dan huwa l-każ b'mod partikolari fil-qasam ġudizzjarju Ewropew taħt l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 u l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni ta' Lugano tal-1988. Il-Konvenzjoni tirrikonoxxi wkoll il-leġittimità ta' estensjoni tal-ġuriżdizzjoni, billi tipprovdi li l-Istati huma marbuta li jirrikonoxxu u jinfurzaw deċiżjoni meħuda fi Stat Kontraenti fil-forum magħżul mill-partijiet, ħlief fil-każ ta' obbligi ta' manteniment lejn it-tfal.[51] F'dan il-kuntest, l-ammissjoni tal-għażla tal-liġi applikabbli tistabbilixxi mill-ġdid grad ta' konsistenza bejn is-soluzzjonijiet aċċettati fir-rigward tal-kunflitti tal-liġijiet u tal-ġuriżdizzjonijiet.

111 L-għażla tal-liġi hija soġġetta għal diversi restrizzjonijiet, maħsuba sabiex jipproteġu lill-partijiet (u b'mod partikolari lill-kreditur tal-manteniment) kontra r-riskji ta' abbuż. Dan ir-riskju huwa aktar serju meta l-għażla ssir qabel l-okkorrenza tat-tilwima. Huwa għalhekk li s-sistema tal-Protokoll tinkludi żewġ varjazzjonijiet għall-awtonomija tal-partijiet, f'żewġ dispożizzjonijiet separati; l-Artikolu 7 jirregola l-għażla tal-liġi applikabbli għall-fini ta' proċedura partikolari (ftehim proċedurali), filwaqt li l-Artikolu 8 jippermetti – fuq bażi aktar limitata – għażla fi kwalunkwe ħin.

### *Artikolu 7 L-għażla tal-liġi applikabbli għall-fini ta' proċedura partikolari*

112 Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-partijiet jagħżlu espressament il-liġi tal-forum bħala l-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment għall-fini ta' proċedura partikolari. Dan huwa ftehim proċedurali dwar il-liġi applikabbli, marbut mal-liġi interna tal-awtorità li quddiemha jitressaq il-każ u li l-effett tiegħu huwa limitat għal proċedura partikolari.

**Paragrafu 1 – Minkejja l-Artikoli 3 sa 6, il-kreditur u d-debitur tal-manteniment għall-fini biss ta' proċedura partikolari fi Stat speċifiku jistgħu jagħżlu espressament il-liġi ta' dak l-Istat bħala l-liġi applikabbli għal obbligu ta' manteniment.**

a *Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7*

113 L-għażla tal-liġi applikabbli kif ipprovduta taħt din id-dispożizzjoni għandu jkollha rwol importanti b'mod speċjali f'relazzjonijiet bejn l-adulti. F'każijiet ta' separazzjoni ġudizzjarja jew divorzju, b'mod partikolari, il-konjuġi jkollhom l-għażla li jagħmlu t-talbiet ta' manteniment soġġetti għal-liġi interna tal-awtorità li quddiemha jitressaq il-każ, li naturalment jiffaċilita l-proċedura.

114 Madankollu, l-opportunità tal-għażla hija pprovduta wkoll fir-rigward tal-obbligi ta' manteniment lejn it-tfal. Kien jidher li r-riskji possibbli marbuta mal-introduzzjoni tal-awtonomija tal-partijiet huma kkontrobilanċjati ampjament bil-benefiċċji f'termini ta' sempliċità li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-liġi tal-forum. Meta wieħed jikkunsidra r-regola speċjali taħt l-Artikolu 4(3), li permezz tagħha l-obbligi ta' manteniment tal-ġenituri lejn it-tfal u dawk ta' kull persuna oħra lejn persuni taħt il-21 sena huma fi kwalunkwe każ irregolati mil-liġi tal-forum meta t-talba titressaq mill-kreditur fl-Istat tar-residenza abitwali tad-debitur, l-impatt tal-għażla tal-liġi applikabbli fuq l-obbligi ta' manteniment lejn it-tfal huwa mistenni li jibqa' pjuttost limitat. L-Artikolu 7 jista' jkun utli, madankollu, meta t-talba titressaq mid-debitur quddiem l-awtoritajiet tal-Istat tar-residenza abitwali tiegħu jew dawk ta' Stat li mhuwiex dak tar-residenza abitwali tal-kreditur, diment li l-awtorità li quddiemha jitressaq il-każ tkun tista' tisimgħu.[52]

[51] Ara l-Art. 20(1) *e)* tal-Konvenzjoni; ir-Rapport ta' Borrás-Degeling, il-para. 455.

[52] Ara *supra*, in-nota 33.

b *Għażla magħmula għall-fini ta' proċedura partikolari*

115 Ta' min jenfasizza li l-għażla pprovduta taħt l-Artikolu 7 hija magħmula għall-fini ta' proċedura partikolari; hija tassumi għaldaqstant li l-kreditur jew id-debitur tal-manteniment diġà ressaq, jew wasal biex iressaq, talba għall-manteniment quddiem awtorità speċifika. Meta ssir dik l-għażla, il-partijiet għandhom iċ-ċans li jiksbu informazzjoni (jew xi drabi tinfurmahom l-awtorità li quddiemha jitressaq il-każ) rigward l-eżistenza u n-natura tal-manteniment ipprovdut taħt il-liġi tal-forum. Għaldaqstant ir-riskju ta' abbuż huwa baxx.

116 L-għażla tal-partijiet taħt l-Artikolu 7 tipproduċi effetti biss għall-proċedura partikolari li għaliha tkun saret. Min-naħa l-oħra, jekk wara ssir talba oħra jew applikazzjoni għal emenda quddiem l-istess awtorità jew quddiem l-awtorità ta' Stat ieħor, l-għażla tal-liġi magħmula qabel ma jibqax ikollha effett u l-liġi applikabbli jkollha tiġi ddeterminata skont il-konnessjonijiet oġġettivi. Din il-limitazzjoni tal-effetti tal-għażla hija ġġustifikata peress li l-liġi magħżula hija dik tal-forum.

117 Ta' min jinnota, madankollu, li fir-rigward tal-obbligi ta' manteniment lejn persuna li għandha aktar minn 18-il sena, il-kreditur u d-debitur jistgħu jagħżlu wkoll il-liġi applikabbli taħt l-Artikolu 8. Din l-għażla hija usa' minn dik ipprovduta taħt l-Artikolu 7. L-ewwel nett, mhijiex limitata għal-liġi tal-forum iżda tista' tkun relatata ma' għażla ta' liġijiet elenkati fl-ewwel paragrafu ta' dik id-dispożizzjoni (ara *infra,* il-paragrafu 129). It-tieni nett, l-għażla taħt l-Artikolu 8 mhijiex magħmula għall-fini ta' proċedura partikolari; l-effetti tagħha għaldaqstant mhumiex limitati għal proċedura li l-kreditur diġà fetaħ jew ser jiftaħ, iżda jibqgħu validi fil-futur, sakemm l-għażla ma tkunx ġiet ikkanċellata jew emendata mill-partijiet (*ara infra,* para. 124). Din l-għażla tista' ssir, kif speċifikat mill-Artikolu 8, "fi kwalunkwe ħin". Jekk l-adulti jagħżlu l-liġi applikabbli waqt il-proċeduri, jew eżatt qabel jibdew, titqajjem il-kwistjoni dwar jekk dik l-għażla hijiex soġġetta għall-Artikolu 7 jew għall-Artikolu 8. Din il-kwistjoni mhijiex akkademika, peress li l-effetti tal-għażla jvarjaw bejn iż-żewġ dispożizzjonijiet. It-tweġiba hija faċli jekk il-liġi magħżula mhijiex dik tal-forum; f'dak il-każ, l-ammissibbiltà u l-effetti tal-għażla jistgħu jkunu ddeterminati biss mill-Artikolu 8. Min-naħa l-oħra, jistgħu jitqajmu dubji meta l-liġi magħżula tkun dik tal-awtorità li quddiemha tressaq il-każ. Jekk il-liġi tal-forum mhijiex konsistenti mal-għażla tal-liġijiet elenkati taħt l-Artikolu 8(1) (il-liġi interna ta' waħda mill-partijiet, il-liġi tar-residenza abitwali ta' waħda mill-partijiet, eċċ.; ara *infra,* il-paragrafu 129), bilfors tkun għażla rregolata mill-Artikolu 7, li għaldaqstant ikollha effett limitat għall-proċedura speċifika: jekk l-Artikolu 8 kellu jkun applikat f'dan il-każ, l-għażla tkun nulla. Min-naħa l-oħra, jekk il-liġi tal-forum hija wkoll waħda mil-liġijiet elenkati taħt l-Artikolu 8(1), kif spiss ikun il-każ, it-tweġiba tiddependi mill-interpretazzjoni tal-intenzjoni tal-partijiet.

118 Il-kwistjoni ta' koordinazzjoni tal-Artikoli 7 u 8 ma titqajjimx meta l-obbligu ta' manteniment ikun jirrigwarda persuna taħt l-età ta' 18-il sena jew adult li, minħabba xi difett jew insuffiċjenza tal-fakultajiet personali tiegħu, ma jkunx f'pożizzjoni li jħares l-interessi tiegħu peress li, f'każijiet bħal dawn, l-għażla tal-Artikolu 8 hija eskluża (Art. 8(3)). Għaldaqstant il-partijiet ikollhom biss l-għażla li jagħżlu l-liġi tal-forum għall-fini ta' proċedura partikolari, soġġetta għall-kundizzjonijiet u bl-effetti tal-Artikolu 7.

c *Il-mod tal-għażla*

**Paragrafu 2 – Għażla magħmula qabel ma jibdew dawn il-proċeduri ssir fi ftehim, iffirmat miż-żewġ partijiet, bil-miktub jew irreġistrata f'kull forma, bl-informazzjoni aċċessibbli biex tkun tista' tiġi użata sussegwentament bħala referenza.**

119 Peress li l-għażla tal-liġi applikabbli taħt l-Artikolu 7(1) tista' sseħħ ukoll qabel jiġu miftuħa l-proċeduri, l-Artikolu 7(2) jinkludi xi dettalji dwar il-forma billi jipprovdi li, f'dan il-każ, l-għażla tal-liġi applikabbli tkun miftiehma bil-miktub jew irreġistrata b'kull mezz, u li l-informazzjoni inkluża tkun aċċessibbli biex tkun tista' tiġi użata sussegwentament bħala referenza. Kien jidher essenzjali, l-ewwel, li tkun tista' tingħata prova faċli tal-eżistenza tal-ftehim, mingħajr ebda tilwim u, it-tieni, li l-partijiet ikunu konxji tal-konsegwenzi importanti li l-għażla tal-liġi applikabbli jista' jkollha fir-rigward tal-eżistenza u l-firxa tal-obbligu ta' manteniment. F'moħħ id-delegati tas-Sessjoni Diplomatika, din id-dispożizzjoni fiha biss rekwiżiti formali minimi rigward il-ftehim; l-Istati jistgħu jipprovdu rekwiżiti oħrajn, pereżempju sabiex jassiguraw li l-kunsens tal-partijiet jingħata liberament u jkun infurmat biżżejjed (pereżempju r-rikors għal parir legali qabel l-iffirmar tal-ftehim).

120 Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li jekk l-għażla pprovduta taħt l-Artikolu 7 issir qabel jiġu miftuħa l-proċeduri, tkun valida biss diment li l-partijiet ikunu speċifikaw liema liġi biħsiebhom jagħżlu, jew tal-inqas quddiem liema awtorità għandhom jinfetħu l-proċeduri kkontemplati. Jekk, sussegwentement, ma titressaq l-ebda talba quddiem l-awtoritajiet tal-Istat li tiegħu ntgħażlet il-liġi, l-għażla tibqa' bla effett (sakemm ma tkunx tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 8). Għall-kuntrarju, ma jkunx biżżejjed li l-partijiet jagħżlu "il-liġi tal-forum" b'mod ġenerali peress li, sakemm il-każ ikun tressaq quddiem awtorità, il-"forum" ma jkunx iddeterminat. Għażla bħal din magħmula fl-għama ma tipprovdix assigurazzjoni li l-partijiet ġew informati, u huma konxji, mill-oġġett tal-għażla tagħhom.

121 Wara diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni, fl-aħħar ġie deċiż li jiġi inkluż limitu ta' żmien bejn meta ssir l-għażla u meta jibdew il-proċeduri. Fil-fatt, jekk talba titressaq fl-Istat li tkun intgħażlet il-liġi tiegħu, huwa raġonevoli li dik l-għażla tipproduċi l-effetti tagħha anki jekk ikun għadda ammont konsiderevoli ta' żmien bejn iż-żewġ avvenimenti. Min-naħa l-oħra, jekk ma jiġux miftuħa proċeduri f'dak l-Istat, l-għażla, kif imsemmi, ma jkollhiex effett fi kwalunkwe każ.

122 Il-Protokoll ma fih l-ebda regola rigward il-mod u ż-żmien tal-għażla meta din issir waqt il-proċedura. Dawn il-kwistjonijiet huma ddeterminati mil-liġi tal-awtorità li quddiemha jitressaq il-każ.

*Artikolu 8 L-għażla tal-liġi applikabbli*

**Paragrafu 1 – Minkejja l-Artikoli 3 sa 6, il-kreditur u d-debitur tal-manteniment jistgħu fi kwalunkwe ħin jagħżlu waħda mil-liġijiet li ġejjin bħala dik applikabbli għall-obbligu ta' manteniment –**

123 Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-partijiet jagħżlu l-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment fi kwalunkwe ħin u anki qabel tibda t-tilwima.

124 Għall-kuntrarju tal-għażla tal-liġi tal-forum ipprovduta taħt l-Artikolu 7, l-għażla tal-liġi applikabbli taħt l-Artikolu 8 mhijiex magħmula "għall-fini ta' proċedura partikolari"; l-effetti tagħha mhumiex għaldaqstant limitati għal proċedura li l-kreditur tal-manteniment fetaħ diġà jew ser jiftaħ. Il-liġi magħżula mill-partijiet hija maħsuba li tirregola l-obbligi ta' manteniment bejn il-partijiet minn meta ssir l-għażla u sa dak iż-żmien, jekk japplika, li jiddeċiedu li jikkanċellawha jew jemendawha.

125 Il-vantaġġ prinċipali tal-għażla tal-liġi applikabbli kif ipprovdut taħt l-Artikolu 8 huwa li jinkiseb grad ta' stabilità u prevedibbiltà fir-rigward tal-liġi applikabbli: jekk il-partijiet għamlu għażla bħal din, il-liġi magħżula tibqa' applikabbli minkejja xi bidla fis-sitwazzjonijiet personali tagħhom, u rrispettivament mill-awtorità li quddiemha jkun tressaq il-każ f'każ ta' tilwima. B'mod partikolari, il-bidla tar-residenza abitwali tal-kreditur ma tikkawżax bidla fil-liġi applikabbli (ara *infra*, il-paragrafu 133), b'differenza mill-każ ta' nuqqas ta' għażla taħt l-Artikolu 3(2).

a *Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 8*

126 L-għażla tal-liġi applikabbli hija partikolarment utli fir-relazzjonijiet bejn il-konjuġi meta jidħlu fi ftehim, qabel jew waqt iż-żwieġ, rigward l-obbligi ta' manteniment waqt iż-żwieġ u / jew wara divorzju. B'riżultat ta' dik l-għażla, il-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment tiġi ddeterminata minn qabel, u b'hekk jiġu evitati l-kontestazzjonijiet sussegwenti dwar il-validità tal-ftehim f'każ ta' bidla fir-residenza abitwali tal-konjuġi jew tal-parti miżżewġa tal-kreditur. Fil-fatt, anki fin-nuqqas ta' ftehim relatat mal-obbligi ta' manteniment, l-għażla tal-liġi tista' tevita l-bidliet tal-liġi applikabbli kkawżati minn tilwima mobbli.

127 Ladarba l-għażla tal-liġi applikabbli kienet aċċettata għall-konjuġi, kien jidher li jkun utli jekk din tkun estiża għall-adulti kollha bl-eċċezzjoni ta' persuni li, minħabba difett jew insuffiċjenza tal-fakultajiet personali, mhumiex f'pożizzjoni li jħarsu l-interessi tagħhom. Għalkemm adulti "vulnerabbli" bħal dawn normalment ikunu mħarsa minn mekkaniżmi stabbiliti fid-diversi sistemi tal-liġi interna (fil-forma, pereżempju, tal-ħatra ta' kustodju jew fiduċjarju), is-Sessjoni Diplomatika eventwalment eskludiet l-għażla tal-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment għal dawn il-persuni, sabiex tevita kull riskju ta' abbuż (l-Artikolu 8(3)). Id-definizzjoni ta' adulti vulnerabbli użata minn din id-dispożizzjoni hija riprodotta mill-*Konvenzjoni tal-Aja tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti* (ara l-Artikolu 1(1)).

128 L-għażla tal-liġi applikabbli kienet eskluża wkoll għall-obbligi ta' manteniment lejn il-minorenni peress li r-riskji potenzjali ta' dik l-għażla jidhru li jisbqu l-benefiċċji possibbli. Ta' min iżomm f'moħħu li minorenni normalment ikun irrappreżentat minn wieħed mill-ġenituri, li huma wkoll marbuta li jipprovdu għalih; is-Sessjoni Diplomatika kkunsidrat, għalhekk, li l-ammissjoni tal-għażla tal-liġi applikabbli tinvolvi riskju eċċessiv ta' kunflitti ta' interess f'dawn il-każijiet. Wara xi ftit eżitazzjoni rigward id-determinazzjoni tal-età li minnha l-għażla tista' tkun aċċettata (18 jew 21 sena), l-età ta' 18-il sena kienet eventwalment stabbilita bħala l-età adulta legali fil-parti l-kbira tal-pajjiżi.

b *Il-firxa ta' liġijiet eliġibbli għall-għażla*

129 Bi tħassib dwar il-protezzjoni tal-kreditur tal-manteniment, l-Artikolu 8 jagħmel l-għażla għall-partijiet li jagħżlu l-liġi applikabbli soġġetta għal diversi kundizzjonijiet u restrizzjonijiet. L-ewwel restrizzjoni tirrigwarda l-oġġett tal-għażla u hija maħsuba sabiex tillimita l-firxa tal-għażliet disponibbli għall-partijiet.

**Subparagrafu *a)* – il-liġi ta' kull Stat li tiegħu jew waħda jew l-oħra mill-partijiet hija ċittadina fil-mument tal-għażla;**

130 L-ewwel għażla miftuħa għall-partijiet hija l-għażla tal-liġi nazzjonali ta' xi waħda minnhom fil-mument tal-għażla. Din l-għażla kienet aċċettata mingħajr diskussjonijiet partikolari u ma teħtieġx spjegazzjoni fit-tul. Ta' min jinnota li għall-kuntrarju tal-kriterju sussidjarju ta' konnessjoni man-nazzjonalità komuni taħt l-Artikolu 4(4), huwa suffiċjenti f'dan il-każ li l-għażla tkun relatata mal-liġi tal-Istat li tiegħu parti waħda biss (il-kreditur jew id-debitur) huwa ċittadin.

131 F'każ ta' diversi nazzjonalitajiet, minħabba li l-Protokoll huwa sieket dwar il-kwistjoni, ta' min jaċċetta li l-għażla tista' tkun relatata ma' kull liġi nazzjonali tal-partijiet: id-determinazzjoni tan-nazzjonalità l-aktar qrib jew l-aktar effettiva tirriskja li toħloq l-inċertezza dwar il-validità tal-għażla, u b'hekk iddgħajjef l-awtonomija tal-parti.

**Subparagrafu *b)* – il-liġi tal-Istat li tiegħu xi waħda mill-partijiet hija residenti abitwali fil-mument tal-għażla;**

132 It-tieni għażla tirrigwarda r-residenza abitwali ta' kull parti fil-mument tal-għażla. Din il-possibbiltà qatt ma kienet ikkontestata waqt ix-xogħol ta' tħejjija tal-Protokoll. Il-kunċett ta' residenza abitwali ma jitlob l-ebda osservazzjoni partikolari; din tikkorrispondi għal dik taħt l-Artikolu 3 (ara *supra*, il-paragrafi 41 *et seq*.).

133 Fil-każ tan-nazzjonalità, bħal fil-każ tar-residenza abitwali, iż-żmien deċiżiv huwa ż-żmien tal-għażla. Din is-soluzzjoni tikkorrispondi għall-għan ewlieni tal-għażla tal-liġi applikabbli, li huwa li jiggarantixxi stabilità, irrispettivament mill-bidliet li jseħħu wara l-għażla. Minkejja s-skiet tal-Protokoll fuq dan il-punt, ta' min jikkunsidra, għalhekk, li bidla fin-nazzjonalità jew fir-residenza abitwali tal-parti kkonċernata wara l-għażla ma taffettwax il-validità tiegħu. Min-naħa l-oħra, wieħed jista' jistaqsi jekk l-għażla tal-liġi ta' Stat li tiegħu l-ebda parti ma hija ċittadina jew residenti fiż-żmien tal-għażla

tistax tkun ivvalidata sussegwentement permezz tal-akkwist aktar tard tan-nazzjonalità jew tar-residenza abitwali rilevanti. Ir-referenza espressa għaż-żmien tal-għażla li tinsab fis-subparagrafi *a)* u *b)* tal-Artikolu 8(1) tidher li teskludi dan.

c *L-għażliet l-oħrajn taħt is-subparagrafi c) u d)*

134 It-tielet u r-raba' għażla (l-Artikolu 8(1) *c)* u *d)*) jirrigwardaw il-liġi *magħżula* sabiex tirregola r-reġim tal-proprjetà bejn il-konjuġi, rispettivament, is-separazzjoni ġudizzjarja jew id-divorzju, u l-liġi li kienet *effettivament applikata* għal dawk il-kwistjonijiet. Għaldaqstant huwa ovvju li dawn l-għażliet huma miftuħa għall-konjuġi u l-ex-konjuġi.

135 Ix-xewqa li jiġu permessi dawn l-għażliet ulterjuri kienet diskussa fit-tul. Kontra l-ammissjoni tagħhom kien innutat li dawn joħolqu sistema kkumplikata ħafna, li mhijiex verament meħtieġa, meta wieħed jikkunsidra l-għażliet wesgħin ħafna għall-għażla diġà maħluqa mis-subparagrafi *a)* u *b).* Barra minn hekk, l-għażliet ulterjuri pprovduti taħt is-subparagrafi *c)* u *d)* jiddependu fuq ir-regoli dwar il-kunflitt nazzjonali dwar ir-reġimi tal-proprjetà, id-divorzju u s-separazzjoni ġudizzjarja, u dawn għaldaqstant joħolqu biss sembjanza ta' uniformità. Barra minn hekk, f'sitwazzjonijiet fejn il-partijiet ikunu ssottomettew l-obbligi ta' manteniment għal-liġi *magħżula* bħala applikabbli għar-reġim ta' proprjetà tagħhom jew is-separazzjoni ġudizzjarja / id-divorzju tagħhom, il-validità ta' dik l-għażla f'dak li jirrigwarda l-manteniment tiddependi fil-fatt fuq il-validità tal-għażla tal-liġi fir-rigward tar-reġimi ta' proprjetà / separazzjoni ġudizzjarja / divorzju. Peress li l-għażla tal-liġi applikabbli għar-reġimi ta' proprjetà bejn il-konjuġi u dik applikabbli għas-separazzjoni jew id-divorzju mhijiex irregolata mill-Protokoll, din tiddependi biss fuq id-dritt internazzjonali privat tal-forum. Jekk dik il-liġi ma tippermettix għażla bħal din, l-invalidità tagħha tikkawża l-invalidità tal-għażla tal-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment. Dan ir-riskju huwa partikolarment akut fir-rigward tad-divorzju, peress li l-awtonomija tal-partijiet fi kwistjonijiet bħal dawn hija rikonoxxuta biss minn għadd żgħir ta' Stati. B'riżultat ta' dan, hemm riskju li l-għażla magħmula b'mod validu taħt id-dritt internazzjonali privat ta' Stat Kontraenti tista' tkun ikkunsidrata nulla mill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor li japplika r-regoli proprji dwar il-kunflitt tal-liġi.

136 Minkejja dawn l-iżvantaġġi, is-Sessjoni Diplomatika qablet dwar l-għażliet tas-subparagrafi *c)* u *d)* peress li dawn jippermettu lill-konjuġi jassiguraw li liġi waħda tkun applikabbli għad-diversi kwistjonijiet li għandhom ikunu ddeterminati fil-każ ta' xoljiment tal-koppja (divorzju u separazzjoni ġudizzjarja, ix-xoljiment tar-reġim tal-proprjetà matrimonjali u l-obbligi ta' manteniment). Dan il-qbil huwa partikolarment importanti fir-rigward tar-rabtiet bejn dawn id-diversi aspetti f'bosta sistemi ġuridiċi domestiċi. Għaldaqstant, id-determinazzjoni tal-konsegwenzi tal-proprjetà hija xi drabi meqjusa bħala kundizzjoni għall-għoti ta' divorzju (dan huwa l-każ b'mod partikolari għall-proċeduri bbażati fuq il-kunsens reċiproku tal-konjuġi). Barra minn hekk, f'ċerti liġijiet (u f'diversi ġuriżdizzjonijiet tal-liġi komuni b'mod partikolari), id-distinzjoni bejn ix-xoljiment tar-reġim tal-proprjetà u l-obbligi ta' manteniment mhijiex ċara jew saħansitra mhux eżistenti, bis-soluzzjoni ta' kull effett ta' proprjetà tad-divorzju tkun fdata f'idejn il-qrati.

137 Ta' min jinnota li l-Artikolu 8 ma jippermettix li l-konjuġi jagħżlu l-liġi *applikabbli* għar-reġim tal-proprjetà jew id-divorzju. Peress li l-kwistjoni hija rregolata mir-regoli domestiċi tad-dritt internazzjonali privat tal-Istati Kontraenti (inklużi dawk li jirriżultaw f'livell internazzjonali jew reġjonali), u s-soluzzjonijiet ipprovduti jistgħu jkunu differenti ħafna, id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għar-reġim ta' proprjetà jew għad-divorzju tista' tvarja skont ir-regoli fis-seħħ fl-Istat tal-awtorità li quddiemha jitressaq il-każ. F'dan il-każ, l-għażla ta' dik il-liġi biex tirregola l-obbligu ta' manteniment issir bl-addoċċ, sitwazzjoni li ma kinitx ikkunsidrata mixtieqa.

**Subparagrafu *c)* – il-liġi magħżula mill-partijiet bħala applikabbli, jew il-liġi applikata *de facto* għar-reġim tal-proprjetà tagħhom;**

i *Il-liġi magħżula biex tirregola r-reġim tal-proprjetà*

138 Taħt l-Artikolu 8(1) *c),* il-konjuġi l-ewwel nett għandhom id-dritt li jagħżlu l-liġi li *indikaw* biex tirregola r-reġim tal-proprjetà tagħhom. F'dan il-każ, il-liġi indikata sabiex tirregola r-reġim tal-proprjetà tkun ukoll applikabbli għall-obbligi ta' manteniment, bil-vantaġġ ovvju jkun li dawn iż-żewġ kwistjonijiet isiru soġġetti għal leġiżlazzjoni konsistenti.

139 L-għażla tal-liġi applikabbli għar-reġim tal-proprjetà mhijiex iddeterminata mill-Protokoll, iżda mid-dritt internazzjonali privat ta' kull Stat Kontraenti (inkluż kull strument ta' oriġini internazzjonali jew reġjonali). Din l-għażla hija aċċettata b'mod wiesa' fil-liġi komparattiva; hija pprovduta, fost l-oħrajn, mill-*Konvenzjoni tal-Aja tal-14 ta' Marzu 1978 dwar il-Liġi Applikabbli għar-Reġimi tal-Proprjetà Matrimonjali.* Il-konjuġi jingħataw spiss id-dritt li jagħżlu l-liġi nazzjonali jew il-liġi tar-residenza abitwali ta' wieħed minnhom;[53] f'dan il-każ, din l-għażla ma żżid xejn ma' dawk taħt is-subparagrafi *a)* u *b).* Jista' jiġri, madankollu, għar-reġim tal-proprjetà tagħhom, li l-konjuġi jingħataw ċerti għażliet addizzjonali li mhumiex ipprovduti fil-Protokoll, bħal pereżempju l-liġi tad-domiċilju (li mhijiex neċessarjament identika għar-residenza abitwali), jew il-liġi tal-post ta' ċerti assi, u l-proprjetà immobbli b'mod partikolari.[54] F'każijiet bħal dawn, l-obbligi ta' manteniment jistgħu wkoll ikunu soġġetti għal dawk il-liġijiet l-oħrajn.

140 Jekk l-għażla magħmula mill-partijiet ma tkunx konformi mar-regoli dwar il-kunflitt tal-liġi fis-seħħ fl-Istat tal-forum (peress li tali għażla mhijiex aċċettata hemmhekk jew peress li l-kundizzjonijiet ma ġewx issodisfati, jew il-liġi magħżula hija b'mod ieħor f'kunflitt ma' dawn ir-regoli), hija titqies nulla u bla effett. Din l-invalidità tinvolvi wkoll dik tal-għażla tal-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment peress li din tal-aħħar, skont il-Protokoll, hija konsegwenza tal-ewwel.

[53] Ara l-Artikoli 3 u 6 tal-Konvenzjoni tal-1978.
[54] Ara l-Artikoli 3(4) u 6(4) tal-Konvenzjoni tal-1978.

ii *Il-liġi applikata fil-fatt għar-reġim tal-proprjetà*

141 Is-subparagrafu *c)* jippermetti wkoll lill-konjuġi jissoġġettaw l-obbligi ta' manteniment għal-liġi fil-fatt *applikata* għar-reġim tal-proprjetà tagħhom. Is-sitwazzjoni msemmija hija waħda li fiha l-liġi applikabbli għal dak ir-reġim diġà ġiet iddeterminata mill-awtorità li quddiemha tressaq il-każ (f'każ ta' separazzjoni jew divorzju b'mod partikolari). Permezz tal-għażla tagħhom, il-konjuġi jistgħu jissoġġettaw l-obbligi ta' manteniment tagħhom għal dik l-istess liġi. Dan iwessa' l-firxa ta' għażliet miftuħa għall-partijiet, iżda fuq kollox jagħmel il-kwistjonijiet kollha relatati mal-proprjetà soġġetti għal liġi waħda. Ta' min jinnota li jekk il-liġi applikata għar-reġim tal-proprjetà hija l-liġi tal-forum, l-għażla ta' dik il-liġi għall-obbligi ta' manteniment mhijiex l-istess bħall-għażla pprovduta taħt l-Artikolu 7: din mhijiex għażla magħmula għall-fini ta' proċedura partikolari, iżda għażla li tkompli tipproduċi effetti fil-futur, inkluż għal talbiet ġodda (għall-emenda b'mod partikolari) magħmula mill-kreditur jew mid-debitur. Barra minn hekk, l-għażla pprovduta taħt l-Artikolu 8(1) *c)* ma għandhiex għalfejn issir neċessarjament waqt il-proċeduri, iżda tista' ssir wara li tkun ingħatat deċiżjoni li tiddefinixxi r-reġim tal-proprjetà bejn il-konjuġi.

**Subparagrafu *d)* – il-liġi magħżula mill-partijiet bħala applikabbli, jew il-liġi applikata *de facto* għad-divorzju jew is-separazzjoni tagħhom.**

iii *Il-liġi magħżula biex tirregola is-separazzjoni ġudizzjarja jew id-divorzju*

142 Skont l-Artikolu 8(1) *d),* il-konjuġi jistgħu jissoġġettaw l-obbligu ta' manteniment għal-liġi li *indikaw* biex tirregola s-separazzjoni ġudizzjarja jew id-divorzju tagħhom. Dawn il-kunsiderazzjonijiet rigward l-għażla tal-liġi indikata għar-reġim tal-proprjetà japplikaw ukoll, *mutatis mutandis*, għal din is-sitwazzjoni. Ta' min jinnota, madankollu, li l-għażla tal-liġi applikabbli għad-divorzju jew għas-separazzjoni ġudizzjarja mhijiex komuni ħafna fid-dritt internazzjonali privat komparattiv. Dan naturalment iżid il-probabbiltà li tali għażla titqies nulla u bla effett fl-Istat tal-forum, inkluż fir-rigward tal-obbligu ta' manteniment. Il-konjuġi jingħataw parir, għalhekk, li jkunu kawti. Madankollu, seħħet evoluzzjoni fid-dritt internazzjonali privat ta' ċerti pajjiżi Ewropej wara l-adozzjoni tar-"Regolament ta' Ruma III".[*]

iv *Il-liġi applikata fil-fatt għas-separazzjoni ġudizzjarja jew id-divorzju*

143 Is-subparagrafu *d)* jippermetti wkoll lill-konjuġi jistgħu jissoġġettaw l-obbligi ta' manteniment għal-liġi li fil-fatt kienet *applikata* għas-separazzjoni ġudizzjarja jew għad-divorzju. Is-sitwazzjoni msemmija hija dik li fiha l-liġi applikabbli diġà ġiet iddeterminata mill-awtorità li quddiemha tressaq il-każ; bl-għażla tagħhom, il-konjuġi jistgħu jissoġġettaw l-obbligi ta' manteniment għal dik l-istess liġi. Dan iwessa' l-għażliet miftuħa għall-partijiet, iżda fuq kollox jissoġġetta l-obbligi ta' manteniment għall-istess liġi applikata għas-separazzjoni jew għad-divorzju. Dawn il-kunsiderazzjonijiet rigward id-differenza bejn dik l-għażla u l-għażla rregolata mill-Artikolu 7 (ara *supra*, il-paragrafu 141) huma wkoll applikabbli f'dan il-każ.

d *Il-mod tal-għażla*

**Paragrafu 2 – Tali ftehim ikun bil-miktub jew irreġistrat f'kull forma, bl-informazzjoni li tinsab fih tkun aċċessibbli biex tkun tista' tintuża sussegwentament bħala referenza, u jkun iffirmat miż-żewġ partijiet.**

144 F'termini formali, l-għażla tal-liġi applikabbli ssir bil-miktub u ffirmata mill-partijiet. Mingħajr ma wieħed joqgħod isemmi l-vantaġġi evidenti tiegħu, ir-rekwiżit tal-kitba jservi biex jiġbed l-attenzjoni tal-kreditur lejn l-importanza tal-għażla u jħarsu mill-konsegwenzi ta' għażla mgħaġġla.

145 Il-kitba tista' tkun sostitwita minn kull mezz, li l-kontenut tiegħu jkun aċċessibbli biex jintuża għal referenza futura. Din id-dispożizzjoni hija maħsuba sabiex tippermetti l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni. Dan ma jeskludix, madankollu, r-rekwiżi ta' dokument iffirmat; dokument elettroniku jkun suffiċjenti biss, għaldaqstant, jekk ikun akkumpanjat minn firma elettronika.

**Paragrafu 3 – Il-paragrafu 1 ma japplikax għall-obbligi ta' manteniment fir-rigward ta' persuna taħt l-età ta' 18-il sena jew ta' adult li, minħabba raġunijiet ta' indeboliment jew insuffiċjenza tal-fakultajiet personali tiegħu, mhux f'pożizzjoni li jipproteġi l-interessi tiegħu.**

146 Dan il-paragrafu ma jeħtieġ l-ebda kumment partikolari.

e *Restrizzjonijiet fuq l-effetti tal-għażla*

147 Ġew introdotti restrizzjonijiet kbar fir-rigward ta-effetti tal-għażla tal-liġi applikabbli (l-Artikolu 8(4) u (5)). Peress li l-għażla ta' liġi li hija restrittiva fi kwistjonijiet ta' manteniment tista' ċċaħħad lill-kreditur mid-dritt tiegħu għall-manteniment, jew tillimita l-intitolament tiegħu b'mod wiesa', kien jidher essenzjali li l-effetti tagħha jiġu limitati.

i *L-applikazzjoni tal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur għad-dritt li jirrinunzja għall-manteniment*

**Paragrafu 4 – Minkejja l-liġi magħżula mill-partijiet skont il-paragrafu 1, il-kwistjoni ta' jekk il-kreditur jistax jirrinunzja għad-dritt tiegħu ta' manteniment tiġi ddeterminata mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur fil-mument tal-għażla.**

148 L-Artikolu 8(4) jipprovdi li minkejja l-liġi magħżula mill-partijiet, il-mistoqsija dwar jekk il-kreditur jistax jirrinunzja għad-dritt tiegħu għall-manteniment tkun iddeterminata mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur fiż-żmien tal-għażla. Din ir-regola kienet introdotta fit-test tal-Protokoll fis-Sessjoni Diplomatika,

[*] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali. Din in-nota kienet miżjuda mir-Relatur wara l-finalizzazzjoni tar-Rapport.

skont proposta mill-Komunità Ewropea.[55] Din timplika restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi magħżula mill-partijiet; irrispettivament mill-kontenut ta' dik il-liġi, il-possibbiltà ta' rinunzja għall-manteniment, u l-kundizzjonijiet ta' tali rinunzja, jibqgħu soġġetti għal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur. Din id-dispożizzjoni hija naturalment maħsuba sabiex ma tħallix lill-kreditur, permezz tal-għażla ta' liġi liberali u mhux protettiva, ikun imġiegħel jirrinunzja għall-manteniment li jkun intitolat għalih taħt il-liġi applikabbli li kieku ma kellux għażla oħra.

149 Skont il-proposta li fuqha din id-dispożizzjoni hija bbażata, l-għoti lill-kreditur ta' somma f'daqqa sabiex tkopri l-ħtiġijiet futuri tiegħu ma jikkostitwixxix ir-rinunzja tad-dritt għall-manteniment għall-finijiet ta' dan l-Artikolu. F'każ bħal dan, għaldaqstant, il-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur mhijiex ikkunsidrata.

150 Fis-sens litterali tagħha, id-dispożizzjoni tidher li hija maħsuba sabiex tapplika f'każijiet li fihom il-kreditur ikun irrinunzja għad-drittijiet tiegħu, u dik ir-rinunzja hija akkumpanjata mill-għażla ta' liġi li tippermettiha. Il-ġustifikazzjoni tad-dispożizzjoni tissuġġerixxi, madankollu, li għandha tapplika ukoll f'każijiet fejn l-għażla ta' liġi partikolari timplika, fiha nfisha, rinunzja, peress li l-liġi magħżula ma tipprovdi l-ebda manteniment favur il-kreditur.

ii *Is-setgħat ta' mitigazzjoni tal-qorti*

**Paragrafu 5 – Sakemm fil-mument tal-għażla l-partijiet ma jkunux ġew infurmati bis-sħiħ dwar u magħmula konxji mill-konsegwenzi tal-għażla tagħhom, il-liġi magħżula mill-partijiet ma tapplikax jekk l-applikazzjoni ta' dik il-liġi twassal għal konsegwenzi manifestament inġusti u irraġonevoli għal xi waħda mill-partijiet.**

151 L-effetti tal-għażla tal-liġi applikabbli huma, barra minn hekk, limitati mill-għoti tas-setgħa ta' mitigazzjoni lill-awtorità li quddiemha titressaq it-talba. Jekk l-awtorità ssib li l-applikazzjoni tal-liġi magħżula mill-partijiet twassal, fil-każ speċifiku, għal konsegwenzi manifestament inġusti jew irraġonevoli, il-liġi magħżula tista' titwarrab favur dik magħżula mill-kriterju ta' konnessjoni oġġettiv fl-Artikoli 3 sa 5. Din il-klawsola liberatorja hija bbażata fuq kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja sostantiva u tikkorrispondi għas-setgħat li bosta liġijiet interni jikkonferixxu fuq il-qrati sabiex jemendaw, jew saħansitra jwarrbu, ftehimiet ta' manteniment magħmula bejn il-partijiet meta jwasslu għal riżultati inġusti jew irraġonevoli. Madankollu, id-delegazzjonijiet kienu mħassba wkoll li setgħa mingħajr limitu lill-qorti biex twarrab il-liġi magħżula tippreġudika kompletament il-possibbiltà tal-partijiet li jikkonkludu ftehimiet ta' għażla tal-liġi taħt l-Artikolu 8. Għaldaqstant kien hemm qbil li s-setgħat ta' mitigazzjoni tal-qorti jiġu limitati billi jkun ipprovdut li l-paragrafu 5 ma jkunx japplika jekk il-partijiet ikunu informati għal kollox u konxji dwar il-konsegwenzi tal-għażla tagħhom. Din il-frażi għandha l-għan li tippermetti lill-partijiet inaqqsu r-riskju li jkollhom il-ftehim tagħhom imwarrab billi jieħdu parir legali dwar il-konsegwenzi tal-għażla tagħhom qabel il-konklużjoni tagħha. Ir-rekwiżit li l-partijiet għandhom ikunu "infurmati bis-sħiħ u magħmula konxji" ifisser li l-partijiet mhux biss għandhom ikunu ngħataw informazzjoni rilevanti iżda wkoll ikunu fehmuha; l-espressjoni mhijiex żejda peress li xi ħadd jista' jkun infurmat bis-sħiħ mingħajr ma jkun konxju tal-konsegwenzi tal-għażla tiegħu.

f *L-eżistenza u l-validità tal-ftehim bejn il-partijiet*

152 Minbarra ċerti restrizzjonijiet rigward l-ammissibbiltà tal-għażla tal-liġi applikabbli u xi ftit indikazzjonijiet dwar iż-żmien u l-forma ta' dik l-għażla, il-Protokoll ma jweġibx mistoqsijiet oħra relatati mal-eżistenza u l-validità tal-ftehim li permezz tiegħu l-partijiet jagħżlu l-liġi applikabbli (pereżempju, ma jiddeterminax l-effett ta' difett possibbli tal-kunsens). Dawn il-kwistjonijiet ikollhom jiġu solvuti skont il-liġi applikabbli għall-ftehim dwar l-għażla magħmul bejn il-partijiet, iżda dik il-liġi mhijiex espressament iddeterminata mill-Protokoll. L-aħjar soluzzjoni għall-indirizzar ta' dan in-nuqqas hija li wieħed jikkunsidra li dawn il-kwistjonijiet se jkunu rregolati mil-liġi magħżula mill-partijiet. Dan l-approċċ, li jikkonsisti fl-issoġġettar tal-validità tal-*optio legis* għal-liġi li tapplika jekk il-ftehim bejn il-partijiet ikun validu, huwa komuni ħafna fi strumenti internazzjonali li jirrikonoxxu l-awtonomija tal-partijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżistenza u l-validità tal-kunsens.[56] Il-vantaġġ ewlieni tiegħu huwa li jiggarantixxi li dawn il-kwistjonijiet ikunu ddeterminati b'mod uniformi fid-diversi Stati Kontraenti għall-Protokoll.

***Artikolu 9 "Domiċilju" minflok "nazzjonalità"***

**Stat li għandu l-kunċett ta' "domiċilju" bħala fattur ta' konnessjoni fil-materji tal-familja jista' jinforma lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat li, għall-finijiet tal-każijiet li jiġu quddiem l-awtoritajiet tiegħu, il-kelma "nazzjonalità" fl-Artikoli 4 u 6 hija ssostitwita b'"domiċilju" kif iddefinit f'dak l-Istat.**

153 Din id-dispożizzjoni tipprovdi li Stat li għandu l-kunċett ta' "domiċilju" bħala fattur ta' konnessjoni fi kwistjonijiet familjari jista' jinforma lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja li, għall-finijiet tal-każijiet li jiġu quddiem l-awtoritajiet tiegħu, il-kelma "nazzjonalità" fl-Artikoli 4 u 6 hija sostitwita b'"domiċilju" kif definit f'dak l-Istat.

154 Din id-dispożizzjoni kienet inkluża fil-Protokoll fis-Sessjoni Diplomatika wara proposta mill-Komunità Ewropea.[57] Hija mfassla sabiex tiffaċilita l-applikazzjoni tal-Protokoll minn dawk l-Istati (b'mod partikolari l-ġuriżdizzjonijiet tal-liġi komuni) li mhumiex imdorrijin

[55] Id-Dokument ta' Ħidma 5.

[56] Ara l-Art. 10 tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-14 ta' Marzu 1978 dwar il-Liġi Applikabbli għar-Reġimi ta' Proprjetà Matrimonjali*; l-Art. 10(1) tal-*Konvenzjoni tal-Aja tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Kuntratti għall-Bejgħ Internazzjonali tal-Oġġetti*; l-Art. 5(2) tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-1 ta' Awwissu 1989 dwar il-Liġi Applikabbli għas-Suċċessjoni għall-Patrimonju tad-Deċedut*; l-Artikoli 3(4) u 8(1) tal-Konvenzjoni ta' Ruma tad-19 ta' Ġunju 1980; l-Artikoli 3(5) u 10(1) tar-Regolament ta' Ruma I (Regolament (KE) Nru 593/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008).

[57] Id-Dok. ta' Ħidma Nri 2, 6 u 11.

jużaw in-nazzjonalità bħala kriterju ta' konnessjoni fid-dritt internazzjonali privat. Dawn l-Istati għaldaqstant jistgħu jissostitwixxu l-kriterju tan-nazzjonalità użat fl-Artikoli 4 u 6 minn dak ta' domiċilju, kif iddefinit f'dawk l-Istati. Hemm dispożizzjonijiet simili f'ċerti strumenti tal-Komunità Ewropea, favur ir-Renju Unit u l-Irlanda.[58]

155 Għalkemm id-definizzjoni taċ-ċirku ta' Stati li jistgħu jibbenefikaw minn din ir-regola speċjali mhijiex eżatta ħafna, huwa ċar li hija miftuħa għall-ġuriżdizzjonijiet tal-liġi komuni li jużaw "domiċilju" bħala fattur ta' konnessjoni fi kwistjonijiet familjari biex jużaw l-Artikolu 9. Il-frażi wżata fl-Artikolu 9, li tirreferi għal "Stat li għandu l-kunċett ta' 'domiċilju' bħala fattur ta' konnessjoni fil-materji tal-familja", ma tillimitax b'mod espress l-applikazzjoni tal-Artikolu għall-Istati tal-liġi komuni biss. Hemm bosta ġuriżdizzjonijiet tal-liġi ċivili li wkoll jużaw il-konnessjoni mad-domiċilju fil-kwistjonijiet familjari.[59] Skont l-ittra tal-Artikolu 9, jidher li dawn l-Istati jistgħu wkoll jeżerċitaw l-għażla rikonoxxuta minn din id-dispożizzjoni. Dan il-qari mhuwiex konsistenti, madankollu, mal-ispirtu tal-proposta tal-Komunità Ewropea, li l-għan iddikjarat tagħha kien li tiffaċilita l-kompitu tal-Istati li mhumiex imdorrijin jużaw in-nazzjonalità bħala fattur ta' konnessjoni fis-sistemi domestiċi tagħhom ta' dritt internazzjonali privat.[60] Jidher, għaldaqstant, li jekk Stat għandu u ġeneralment juża l-kunċett ta' nazzjonalità fi kwistjonijiet ta' kunflitti tal-liġi, anki fuq bażi sussidjarja, mhuwiex ser igawdi mill-benefiċċju tar-regola speċjali fl-Artikolu 9.

156 Fl-Istat li jeżerċita l-għażla pprovduta taħt l-Artikolu 9, il-kriterju ta' domiċilju jrid jintuża "kif definit f'dak l-Istat". Din hija għaldaqstant referenza għal-liġi interna tal-Istat ikkonċernat u d-definizzjoni proprja ta' domiċilju. Naturalment dan l-approċċ ma tantx jiffavorixxi l-applikazzjoni uniformi tal-Protokoll, iżda l-impatt tiegħu ma għandux ikun sopravvalutat, peress li jibqa' ristrett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(4) u tal-Artikolu 6 tal-Protokoll. Ta' min jinnota wkoll li r-referenza għall-kunċett domestiku hija wżata wkoll fi strumenti oħrajn tad-dritt internazzjonali privat uniformi, mingħajr ma ħolqot żvantaġġi kbar fl-applikazzjoni ta' dawk l-istrumenti.[61]

157 Is-sostituzzjoni tal-kunċett ta' nazzjonalità b'dak ta' domiċilju fit-tifsira tal-Artikolu 9 hija pprovduta biss fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 6 tal-Protokoll, jiġifieri, iż-żewġ dispożizzjonijiet li jużaw in-nazzjonalità komuni tal-partijiet bħala kriterju. Fl-Artikolu 4(4), din is-sostituzzjoni timplika li, fl-Istati Kontraenti għall-Protokoll li eżerċitaw din l-għażla, il-kreditur li ma jistax jikseb manteniment kemm taħt il-liġi tar-residenza abitwali tiegħu kif ukoll taħt il-liġi tal-forum (f'dik l-ordni jew bil-kontra, ara l-Artikolu 4(3)) jista' madankollu jibbaża t-talba tiegħu fuq il-liġi tal-Istat li fih iż-żewġ partijiet għandhom id-domiċilju tagħhom. Fl-Artikolu 6 is-sostituzzjoni timplika li, fl-Istati kkonċernati, debitur tal-manteniment jista' jikkontesta t-talba tal-kreditur jekk l-obbligu ma jeżistix la taħt il-liġi tar-residenza abitwali tiegħu, u lanqas taħt il-liġi tal-Istat li fih iż-żewġ partijiet għandhom id-domiċilju tagħhom.

158 Fiż-żewġ każijiet imsemmija fl-Artikolu 9, is-sostituzzjoni tan-nazzjonalità b'domiċilju jkollha effetti biss għall-Istat Kontraenti li jkun eżerċita l-għażla permessa minn dik id-dispożizzjoni. Dan ifisser li Stati oħrajn ma jkunux marbuta li japplikaw il-kriterju tad-domiċilju u, għall-kuntrarju, ikomplu japplikaw dak tan-nazzjonalità. L-Artikolu 9 mhuwiex soġġett għal rekwiżit ta' reċiproċità. Il-korollarju huwa li Stati oħrajn mhumiex marbuta li japplikaw il-kunċett ta' domiċilju kif definit fl-Istat inkwistjoni; għaldaqstant dan l-Artikolu ma jżidx il-kumplikazzjonijiet tal-kompitu tal-awtoritajiet tagħhom.

159 Min-naħa l-oħra, is-sostituzzjoni pprovduta mill-Artikolu 9 ma jkollha l-ebda impatt fuq l-Artikolu 8, għalkemm dik id-dispożizzjoni tuża wkoll il-kriterju tan-nazzjonalità fil-paragrafu 1 *a)* (għażla mill-partijiet tal-liġi nazzjonali ta' waħda minnhom). Dan huwa dovut għat-tħassib li jiġi evitat li l-għażla tal-liġi nazzjonali ta' parti waħda, magħmula skont l-Artikolu 8, tinstab bla effett fi Stat Kontraenti ieħor li jkun uża l-Artikolu 9, għar-raġuni li l-ebda parti ma kienet domiċiljata fl-Istat li tiegħu ntgħażlet il-liġi, jew, bil-maqlub, li l-għażla tal-liġi tad-domiċilju titqies bla effett fi Stat Kontraenti li jibqa' juża l-kriterju tan-nazzjonalità.

160 Ta' min jenfasizza li s-sostituzzjoni tan-nazzjonalità bid-domiċilju bħala kriterju hija soġġetta, taħt l-Artikolu 9, għall-obbligu li wieħed jinforma lill-Uffiċċju Permanenti, li jgħaddi dik l-informazzjoni lill-Istati Kontraenti l-oħrajn.

### *Artikolu 10 Korpi pubbliċi*

**Id-dritt li korp pubbliku jitlob rimborż ta' benefiċċju pprovdut lill-kreditur minflok il-manteniment ikun irregolat mil-liġi li għaliha huwa soġġett dak il-korp.**

161 Din id-dispożizzjoni tipprovdi li d-dritt ta' korp pubbliku li jitlob ir-rimborż ta' benefiċċju pprovdut lill-kreditur minflok il-manteniment ikun irregolat mil-liġi li għaliha huwa soġġett dak il-korp.

162 Din ir-regola mhijiex ġdida, peress li diġà dehret fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), b'xi ftit differenzi fl-abbozzar. B'hekk, fil-verżjoni Franċiża, il-frażi "*institution publique*" (istituzzjoni pubblika) fil-Konvenzjoni preċedenti kienet sostitwita minn "*organisme public*" (korp pubbliku) biex it-test tal-Protokoll ikun konsistenti ma' dak tal-Konvenzjoni.[62]

163 Din ir-regola hija rikonoxxuta internazzjonalment b'mod wiesa', kif ikkonfermat mill-fatt li dispożizzjoni bl-istess sustanza kienet inkluża wkoll fit-test tal-

[58] Ara l-Artikoli 3(2) u 6(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 ("Ir-Regolament ta' Brussell IIa").

[59] Pereżempju l-Isvizzera, fejn id-domiċilju huwa definit bħala l-post fejn persuna "tgħix bl-intenzjoni li tistabbilixxi ruħha", ara l-Art. 20, il-para. 1 a, tal-Att Federali tat-18 ta' Diċembru 1987 dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

[60] Ara l-Minuti Nru 5, il-para. 31.

[61] Ara l-Art. 52 tal-*Konvenzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurżsdizzjoni u l-infurzar tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali* u tal-Konvenzjoni ta' Lugano tal-1988.

[62] Ara l-Artikolu 36 ta' din tal-aħħar.

Konvenzjoni (l-Artikolu 36(2) tagħha). Din ir-regola tapplika, għalhekk, fl-Istati kollha parti għal dan l-istrument, irrispettivament minn jekk humiex parti għall-Protokoll (u għalhekk irrispettivament mil-liġi li japplikaw għall-obbligu ta' manteniment).

164 Ta' min jinnota li l-konnessjoni mal-liġi tal-korp pubbliku tapplika biss għad-dritt ta' dan tal-aħħar li *jitlob* ir-rimborż (kemm jekk fuq il-bażi ta' subrogazzjoni kif ukoll ta' trasferiment *ipso jure*), filwaqt li l-eżistenza u l-firxa tat-talba ta' manteniment huma rregolati mil-liġi applikabbli għal dak l-obbligu (ara l-Artikolu 11 *f)*). Kien bl-għan li tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet li l-frażi "dritt li jikseb ir-rimborż", li dehret fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), kienet issostitwita mid-"dritt li jitlob ir-rimborż": il-kisba tar-rimborż ma tiddependix fuq il-liġi tal-korp pubbliku, iżda fuq il-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment. F'ċerti każijiet, dawn iż-żewġ liġijiet jikkoinċidu; dan huwa normalment il-każ jekk l-obbligu ta' manteniment ikun irregolat mil-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur (l-Artikolu 3), peress li l-korp pubbliku li jipprovdi l-benefiċċji lill-kreditur normalment jopera fl-Istat tar-residenza ta' dan tal-aħħar, skont il-liġi lokali. Qasma bejn iż-żewġ liġijiet pjuttost isseħħ meta l-obbligu ta' manteniment ikun soġġett għal liġi differenti mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur permezz tal-Artikolu 4, 5, 7 jew 8.

165 Barra minn hekk, huwa ċar li r-regola tapplika biss għar-rimborż ta' benefiċċji pprovduti minflok il-manteniment, u mhux għal benefiċċji ta' tip ieħor, bħal allowances pubbliċi, li d-debitur mhuwiex mistenni li jħallas lura.

***Artikolu 11 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli***

**Il-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment tiddetermina fost l-oħrajn –**

166 Din id-dispożizzjoni tagħti aktar dettalji dwar il-kwistjonijiet iddeterminati mil-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment, magħżula mill-Artikolu 3, 4, 5, 7 jew 8 tal-Protokoll. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik il-liġi huwa definit b'mod pjuttost wiesa', skont l-approċċ li jikkaratterizza l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli),[63] u strumenti internazzjonali oħrajn.[64]

167 Ta' min jinnota li l-lista fl-Artikolu 11, kif indikat mill-espressjoni "fost l-oħrajn", mhijiex komprensiva, u kwistjonijiet oħrajn mhux imsemmija jistgħu jkunu soġġetti għall-istess liġi.

**Paragrafu *a)* – jekk, sa fejn u mingħand min il-kreditur jista' jitlob il-manteniment;**

168 Il-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment tirregola, l-ewwel nett, l-eżistenza tal-obbligu ta' manteniment u d-determinazzjoni tad-debitur. Tiddetermina, mingħajr limitazzjoni, l-eliġibbiltà ta' persuna għall-manteniment, billi tikkunsidra r-relazzjoni ta' familja tal-persuna mad-debitur, u l-età tagħha.

[63] Ara. l-Art. 10 ta' din il-Konvenzjoni.
[64] Ara l-Art. 7 tal-Konvenzjoni ta' Montevideo tal-1989.

**Paragrafu *b)* – il-limitu sa fejn il-kreditur jista' jitlob manteniment b'mod retroattiv;**

169 L-istess liġi tiddetermina wkoll il-firxa tal-obbligu. Il-Protokoll baqa' jsegwi l-approċċ tal-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1956 u tal-1973 dwar il-Manteniment, billi jipprovdi li liġi waħda tiddetermina jekk, u sa fejn, il-kreditur jista' jitlob manteniment. Id-differenza bejn l-eżistenza u l-firxa tat-talba, li hija applikata f'ċerti sistemi ġuridiċi (f'ċerti provinċi tal-Kanada b'mod partikolari), ma ġietx segwita.

**Paragrafu *c)* – il-bażi għall-kalkolu tal-ammont ta' manteniment, u l-indiċjar;**

170 Il-firxa tal-obbligu tinkludi mhux biss il-bażi li fuqha l-benefiċċju huwa kkalkolat, iżda wkoll safejn il-kreditur jista' jitlob manteniment retroattiv (ara l-Artikolu 11 *b)*). Id-diversi sistemi ġuridiċi normalment jillimitaw din il-possibbiltà għall-ammonti dovuti fis-snin li jiġu eżattament qabel l-azzjoni tal-kreditur.

171 Il-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment tirregola wkoll il-kwistjoni tal-indiċjar tal-ammont dovut bħala manteniment. Din il-kwistjoni kienet diskussa fil-Kummissjoni Speċjali, peress li hemm soluzzjonijiet oħrajn teoretikament konċepibbli (pereżempju applikazzjoni sistematika tal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur jew tal-liġi tal-forum). Il-Kummissjoni Speċjali eventwalment ikkunsidrat li din il-kwistjoni kienet marbuta ma' dik tad-determinazzjoni tal-firxa tal-obbligu ta' manteniment u għaldaqstant kellha tkun irregolata mil-liġi applikabbli għal dan tal-aħħar.

**Paragrafu *d)* – min hu intitolat li jagħti bidu għal proċeduri ta' manteniment, minbarra materji li jikkonċernaw il-kapaċità proċedurali u r-rappreżentanza fil-proċeduri;**

172 Il-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment tiddetermina wkoll min huwa intitolat sabiex jiftaħ proċeduri ta' manteniment. Din is-soluzzjoni tikkorrispondi għal dik fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli) (l-Artikolu 10(2)). Id-dritt normalment ikun tal-kreditur tal-manteniment iżda, jekk dan ikun minorenni, il-proċeduri jistgħu xi drabi jinfetħu minn wieħed mill-ġenituri tiegħu jew korp pubbliku. Din il-kwistjoni hija separata minn dik tar-rappreżentazzjoni ta' persuni mingħajr kapaċità, li taqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll. Bl-istess mod, ma għandhiex titħallat ma' dawk tal-kapaċità proċedurali u r-rappreżentanza ġudizzjarja, li huma soġġetti għal-liġi tal-forum.

**Paragrafu *e)* – il-preskrizzjoni jew il-perjodi ta' skadenza;**

173 Il-perjodu ta' limitazzjoni għall-proċeduri ta' manteniment u rekwiżiti oħrajn ta' żmien biex jiġu miftuħa (pereżempju limiti ta' żmien perentorji) huma wkoll soġġetti għal-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment. Dawn il-kwistjonijiet huma għaldaqstant ikkaratterizzati bħala sostantivi u mhux proċedurali, kif diġà kien il-każ taħt il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli) (Art. 10(2)). Mistoqsija differenti hija dik dwar il-perjodu li fih jistgħu jiġu inforzati l-arretrati fuq il-bażi ta' deċiżjoni barranija.

Din il-kwistjoni mhijiex irregolata fil-Protokoll, iżda fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 32 tal-Konvenzjoni, li jgħid "kull limitazzjoni fuq il-perjodu li għalih jistgħu jiġu inforzati l-arretrati tkun iddeterminata kemm mil-liġi tal-Istat tal-oriġini tad-deċiżjoni kif ukoll mil-liġi tal-Istat indirizzat, skont liema waħda tipprevedi l-itwal perjodu ta' limitazzjoni".

**Paragrafu *f)* – il-limitu tal-obbligu ta' debitur tal-manteniment, meta korp pubbliku jfittex rimborż ta' benefiċċji pprovduti għal kreditur minflok manteniment.**

174 Fil-każ ta' proċeduri għar-rimborż imressqa minn korp pubbliku, il-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment tirregola l-eżistenza u l-firxa (u għalhekk il-limiti) ta' dak l-obbligu, filwaqt li d-dritt għat-talba ta' rimborż huwa rregolat mil-liġi tal-korp ikkonċernat (l-Artikolu 9). Din ir-regola, li tikkorrispondi għal dik fl-Artikolu 10(3) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), hija għal kollox loġika: jekk il-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment ma tipprovdix għal talba, il-korp pubbliku jista' ma jitlobx rimborż mid-debitur tal-benefiċċji li pprovda.

*Artikolu 12 L-esklużjoni ta' rinviju*

**Fil-Protokoll, it-terminu "liġi" ifisser il-liġi li tkun fis-seħħ fi Stat għajr ir-regoli tiegħu dwar l-għażla tal-liġijiet.**

175 Din id-dispożizzjoni tispeċifika li r-regoli dwar il-kunflitt fil-Protokoll jindikaw il-liġi interna tal-Istat ikkonċernat, minbarra r-regoli tiegħu dwar l-għażla tal-liġijiet. Ir-rinviju huwa għalhekk eskluż, anki jekk il-liġi magħżula tkun dik ta' Stat mhux Kontraenti. Din is-soluzzjoni hija konsistenti ma' dik tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli) u bosta strumenti oħrajn imfassla mill-Konferenza tal-Aja.[65] Ma titlob l-ebda kumment partikolari.

*Artikolu 13 Politika pubblika*

**L-applikazzjoni tal-liġi determinata skont il-Protokoll tista' tiġi rrifjutata biss sakemm l-effetti tagħha jkunu manifestament kuntrarji għall-politika pubblika tal-forum.**

176 Dan l-Artikolu jipprovdi għażla li tiġi eskluża l-liġi applikabbli meta l-effetti tagħha jkunu manifestament kuntrarji għall-politika pubblika tal-forum. Is-sustanza ta' din id-dispożizzjoni tikkorrispondi għal dik tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli) (l-Artikolu 11(1)), u għal bosta strumenti tad-dritt internazzjonali privat uniformi.

177 L-applikazzjoni tal-eċċezzjoni tal-politika pubblika trid tkun restrittiva ħafna: l-Artikolu 13 jeżiġi li l-effetti tal-liġi barranija jkunu *manifestament* kuntrarji għall-politika pubblika tal-forum, jiġifieri evidentement kuntrarji għall-prinċipju fundamentali fl-Istat tal-forum.

178 L-eċċezzjoni tal-politika pubblika hija xi drabi invokata meta t-talba għall-manteniment tkun ibbażata, skont il-*lex causae* barranija, fuq relazzjoni familjali li mhijiex rikonoxxuta fl-Istat tal-forum u li f'dak l-Istat hija kkunsidrata mhux xierqa. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota, madankollu, li d-determinazzjoni tal-politika pubblika għandha ssir *in concreto*, fir-rigward tal-effetti tal-applikazzjoni tal-liġi barranija magħżula mill-Protokoll. Din il-kunsiderazzjoni tidher li hija partikolarment importanti fil-qasam tal-manteniment, peress li f'każijiet bħal dawn l-effett tal-applikazzjoni ta' liġi barranija jinħass fi kwalunkwe każ fil-qasam tal-proprjetà.[66] Biex tkun invokata l-politika pubblika, mhuwiex biżżejjed, għalhekk, li r-relazzjoni familjali li fuqha hija bbażata t-talba għall-manteniment tmur kontra l-politika pubblika tal-Istat tal-forum, iżda jkun meħtieġ li l-fatt li persuna tiġi mġiegħla tħallas il-manteniment lil persuna oħra fuq il-bażi ta' tali relazzjoni jitqies fih innifsu bħala mhux xieraq. Din id-distinzjoni mhijiex akkademika. Huwa magħruf sew li f'bosta Stati l-ġurisprudenza hija lesta li tirrikonoxxi ċerti drittijiet speċifiċi (tat-tip patrimonjali jew personali) li jirriżultaw minn relazzjoni familjali, anki jekk din tal-aħħar tkun kontra l-politika pubblika tal-forum. L-aktar eżempju magħruf huwa dak tar-rikonoxximent f'ċerti Stati Ewropej (Franza, il-Ġermanja) ta' ċerti effetti ta' poligamija; anki jekk dik l-istituzzjoni ma tistax tkun rikonoxxuta bħala tali minn dawk l-Istati għaliex mhijiex konsistenti mal-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-forum, l-għoti tal-manteniment mir-raġel lid-diversi nisa tiegħu ma jitqiesx li mhuwiex xieraq. Kunsiderazzjonijiet simili jistgħu japplikaw, *mutatis mutandis*, għal istituzzjonijiet kontroversjali oħrajn, bħar-relazzjonijiet jew iż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess.

179 Għall-kuntrarju ta' strumenti domestiċi jew internazzjonali oħrajn, il-Protokoll ma jagħmilx riżerva għad-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti tal-forum (jew regoli ta' applikazzjoni immedjata), jiġifieri, ir-regoli obbligatorji li, minħabba l-importanza tagħhom għall-Istat tal-forum, huma applikabbli irrispettivament mil-liġi indikata mir-regoli tal-għażla tal-liġijiet. Jidher, għaldaqstant, li l-awtoritajiet li quddiemhom jitressaq il-każ huma marbuta fi kwalunkwe każ li jiddeterminaw is-sustanza tal-liġi magħżula mill-Protokoll, li tista' titwarrab biss jekk l-effetti tagħha ma jkunux kompatibbli f'każ speċifiku mal-prinċipji tal-politika pubblika tal-liġi tal-forum.

*Artikolu 14 Id-determinazzjoni tal-ammont ta' manteniment*

**Anki jekk il-liġi applikabbli tipprevedi mod ieħor, il-bżonnijiet tal-kreditur u r-riżorsi tad-debitur kif ukoll kull kumpens li ġie mogħti lill-kreditur minflok pagamenti perjodiċi ta' manteniment jitqiesu meta jiġi determinat l-ammont ta' manteniment.**

180 L-Artikolu 14 jipprovdi li anki jekk il-liġi applikabbli tipprovdi mod ieħor, il-ħtiġijiet tal-kreditur u r-riżorsi tad-debitur kif ukoll kull kumpens li jkun ingħata

[65] Ara l-Art. 10 tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Liġi Applikabbli għal Ċerti Drittijiet fir-Rigward ta' Titoli miżmuma minn Intermedjarju*; l-Art. 19 tal-*Konvenzjoni tal-Aja tat-13 ta' Jannar 2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti.*

[66] Ara wkoll l-Art. 1(2) tal-Protokoll, li permezz tiegħu d-deċiżjonijiet meħuda b'applikazzjoni tal-Protokoll għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżistenza ta' relazzjoni familjari.

lill-kreditur minflok pagamenti perjodiċi ta' manteniment jiġu kkunsidrati meta jkun iddeterminat l-ammont ta' manteniment. Din hija regola sostantiva li torbot bħala tali lill-Istati Kontraenti, irrispettivament mill-mod li bih hija ttrattata l-liġi applikabbli għall-obbligu ta' manteniment.

181 It-test ta' din id-dispożizzjoni huwa pjuttost l-istess bħall-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), iżda jinkludi żewġ novitajiet kbar:

182 L-ewwel differenza hija bbażata fuq il-fatt li l-Artikolu 14 huwa l-oġġett ta' dispożizzjoni separata indipendenti minn dik li tirrigwarda l-politika pubblika, għall-kuntrarju tal-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli). Wara diskussjonijiet fit-tul fil-GĦLA u fil-Kummissjoni Speċjali, din is-soluzzjoni kienet adottata fis-Sessjoni Diplomatika. Għandha konsegwenza importanti: ir-regola sostantiva inkwistjoni mhijiex sempliċi restrizzjoni tal-applikazzjoni ta' liġi barranija, iżda għandha tkun applikata mill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti anki jekk il-liġi magħżula mill-Protokoll hija l-liġi tal-forum fil-każ speċifiku.

183 Ta' min jinnota li l-ikkunsidrar tal-ħtiġijiet u tar-riżorsi mhux bilfors jinvolvi setgħa ta' evalwazzjoni tal-awtorità f'dan il-każ, iżda jista' jkun ibbażat b'mod indirett fuq il-mod li bih jiġi kkalkulat il-manteniment li jirriżulta mil-liġi applikabbli, pereżempju billi jiġi definit l-ammont ta' manteniment dovut lil kreditur f'ċirkostanzi speċifiċi permezz ta' tabelli li jkunu flessibbli biżżejjed b'tali mod li jqisu l-ħtiġijiet u r-riżorsi tal-partijiet. Dan il-punt huwa importanti fir-rigward tas-sistemi amministrattivi li jiddependu wkoll fuq il-ħtiġijiet tal-kreditur u r-riżorsi tad-debitur, anki jekk dawn il-fatturi jitqiesu b'mod aktar astratt milli fis-sistemi ġudizzjarji.

184 It-tieni differenza mill-Artikolu 11(2) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli) hija bbażata fuq ir-referenza fl-Artikolu 14 għal "kull kumpens li ġie mogħti lill-kreditur minflok pagamenti perjodiċi ta' manteniment". Din in-novità, ukoll, kienet introdotta fis-Sessjoni Diplomatika fuq proposta mid-delegazzjoni tal-Komunità Ewropea.[67] Hija tirreferi b'mod partikolari għal każijiet fejn, fi żmien id-divorzju, xi ħadd mill-konjuġi jkun tħallas somma f'daqqa jew ingħata parti mill-proprjetà (immobbli jew personali) li tappartjeni lilll-persuna l-oħra fiż-żwieġ (bħalma huwa l-każ, pereżempju, f'ċerti ġuriżdizzjonijiet tal-liġi komuni) sabiex jillikwida t-talbiet kollha tiegħu, inkluż il-manteniment. Din is-soluzzjoni tintuża f'bosta sistemi nazzjonali sabiex tiffavorixxi soluzzjoni finali tat-talbiet rispettivi tal-konjuġi fi żmien id-divorzju, biex b'hekk ir-relazzjoni tagħhom tintemm "tajjeb", għall-inqas f'dak li jirrigwarda l-proprjetà. F'dan il-każ, ta' min jevita li xi ħadd mill-konjuġi sussegwentement jitlob manteniment li mhuwiex kompatibbli mas-soluzzjoni preċedenti, fuq il-bażi ta' liġi li ma tirrikonoxxix din il-forma ta' kumpens: jekk il-liġi magħżula mill-Protokoll tiddependi fuq il-ħtiġijiet attwali tal-kreditur, mingħajr ma tqis il-kumpens li jkun ħa qabel, ir-riżultat jista' jkun ingust. Għalhekk, ir-regola sostantiva fl-Artikolu 14 tista' tintuża bħala rimedju, jekk japplika, għas-soluzzjonijiet li jirriżultaw mil-liġi applikabbli għat-talbiet għall-manteniment.

***Artikoli 15 sa 17 Sistemi ġuridiċi mhux unifikati***

185 Dawn l-Artikoli jinkludu dispożizzjonijiet marbuta mal-applikazzjoni tal-Protokoll fi Stati li għandhom sistemi ġuridiċi mhux unifikati. Dawn id-dispożizzjonijiet huma komuni fil-Konvenzjonijiet tal-Aja, iżda l-abbozzar tagħhom jeħtieġ li jkun adattat għall-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' kull Konvenzjoni. Fil-każ tal-Protokoll, l-abbozzi tal-Artikoli tħejjew mill-Uffiċċju Permanenti.[68] Dawn l-Artikoli kienu adottati bi ftit bidliet mis-Sessjoni Diplomatika. L-Artikolu 15 jipprovdi li l-Protokoll ma japplikax għal kunflitti li huma strettament interni fi Stat Kontraenti, filwaqt li l-Artikoli 16 u 17 jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-Protokoll f'sistemi ġuridiċi li mhumiex unifikati fuq bażi personali jew territorjali.

***Artikolu 15 In-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Protokoll għall-kunflitti interni***

**Paragrafu 1 – Stat Kontraenti fejn sistemi ta' liġijiet jew settijiet ta' regoli ġuridiċi differenti japplikaw għall-obbligi ta' manteniment ma jkunx marbut li japplika r-regoli tal-Protokoll għall-kunflitti unikament bejn dawn is-sistemi jew settijiet ta' normi ġuridiċi differenti.**

186 Dan l-Artikolu jipprovdi li Stat li fih japplikaw żewġ sistemi jew aktar ta' liġijiet jew settijiet ta' normi ġuridiċi għall-obbligi ta' manteniment ma jkunx marbut li japplika r-regoli tal-Protokoll biex isolvi l-kunflitti interni riżultanti. Il-Protokoll huwa maħsub sabiex isolvi l-kunflitti ta' liġijiet f'sitwazzjonijiet internazzjonali u ma jgħidx li japplika f'sitwazzjonijiet strettament interni. Dan japplika kemm għall-kunflitti bejn il-persuni (jiġifieri, fejn l-applikazzjoni tad-diversi sistemi ġuridiċi interni tkun ibbażata fuq kriterju personali, bħat-twemmin tal-persuni kkonċernati) kif ukoll għall-kunflitti bejn it-territorji (fejn id-diversi sistemi jew settijiet ta' regoli japplikaw f'unitajiet territorjali differenti).

187 L-Istat ikkonċernat jista', fuq bażi strettament volontarja u unilaterali, jiddeċiedi li japplika l-Protokoll sabiex isolvi l-kunflitti interni jekk ikun jixtieq hekk. Din is-soluzzjoni, li tista' ċertament tkun ikkontemplata għall-kunfitti bejn it-territorji, madankollu ma tidhirx li hija adattata għall-kunflitti bejn il-persuni.

**Paragrafu 2 – Dan l-Artikolu ma japplikax għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.**

188 Skont it-tieni paragrafu, l-Artikolu 15 ma japplikax għall-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika (REIOs). L-Istati li jiffurmaw dawn l-organizzazzjonijiet huma Stati indipendenti u għaldaqstant ma jistgħux ikunu ttrattati bħall-unitajiet territorjali ta' Stat b'diversi unitajiet.

[67] Ara d-Dok. ta' Ħidma Nru 2, il-Minuti Nru 1, il-paragrafi 64 *et seq.*, u l-Minuti Nru 2, il-paragrafi 1 *et seq.*

[68] Id-Dok. ta' Ħidma Nru 12.

*Artikolu 16 Sistemi ġuridiċi mhux unifikati – territorjali*

**Paragrafu 1 – Fir-rigward ta' Stat fejn żewġ sistemi ġuridiċi jew iktar jew settijiet ta' normi ġuridiċi japplikaw f'unitajiet territorjali differenti, f'dak li għandu x'jaqsam ma' materji li jaqgħu taħt dan il-Protokoll –**

**Subparagrafu *a)* – kull referenza għal-liġi ta' Stat tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għal-liġi fis-seħħ fl-unità territorjali rilevanti;**

**Subparagrafu *b)* – kull referenza għall-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi pubbliċi ta' dak l-Istat tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għal dawk awtorizzati li jaġixxu fl-unità territorjali rilevanti;**

**Subparagrafu *c)* – kull referenza għar-residenza abitwali f'dak l-Istat tinftiehem bħala li tirreferi, fejn ikun xieraq, għar-residenza abitwali fl-unità territorjali rilevanti;**

**Subparagrafu *d)* – kull referenza għall-Istat li tiegħu żewġ persuni għandhom nazzjonalità komuni tinftiehem bħala li tirreferi għall-unità territorjali magħżula mil-liġi ta' dak l-Istat jew, fin-nuqqas ta' regoli rilevanti, għall-unità territorjali li magħha l-obbligu ta' manteniment għandu l-eqreb konnessjoni;**

**Subparagrafu *e)* – kull referenza għall-Istat li tiegħu persuna hija ċittadina tinftiehem bħala li tirreferi għall-unità territorjali magħżula mil-liġi ta' dak l-Istat jew, fin-nuqqas ta' regoli rilevanti, għall-unità territorjali li magħha l-persuna għandha l-eqreb konnessjoni.**

189 Dan l-Artikolu jindika l-proċedura applikabbli meta, f'sitwazzjoni internazzjonali, il-liġi magħżula mill-Protokoll hija dik ta' sistema mhux unifikata, li fiha żewġ sistemi ġuridiċi jew setttijiet ta' normi ġuridiċi jew aktar japplikaw għall-obbligi ta' manteniment f'unitajiet territorjali differenti. Ta' min jinnota li din il-kwistjoni ma tirriżultax biss fi Stati b'ħafna unitajiet, iżda tista' sseħħ ukoll fl-Istati Kontraenti kollha għall-Protokoll meta dan tal-aħħar jindika bħala applikabbli l-liġi ta' Stat b'diversi unitajiet. Jekk, pereżempju, il-Protokoll jindika l-liġi ta' Stat A peress li l-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu f'dak l-Istat, u dak l-Istat huwa sistema mhux unifikata, l-awtorità li quddiemha jitressaq il-każ fi Stat B (Parti għall-Protokoll) ikollha tiffaċċja l-kwistjoni li tiddetermina jekk ir-regoli applikabbli humiex dawk ta' unità waħda jew oħra tad-diversi unitajiet territorjali ta' Stat A.

**Paragrafu 2 – Għall-fini li tiġi identifikata l-liġi applikabbli taħt il-Protokoll fejn l-Istat ikun magħmul minn żewġ unitajiet territorjali jew aktar li kull waħda minnhom ikollha s-sistema ġuridika jew settijiet ta' normi ġuridiċi tagħha fir-rigward ta' materji koperti minn dan il-Protokoll, ir-regoli li ġejjin japplikaw –**

**Subparagrafu *a)* – jekk hemm regoli fis-seħħ fi Stat bħal dan li jidentifikaw liema liġi ta' liema unità territorjali hija applikabbli, tapplika l-liġi ta' dik l-unità;**

**Subparagrafu *b)* – fin-nuqqas ta' tali regoli, tapplika l-liġi tal-unità territorjali rilevanti kif definita fil-paragrafu 1.**

190 L-Artikolu 16(2) jipprovdi li biex tiġi identifikata f'dan il-każ il-liġi applikabbli taħt il-Protokoll, ir-regoli fis-seħħ fl-Istat ikkonċernat li jidentifikaw l-unità territorjali, il-liġi li hija applikabbli, tkun applikata l-ewwel (l-Artikolu 16(2) *a)*). Fl-eżempju tagħna, l-awtorità fl-Istat B għaldaqstant tistrieħ l-ewwel fuq ir-regoli applikabbli fi Stat A sabiex isolvi l-kunflitti bejn it-territorji; dan jista' jirriżulta, pereżempju, fl-applikazzjoni tal-liġi ta' unità territorjali differenti minn dik fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu (pereżempju l-liġi tar-residenza abitwali tad-debitur, jekk dak il-kriterju huwa użat fi Stat A).

191 Huwa biss fin-nuqqas ta' regoli domestiċi bħal dawn, u għalhekk fuq bażi strettament sussidjarja, li l-liġi applikabbli tkun identifikata skont ir-regoli tal-Protokoll (l-Artikolu 16(2) *a)*). Għal dan il-għan, l-Artikolu 16(1) jispeċifika kif għandhom ikunu interpretati l-kunċetti użati fil-Protokoll; din id-dispożizzjoni tapplika biss jekk japplika s-subparagrafu 2 *b)*. L-idea ġenerali wara din id-dispożizzjoni hija li jinstabu l-elementi spazjali ta' konnessjoni magħżulin mill-Protokoll fl-unità territorjali fejn jinstabu attwalment.

192 B'hekk, kull referenza għal-liġi tal-Istat tirreferi, jekk applikabbli, għal-liġi fis-seħħ fl-unità territorjali rilevanti (l-Artikolu 16(1) *a)*; pereżempju "liġi tal-forum" tinftiehem li tfisser il-liġi fis-seħħ fl-unità territorjali fejn tinsab l-awtorità li quddiemha jitressaq il-każ). Bl-istess mod, kull referenza għall-awtoritajiet jew il-korpi pubbliċi kompetenti ta' dak l-Istat tinftiehem li tirreferi, fejn xieraq, għall-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi pubbliċi awtorizzati li jaġixxu fl-unità territorjali rilevanti (pereżempju d-dritt ta' korp pubbliku li jitlob ir-rimborż ta' benefiċċju pprovdut lill-kreditur taħt l-Artikolu 10 jkun irregolat mil-liġi fis-seħħ fl-unità territorjali fejn il-korp huwa awtorizzat li jaġixxi). Bl-istess mod, kwalunkwe referenza għar-residenza abitwali f'dak l-Istat tinftiehem li tirreferi, fejn xieraq, għar-residenza abitwali fl-unità territorjali rilevanti (b'hekk, il-liġi applikabbli taħt l-Artikolu 3 tkun dik fis-seħħ fl-unità territorjali fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu).

193 Ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll jużaw il-kunċett tan-nazzjonalità (l-Artikoli 4(4), 6 u 8(1) *a)*), u dan ftit li xejn huwa adattat għas-soluzzjoni ta' kunflitti interni għas-sempliċi raġuni li l-unitajiet territorjali ta' Stat b'diversi unitajiet normalment ma jagħtux nazzjonalità separata minn dik tal-Istat inkwistjoni. Huwa għalhekk li, f'każijiet bħal dawn, is-subparagrafi *d)* u *e)* tal-Artikolu 16(1) jipprovdu li fl-assenza ta' regoli rilevanti fl-Istat inkwistjoni, il-liġi applikabbli tkun dik tal-unità territorjali li magħha l-persuna għandha l-akbar konnessjoni. Ċertament mhux faċli li wieħed jimplimenta din is-soluzzjoni, iżda naturalment din tevita l-istaġnar.

**Paragrafu 3 – Dan l-Artikolu ma japplikax għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.**

194 Skont il-paragrafu 3, l-Artikolu 16 ma japplika għal REIOs. L-Istati li jiffurmaw organizzazzjonijiet bħal

dawn huma Stati indipendenti u għaldaqstant ma jistgħux jiġu trattati bħall-unitajiet territorjali ta' Stati b'diversi unitajiet.

*Artikolu 17 Sistemi ġuridiċi mhux unifikati – kunflitti interpersonali*

**Għall-fini li tiġi identifikata l-liġi applikabbli taħt il-Protokoll fejn Stat għandu żewġ sistemi ġuridiċi jew settijiet ta' normi ġuridiċi jew iktar li jkunu applikabbli għal kategoriji differenti ta' persuni fir-rigward ta' materji koperti minn dan il-Protokoll, kull referenza għal-liġi ta' dan l-Istat tinftiehem li tirreferi għas-sistema legali iddeterminata mir-regoli fis-seħħ f'dak l-Istat.**

195 Dan l-Artikolu jirreferi għas-sitwazzjoni li fiha l-liġi indikata mill-Protokoll hija dik ta' Stat li għandu diversi sistemi ġuridiċi jew settijiet ta' normi ġuridiċi applikabbli għal diversi kategoriji ta' persuni (pereżempju fuq il-bażi tar-reliġjon). F'dan il-każ, l-uniku kriterju wżat huwa dak ta' referenza għar-regoli dwar il-kunflitt intern tal-Istat ikkonċernat. Din is-soluzzjoni tirrifletti dik adottata fil-Konvenzjonijiet kollha tal-Aja li kkunsidraw il-kwistjoni. Hija meħtieġa peress li r-regoli tal-Protokoll, normalment ibbażati fuq kriterju territorjali, mhumiex adattati għas-soluzzjoni ta' kunflitti interpersonali. Għall-kuntrarju ta' Konvenzjonijiet oħrajn, il-Protokoll ma jipprovdix għal kriterju sussidjarju għal każijiet fejn ma hemm l-ebda regola interna fl-Istat ikkonċernat. Kien issuġġerit fis-Sessjoni Diplomatika li l-Istati li għandhom diversi sistemi mhux unifikati ta' liġi applikabbli għal diversi kategoriji ta' persuni fil-qasam tal-obbligi ta' manteniment u l-ebda regola dwar il-kunflitti interni relatata għandhom jadottaw dawn ir-regoli qabel ma jsiru Partijiet Kontraenti għall-Protokoll.

*Artikolu 18 Koordinazzjoni ma' Konvenzjonijiet preċedenti tal-Aja dwar il-Manteniment*

**Fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti, dan il-Protokoll jissostitwixxi l-*Konvenzjoni tal-Aja tat-2 ta' Ottubru 1973 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment* u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-24 ta' Ottubru 1956 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment lejn it-tfal.**

196 Dan l-Artikolu jispeċifika li l-Protokoll huwa maħsub, f'relazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti, li jissostitwixxi l-Konvenzjonijiet tal-Aja tal-1956 u tal-1973 dwar il-Manteniment. Din ir-regola tirriproduċi, *mutatis mutandis*, dik li tinsab fl-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni tal-1973.

197 Is-sostituzzjoni sseħħ biss fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti, li jfisser li l-Konvenzjonijiet preċedenti jibqgħu applikabbli, anki fi Stat li sar Parti għall-Protokoll, f'relazzjonijiet ma' Stati oħrajn li huma Parti għal dawk l-istrumenti u ma ssieħbux fil-Protokoll.

198 Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1956 dwar il-Manteniment hija applikabbli biss meta twassal għall-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat Kontraenti. Għaldaqstant, hija ma ssostni l-ebda effett *erga omnes*.[69] L-Artikolu 18 jipprovdi wkoll li "fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti", il-Protokoll jissostitwixxi l-Konvenzjoni tal-1956 mingħajr ma jeżiġi t-terminazzjoni tagħha. Din id-dispożizzjoni għaldaqstant tikkawża b'mod ċar li l-applikazzjoni tal-Protokoll tipprevali fuq il-Konvenzjoni preċedenti, għall-inqas bejn l-Istati Parti għaż-żewġ strumenti. Ċertament, wieħed jista' jikkonkludi mill-Artikolu 18 li jippermetti lil Stat Parti għaż-żewġ strumenti li jiddevja mill-applikazzjoni tal-Protokoll f'relazzjonijiet ma' Stat Parti għall-Konvenzjoni tal-1956 iżda li mhux marbut bil-Protokoll. Sitwazzjoni bħal din tkun eċċezzjonali fi kwalunkwe każ, iżda fuq kollox, ikun diffiċli li wieħed jindirizzaha fin-nuqqas ta' kriterju speċifiku biex wieħed jiddetermina f'liema każijiet ir-relazzjonijiet ma' Stat bħal dan huma inkwistjoni. Fid-dawl ta' din l-ambigwità, l-għan tal-Artikolu 18 jista' jintuża bħala ispirazzjoni li tiffavorixxi l-applikazzjoni tal-Protokoll f'każ bħal dan ukoll.

199 Il-koordinazzjoni mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli) hija aktar diffiċli, peress li dak l-istrument isostni, bħall-Protokoll, applikazzjoni universali.[70] Bħal fil-każ tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1956 dwar il-Manteniment, l-effett tal-Artikolu 18 huwa li għall-inqas "fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti", il-Protokoll jipprevali mingħajr ma jeżiġi t-terminazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1973. U wieħed jista' jikkonkludi wkoll li din id-dispożizzjoni tippermetti lil Stat Parti għall-Protokoll u għall-Konvenzjoni tal-1973 li jiddevja mill-applikazzjoni tal-Protokoll fir-relazzjonijiet tiegħu ma' Stat Parti għall-Konvenzjoni tal-1973 iżda mhux għall-Protokoll. Dan ma jsolvix, madankollu, il-kwistjoni tal-kunflitt ta' strumenti f'sitwazzjonijiet fejn, fil-prattika, iż-żewġ strumenti jwasslu għal soluzzjonijiet differenti, fin-nuqqas ta' kriterju biex ikun iddeterminat meta l-kwistjoni hija waħda ta' "relazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti". Dawn il-każijiet aktarx li huma aktar komuni minn dawk taħt il-paragrafu preċedenti, minħabba l-applikazzjoni universali taż-żewġ strumenti. Fid-dawl ta' din id-diffikultà, iktar hemm lok li jintuża l-għan tal-Artikolu 18 bħala ispirazzjoni favur l-applikazzjoni tal-Protokoll, sistema aktar moderna ddestinata li tieħu post l-effett tar-regoli fil-Konvenzjoni tal-1973, minflok l-applikazzjoni ta' din tal-aħħar. Din il-konklużjoni tista' tkun appoġġjata aktar mill-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni tal-1973, li jgħid li "din il-Konvenzjoni ma taffettwa l-ebda strument internazzjonali ieħor li fih dispożizzjonijiet dwar kwistjonijiet irregolati minn din il-Konvenzjoni li għaliha Stat Kontraenti huwa, jew isir, Parti".

*Artikolu 19 Koordinazzjoni ma' strumenti oħrajn*

**Paragrafu 1 – Dan il-Protokoll ma jaffetwa l-ebda strument internazzjonali ieħor li tiegħu l-Istati Kontraenti huma jew isiru Partijiet u li jkun fih dispożizzjonjiet dwar materji irregolati mill-Protokoll, sakemm ma ssirx xi dikjarazzjoni kuntrarja għal dan mill-Istati Partijiet ta' tali strument.**

200 Il-koordinazzjoni ma' strumenti oħrajn hija aktar faċli: skont l-Artikolu 19, il-Protokoll ma jaffettwa l-ebda strument internazzjonali li tiegħu l-Istati Kontraenti huma

[69] Ara l-Art. 6 ta' din il-Konvenzjoni.

[70] Ara l-Art. 3 tal-Konvenzjoni tal-1973 u l-Art. 2 tal-Protokoll.

jew isiru Partijiet u li fih dispożizzjonijiet relatati mal-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment. Il-Protokoll jipprevali fuq dawn l-istrumenti preċedenti jew sussegwenti biss fil-każ ta' dikjarazzjoni kuntrarja mill-Istati marbuta minn tali strumenti.

**Paragrafu 2 – Il-paragrafu 1 japplika wkoll għal-liġijiet uniformi bbażati fuq rabtiet speċjali ta' natura reġjonali jew ta' natura oħra bejn l-Istati kkonċernati.**

201 Ta' min jinnota li skont l-Artikolu 19(2), din is-soluzzjoni tapplika wkoll għal relazzjonijiet bejn il-Protokoll u l-liġijiet uniformi bbażati fuq l-eżistenza ta' rabtiet speċjali bejn l-Istati kkonċernati, b'mod partikolari ta' natura reġjonali. Minn dan jirriżulta, pereżempju, li l-Protokoll iċedi, jekk japplika, għal strument reġjonali futur li jirregola l-istess suġġett.

*Artikolu 20 Interpretazzjoni uniformi*

**Fl-interpretazzjoni ta' dan il-Protokoll, għandu jitqies il-karattru internazzjonali tiegħu u l-ħtieġa li tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi tiegħu.**

202 Permezz ta' din id-dispożizzjoni, li saret tradizzjonali fl-istrumenti uniformi kollha tal-liġi, l-Istati Partijiet għall-Protokoll jaqblu, fl-interpretazzjoni tal-Protokoll, li jqisu l-karattru internazzjonali tiegħu u l-ħtieġa li jippromwovu l-applikazzjoni uniformi tiegħu. Dan jimplika fost l-oħrajn l-obbligu tal-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti li jikkunsidraw, safejn ikun possibbli, id-deċiżjonijiet meħudin taħt il-Protokoll fl-Istati Kontraenti l-oħrajn. Naturalment, dawk id-deċiżjonijiet għandhom awtorità persważiva biss, peress li l-awtoritajiet tal-Istati l-oħrajn mhumiex marbuta li jobduhom.

*Artikolu 21 Reviżjoni tat-tħaddim fil-prattika tal-Protokoll*

**Paragrafu 1 – Is-Segretarju Ġenerali tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat ilaqqa' kif meħtieġ Kummissjoni Speċjali bl-iskop li tirrevedi t-tħaddim fil-prattika tal-Protokoll.**

203 Biex jiggarantixxi s-sorveljanza xierqa, l-Artikolu 21 jipprovdi li s-Segretarju Ġenerali jista', skont il-ħtieġa, ilaqqa' Kummissjoni Speċjali sabiex tirrevedi t-tħaddim fil-prattika tal-Protokoll.

**Paragrafu 2 – Għall-fini ta' din ir-reviżjoni l-Istati Kontraenti jikkooperaw mal-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fil-ġbir tal-ġurisprudenza dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll.**

204 Bl-istess skop, u bl-għan li jiffaċilitaw l-aċċess mill-awtoritajiet tal-Istati Kontraenti għad-deċiżjonijiet meħuda fl-Istati l-oħrajn skont il-Protokoll, l-Istati Kontraenti jaqblu li jikkollaboraw mal-Uffiċċju Permanenti fil-ġbir tal-ġurisprudenza rigward l-applikazzjoni tal-Protokoll.

*Artikolu 22 Dispożizzjonijiet tranżitorji*

**Dan il-Protokoll ma japplikax għall-manteniment mitlub fi Stat Kontraenti relatat ma' perjodu preċedenti għad-dħul fis-seħħ tiegħu f'dak l-Istat.**

205 Skont dan l-Artikolu, il-Protokoll ma japplikax għall-manteniment mitlub fi Stat Kontraenti relatat ma' perjodu preċedenti għad-dħul fis-seħħ tiegħu. L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li jiġi evitat li r-regoli ġodda jkollhom impatt fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-partijiet li kienu jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom. Din is-soluzzjoni tikkorrispondi għal dik li tinsab fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli).[71]

206 Għall-kuntrarju tal-Konvenzjoni (ara l-Artikolu 56(1)), il-Protokoll għaldaqstant mhuwiex ser japplika għall-proċeduri kollha mibdija wara d-dħul fis-seħħ tiegħu; u min-naħa l-oħra, mhijiex eskluża l-applikazzjoni tiegħu jekk il-proċeduri kienu miftuħa qabel dik id-data. Għall-kuntrarju, ser ikun meħtieġ li jiġi ddeterminat fi kwalunkwe każ *għal-liema perjodu* qed jintalab il-manteniment. Jekk ikun qed jintalab għal perjodu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tal-istrument il-ġdid (pereżempju jekk il-kreditur jitlob il-ħlas tal-arretrati), il-Protokoll ma japplikax, anki jekk l-azzjoni tinfetaħ wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. L-obbligu ta' manteniment jibqa' soġġett, għal dak il-perjodu, għar-regoli tad-dritt internazzjonali privat (ibbażat fuq sorsi konvenzjonali jew domestiċi) li kienu applikabbli fl-Istat tal-forum qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll. Bil-maqlub, awtorità meħtieġa li tiddeċiedi wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll rigward manteniment dovut għall-futur ikollha tapplika l-istrument, anki jekk l-azzjoni tkun ittieħdet qabel id-dħul fis-seħħ.

*Artikolu 23 Firma, ratifika u adeżjoni*

**Paragrafu 1 – Dan il-Protokoll huwa miftuħ għall-firma tal-Istati kollha.**

**Paragrafu 2 – Dan il-Protokoll huwa soġġett għar-ratifika, għall-aċċettazzjoni jew għall-approvazzjoni tal-Istati firmatarji.**

**Paragrafu 3 – Dan il-Protokoll huwa miftuħ għall-adeżjoni tal-Istati kollha.**

**Paragrafu 4 – L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni jkunu depożitati mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, id-depożitarju tal-Protokoll.**

207 Din id-dispożizzjoni tikkorrispondi għal dik li tinsab fil-parti l-kbira tal-Konvenzjonijiet tal-Aja. Ir-regoli li tistabbilixxi għall-iffirmar, ir-ratifikazzjoni u l-adeżjoni jikkonformaw mas-soluzzjonijiet tradizzjonali, u għaldaqstant ma jeħtieġu l-ebda kumment partikolari.[72]

208 F'każ ta' strument li juża t-titolu ta' Protokoll, din id-dispożizzjoni hija ta' importanza partikolari, madankollu, peress li tistabbilixxi l-prinċipju tal-awtonomija ta' dak l-istrument b'rabta mal-Konvenzjoni li magħha kien żviluppat. Kif diġà kien innutat, kull Stat jista' jiffirma, jirratifika jew jaderixxi għall-Protokoll, anki jekk ma jkunx iffirma, irratifika jew aderixxa għall-Konvenzjoni. Wara xi ftit eżitazzjoni, din is-soluzzjoni kienet adottata fis-Sessjoni Diplomatika, mingħajr ma

[71] Ir-Rapport ta' Verwilghen (*op. cit.* in-nota 14), il-paragrafi 182 *et seq.*

[72] Ara l-Art. 58 tal-Konvenzjoni u l-paragrafi 689-694 tar-Rapport ta' Borrás-Degeling.

tiġġustifika fl-opinjoni tad-delegati bidla fit-titolu minn Protokoll għal Konvenzjoni (ara *supra*, il-paragrafi 15 *et seq.*).

*Artikolu 24 Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika*

**Paragrafu 1 – Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li hija magħmula minn Stati sovrani biss u li għandha l-kompetenza fuq il-materji kollha rregolati minn dan il-Protokoll jew fuq xi wħud minnhom tista' wkoll tiffirma, taċċetta, tapprova u taderixxi għall-Protokoll. F'dak il-każ, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika jkollha d-drittijiet u l-obbligi ta' Stat Kontraenti, sa fejn l-Organizzazzjoni għandha kompetenza fuq materji rregolati mill-Protokoll.**

**Paragrafu 2 – L-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika, fil-mument tal-iffirmar, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni, tavża lid-depożitarju bil-miktub dwar il-materji rregolati mill-Protokoll li fir-rigward tagħhom ġiet trasferita l-kompetenza għal dik l-organizzazzjoni mill-Istati Membri tagħha. L-Organizzazzjoni tinnotifika minnufih lid-depożitarju bil-miktub dwar kull bidla fil-kompetenza tagħha kif speċifikat fl-avviż l-iktar reċenti mogħti taħt dan il-paragrafu.**

**Paragrafu 3 – Fil-mument tal-firma, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni, Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika tista' tiddikjara, skont l-Artikolu 28, li teżerċita kompetenza fuq il-materji kollha rregolati mill-Protokoll u li l-Istati Membri li ttrasferew il-kompetenza lill-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika fir-rigward tal-materja inkwistjoni jkunu marbuta bil-Protokoll permezz tal-firma, l-aċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni tal-Organizzazzjoni.**

**Paragrafu 4 – Għall-finijiet tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, kull strument iddepożitat minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika ma jitteħidx f'konsiderazzjoni sakemm l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika ma tagħmilx dikjarazzjoni skont il-paragrafu 3.**

**Paragrafu 5 – Kull referenza għal "Stat Kontraenti" jew "Stat" fil-Protokoll tapplika b'mod ugwali, fejn ikun xieraq, għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li hi Parti fih. Fil-każ li tkun magħmula dikjarazzjoni minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika skont il-paragrafu 3, kull referenza għal "Stat Kontraenti" jew "Stat" fil-Protokoll tapplika b'mod ugwali, fejn ikun xieraq, għall-Istati Membri rilevanti tal-Organizzazzjoni.**

209 Bħall-Konvenzjoni (ara l-Artikolu 59), il-Protokoll jinkludi dispożizzjoni li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom REIO tista' ssir Parti għalih. Din hija klawsola finali ta' oriġini reċenti, li tinsab biss fl-aħħar strumenti adottati fil-Konferenza tal-Aja.[73] Ta' min jiftakar li l-Istatut tal-Konferenza tal-Aja kien ukoll emendat fl-2007 sabiex jippermetti lill-REIOs isiru Membri tal-Konferenza.[74] Din l-evoluzzjoni hija marbuta l-aktar mal-evoluzzjoni li seħħet fl-Unjoni Ewropea taħt it-Trattat ta' Amsterdam, li permezz tiegħu l-Komunità Ewropea kisbet setgħat domestiċi u esterni fir-rigward tad-dritt internazzjonali privat. Il-Komunità Ewropea saret Membru tal-Konferenza fit-3 ta' April 2007. Naturalment, l-Artikolu 24 huwa mfassal f'termini ġenerali u jista' japplika, kif meħtieġ, għal REIOs oħrajn li jistgħu jkollhom setgħat fil-kwistjonijiet irregolati mill-Protokoll.

210 Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma eżattament dawk tal-Artikolu 59 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, għal kummentarju, nirreferu għall-paragrafi 695 sa 700 tar-Rapport ta' Borrás-Degeling.

*Artikolu 25 Dħul fis-seħħ*

**Paragrafu 1 – Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-depożitu tat-tieni strument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni msemmi fl-Artikolu 23.**

211 Rigward id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, l-Artikolu 25(1) jeħtieġ id-depożitu ta' żewġ strumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni. Din is-soluzzjoni, li hija l-istess waħda wżata fil-Konvenzjoni (ara l-Artikolu 60) u fi strumenti oħrajn adottati dan l-aħħar mill-Konferenza tal-Aja,[75] hija partikolarment favorevoli għad-dħul fis-seħħ tal-istrument. Hija ġġustifikata minħabba l-kunsiderazzjoni li ma hemm xejn ħażin fl-applikazzjoni tal-Protokoll bejn żewġ Stati biss, jekk dawn ikunu jixtiequ hekk. Ta' min ifakkar li, irrispettivament min-numru ta' Stati Partijiet għalih, il-Protokoll japplika *erga omnes* (ara l-Artikolu 2).

**Paragrafu 2 – Minn hemm 'il quddiem dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ –**

**Subparagrafu *a)* – għal kull Stat jew Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika msemmija fl-Artikolu 24 li iktar tard jirratifikaw, jaċċettaw, japprovaw jew jaderixxu għalih, fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-depożitu tal-istrument tagħhom ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni;**

**Subparagrafu *b)* – għal unità territorjali li għaliha jkun ġie estiż dan il-Protokoll skont l-Artikolu 26, fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mill-avviż tad-dikjarazzjoni msemmi f'dak l-Artikolu.**

212 Ir-regoli l-oħrajn fl-Artikolu 25 huma wkoll l-istess bħal dawk fl-Artikolu 60 tal-Konvenzjoni, u strumenti oħrajn adottati mill-Konferenza tal-Aja.

---

[73] B'mod partikolari, l-Art. 29 tal-*Konvenzjoni tal-Aja tat-30 ta' Ġunju 2005 dwar il-Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti;* l-Art. 18 tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Liġi Applikabbli għal Ċerti Drittijiet fir-Rigward ta' Titoli miżmuma minn Intermedjarju.*
[74] Ara l-Art. 3 tal-Istatut.
[75] Ara l-Art. 31 tal-*Konvenzjoni tal-Aja tat-30 ta' Ġunju 2005 dwar il-Ftehimiet dwar l-Għażla tal-Qorti* u l-Art. 19 tal-*Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Liġi Applikabbli għal Ċerti Drittijiet fir-Rigward ta' Titoli miżmuma minn Intermedjarju.*

*Artikolu 26 Dikjarazzjonijiet rigward sistemi ġuridiċi mhux unifikati*

**Paragrafu 1 – Jekk Stat ikollu żewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom japplikaw sistemi differenti ta' liġijiet fil-każ ta' suġġetti ttrattati f'dan il-Protokoll, jista' meta jiffirma, jirratifika, jaċċetta, japprova jew jaderixxi, jiddikjara skont l-Artikolu 28 li l-Protokoll jestendi għall-unitajiet territorjali tiegħu kollha jew biss għal waħda jew aktar minnhom u jista' jimmodifika din id-dikjarazzjoni billi jissottometti dikjarazzjoni oħra fi kwalunkwe ħin.**

**Paragrafu 2 – Kull dikjarazzjoni bħal din tiġi nnotifikata lid-depożitarju u tiddikjara espressament l-unitajiet territorjali li għalihom japplika dan il-Protokoll.**

**Paragrafu 3 – Jekk Stat ma jagħmel l-ebda dikjarazzjoni skont dan l-Artikolu, il-Protokoll jestendi għall-unitajiet territorjali kollha ta' dak l-Istat.**

**Paragrafu 4 – Dan l-Artikolu ma japplikax għal Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika.**

213 F'konformità mal-approċċ tradizzjonali, l-Artikolu 26(1) jippermetti lil Stat li jkollu żewġ unitajiet territorjali jew aktar li fihom japplikaw sistemi ġuridiċi differenti fir-rigward ta' kwistjonijiet trattati mill-Protokoll li jiddikjara li dan l-istrument ikun estiż għall-unitajiet territorjali kollha tiegħu jew għal waħda jew xi wħud minnhom. Fin-nuqqas ta' dik id-dikjarazzjoni, il-Protokoll japplika għat-territorju kollu ta' dak l-Istat (l-Artikolu 26(3)).

*Artikolu 27 Riżervi*

**Ma jistgħux isiru riżervi għal dan il-Protokoll.**

214 Dan l-Artikolu huwa importanti ħafna, peress li jistabbilixxi l-prinċipju li ma tista' ssir l-ebda riżerva għall-Protokoll. Kif imsemmi hawn fuq (ara *supra*, il-paragrafu 25), din is-soluzzjoni hija differenti ħafna minn dik tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1973 dwar il-Manteniment (il-Liġi Applikabbli), li tippermetti lill-Istati jillimitaw l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni għal ċerti obbligi ta' manteniment (bħal dawk bejn il-konjuġi u l-ex-konjuġi u / jew dawk lejn persuna taħt l-età ta' 21 sena li ma żżewġitx; ara l-Artikolu 13), jew li jeskludu l-applikazzjoni tagħha għal ċerti obbligi ta' manteniment (bejn persuni relatati b'mod kollaterali jew b'affinità jew, f'ċerti każijiet, bejn konjuġi li ddivorzjaw jew li sseparaw, jew li ż-żwieġ tagħhom ġie ddikjarat null jew bla effett; ara l-Artikolu 14). Barra minn hekk, l-Artikolu 15 ta' dik il-Konvenzjoni jippermetti r-riżerva tal-applikazzjoni tal-liġi tal-forum meta l-kreditur u d-debitur ikollhom in-nazzjonalità tal-Istat ikkonċernat u jekk id-debitur ikollu r-residenza abitwali tiegħu hemmhekk. Ir-riżervi ġew iddikjarati minn bosta Stati Kontraenti. Bis-saħħa tal-Artikolu 27, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll ma jistax ikun ristrett u ma tista' tkun ipprovduta l-ebda eċċezzjoni għas-soluzzjonijiet stabbiliti minn dan l-istrument fir-rigward tal-liġi applikabbli.

*Artikoli 28 sa 30 Dikjarazzjonijiet, denunzja, notifika*

*Artikolu 28 Dikjarazzjonijiet*

**Paragrafu 1 – Id-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 24(3) u 26(1) jistgħu jsiru mal-iffirmar, ir-ratifikazzjoni, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni jew fi kwalunkwe ħin wara, u jistgħu jiġu modifikati jew irtirati fi kwalukwe ħin.**

**Paragrafu 2 – Id-dikjarazzjonijiet, il-modifiki jew l-irtirar jiġu nnotifikati lid-depożitarju.**

**Paragrafu 3 – Dikjarazzjoni magħmula fil-mument tal-iffirmar, ir-ratifikazzjoni, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni tidħol fis-seħħ fl-istess ħin mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll għall-Istat ikkonċernat.**

**Paragrafu 4 – Dikjarazzjoni magħmula iktar tard, u kull modifika jew irtirar ta' dikjarazzjoni, tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' tliet xhur mid-data li fiha d-depożitarju jkun irċieva n-notifika.**

*Artikolu 29 Denunzja*

**Paragrafu 1 – Stat Kontraenti għal dan il-Protokoll jista' jiddenunzjah permezz ta' notifika bil-miktub indirizzata lid-depożitarju. Id-denunzja tista' tkun limitata għal ċerti unitajiet territorjali ta' Stat b'sistema ġuridika mhux unifikata li għalihom japplika dan il-Protokoll.**

**Paragrafu 2 – Id-denunzja tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' 12-il xahar mid-data li fiha d-depożitarju jkun irċieva n-notifika. Fejn fin-notifika jkun speċifikat żmien itwal biex id-denunzja tidħol fis-seħħ, id-denunzja tidħol fis-seħħ mal-iskadenza ta' dan il-perjodu itwal wara d-data li fiha d-depożitarju jkun irċieva n-notifika.**

*Artikolu 30 Notifika*

**Id-depożitarju jinnotifika lill-Membri tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, u Stati u Organizzazzjonijiet Reġjonali ta' Integrazzjoni Ekonomika oħrajn li jkunu ffirmaw, irratifikaw, aċċettaw, approvaw jew aderixxew skont l-Artikoli 23 u 24 dwar dan li ġej –**

**Paragrafu *a)* – il-firem, ir-ratifiki, l-aċċettazzjonijiet, l-approvazzjonijet u l-adeżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 23 u 24;**

**Paragrafu *b)* – id-data li fiha dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ skont l-Artikolu 25;**

**Paragrafu *c)* – id-dikjarazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 24(3) u 26(1);**

**Paragrafu *d)* – id-denunzji msemmija fl-Artikolu 29.**

215 Dawn l-Artikoli jirriproduċu soluzzjonijiet tradizzjonali. Ma jeħtieġu l-ebda kumment partikolari.

Lausanne, is-26 ta' Awwissu 2009

**Il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat**
**Il-Bureau Permanenti**
Churchillplein 6b
2517 JW L-Aja
Il-Pajjiżi l-Baxxi
Telefown: +31 70 363 3303
Faks: +31 70 360 4867
Posta elettronika: secretariat@hcch.net
Websajt: www.hcch.net

**DS-02-14-736-MT-N**

**ISBN 978-92-79-39264-1**

**doi : 10.2838/22920**